II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1469

tat-23 ta' Lulju 2014

dwar l-għajnuna mill-Istat SA.30743 (2012/C) (l-ex N 138/10) — il-Ġermanja — Il-finanzjament ta' proġetti ta' infrastruttura fl-ajruport ta' Leipzig/Halle (2)

(notifikata bid-dokument C(2014) 5071)

(Il-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu ([1]),

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li stiednet lill-partijiet l-oħra interessati jissottomettu l-kummenti tagħhom skont id-dispożizzjoni(jiet) imsemmija hawn fuq ([2]),

Billi:

1. PROĊEDURA

(1) Permezz ta' ittra datata t-12 ta' April 2010, għal raġunijiet ta' ċertezza legali, il-Ġermanja nnotifikat lill-Kummissjoni b'injezzjonijiet ippjanati ta' kapital f'Mitteldeutsche Flughafen AG ("MFAG") u fi Flughafen Leipzig/Halle GmbH ("FLH"). Il-Ġermanja għarrfet ukoll lill-Kummissjoni li l-injezzjonijiet ta' kapital notifikati huma soġġetti għall-approvazzjoni tagħha. Sadanittant, il-finanzjament tal-proġett se jsir permezz ta' self mill-azzjonisti, li allegatament ingħata skont termini tas-suq.

(2) Permezz ta' ittri datati l-10 ta' Ġunju 2010, is-26 ta' Novembru 2010 u t-3 ta' Marzu 2011, il-Kummissjoni talbet aktar informazzjoni dwar il-miżuri notifikati (inklużi l-kundizzjonijiet tas-self mill-azzjonisti). Fid-29 ta' Settembru 2010, fl-4 ta' Jannar 2011 u fis-26 ta' April 2011 il-Ġermanja ppreżentat informazzjoni addizzjonali.

(3) Permezz ta' ittra datata l-15 ta' Ġunju 2011, il-Kummissjoni għarrfet lill-Ġermanja bid-deċiżjoni tagħha li tibda l-proċedura prevista fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat ("deċiżjoni tal-ftuħ") fir-rigward tas-self mill-azzjonist u l-injezzjonijiet ta' kapital favur l-FLG. Il-Ġermanja tat il-kummenti tagħha dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ nhar il-15 ta' Awwissu 2011.

(4) Id-deċiżjoni tal-ftuħ tal-Kummissjoni ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. ([3]) Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati sabiex jgħaddu l-kummenti tagħhom dwar il-miżura inkwistjoni fi żmien xahar mid-data tal-pubblikazzjoni.

([1]) B'effett mill-1 ta' Diċembru 2009, l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE saru l-Artikoli 107 u 108, rispettivament, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-Trattat). Iż-żewġ settijiet ta' Artikoli huma, fis-sustanza tagħhom, identiċi. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, ir-referenzi għall-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat għandhom jinftehmu bħala referenzi għall-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE, fejn xieraq. It-Trattat introduċa wkoll ċerti bidliet fit-terminoloġija bħall-bdil ta' "Komunità" b'"Unjoni" u "suq komuni" b'"suq intern". It-terminoloġija tat-Trattat se tintuża b'mod konsistenti f'din id-Deċiżjoni.

([2]) ĠU C 284, 28.9.2011, p. 6.

([3]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 2.

(5) Il-Kummissjoni rċeviet ukoll kummenti dwar is-suġġett mingħand 34 parti interessata. Għaddiet dawn il-kummenti lill-Ġermanja fil-21 ta' Novembru 2011. Il-Ġermanja ngħatat l-opportunità li twieġeb għal dawn il-kummenti fi żmien xahar. Il-Kummissjoni rċeviet l-osservazzjonijiet tal-Ġermanja fl-20 ta' Diċembru 2011.

(6) Fl-14 ta' Marzu 2012, il-Kummissjoni bagħtet talba għal informazzjoni. Fis-26 ta' April 2012, il-Kummissjoni rċeviet it-tweġiba mingħand il-Ġermanja.

(7) Fil-15 ta' Mejju 2012, fl-20 ta' Lulju 2012 u fil-21 ta' Diċembru 2012 il-Kummissjoni talbet aktar informazzjoni. Il-Ġermanja wieġbet permezz ta' ittri datati t-28 ta' Ġunju 2012, l-10 ta' Settembru 2012, u l-15 ta' Jannar 2013.

(8) Fil-31 ta' Marzu 2014, il-Kummissjoni adottat il-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2014 ([4]) li"jissostitwixxu l-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-1994 ([5]) u tal-2005. ([6]). Fil-15 ta' April 2014 ġie ppubblikat avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* li stieden lill-Istati Membri u lill-partijiet interessati biex jippreżentaw kummenti dwar l-applikazzjoni tal-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2014, f'dan il-każ fi żmien xahar mid-data tal-pubblikazzjoni tal-Linji Gwida. ([7])

(9) Fl-14 ta' April 2014 il-Kummissjoni talbet aktar informazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji komuni għall-valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajnuna fid-dawl tal-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2014. Il-Ġermanja wieġbet permezz ta' ittra datata d-19 ta' Mejju 2014, is-26 ta' Mejju 2014, l-10 ta' Lulju 2014 u l-11 ta' Lulju 2014.

(10) Permezz ta' ittra datata s-17 ta' Lulju 2014, il-Ġermanja qablet li din id-Deċiżjoni tiġi adottata u notifikata bl-Ingliż.

2. **DESKRIZZJONI TAL-MIŻURI**

2.1. SFOND GĦALL-INVESTIGAZZJONI U GĦALL-PROĠETT TA' INFRASTRUTTURA

2.1.1. **L-ajruport ta' Leipzig/Halle**

(11) L-ajruport ta' Leipzig/Halle jinsab fl-Istat Ħieles ta' Sassonja fil-Ġermanja Ċentrali. L-ajruport huwa operat mill-FLH ([8]), li hija sussidjarja tal-MFAG ([9]). L-MFAG hija kumpanija azzjonarja b'tliet sussidjarji (l-FLH, l-Ajruport ta' Dresden GmbH u PortGround GmbH).

(12) Wara r-riunifikazzjoni tal-Ġermanja, twaqqaf pjan regolatorju għall-iżvilupp tal-ajruport. Dan il-pjan ippreveda l-bini ta' sistema b'żewġ runways fil-ġejjieni. Fl-1997, ġiet approvata l-bini tar-runway tat-tramuntana. Fl-2004, l-azzjonisti ddeċidew li jiffinanzjaw il-bini tar-runway tan-nofsinhar. ([10])

(13) Wara li fl-2007 bdiet l-operazzjoni tar-runway tan-Nofsinhar, id-DHL Express irrilokat l-attivitajiet ċentrali Ewropej tagħha minn Brussell għal Leipzig. Minbarra d-DHL Express, Leipzig Halle jintuża wkoll minn Lufthansa Cargo u minn linji tal-ajru oħra li jittrasportaw il-merkanzija bl-ajru. B'riżultat ta' dan, fl-2011 l-ajruport ta' Leipzig/Halle sar it-tieni l-akbar ajruport li jittrasporta l-merkanzija bl-ajru (wara l-ajruport ta' Frankfurt/Main) fil-Ġermanja. It-Tabella 1 tiġbor fil-qosor l-iżvilupp tat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija bl-ajru sa mill-2006.

([4]) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni - Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ajruporti u l-linji tal-ajru (ĠU C 99, 4.4.2014, p. 3).
([5]) Applikazzjoni tal-Artikoli 92 u 93 tat-Trattat tal-KE u l-Artikolu 61 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE għall-għajnuniet mill-Istat fis-settur tal-avjazzjoni (traduzzjoni mhux uffiċjali - ĠU C 350, 10.12.1994, p. 5).
([6]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni, Linji gwida Komunitarji dwar il-finanzjament tal-ajruporti u l-għajnuna ta' bidu lil linji tal-ajru li jitilqu mill-ajruporti reġjonali (traduzzjoni mhux uffiċjali - ĠU C 312, 9.12.2005, p. 1).
([7]) ĠU C 113, 15.4.2014, p. 30.
([8]) L-azzjonist prinċipali tal-FLH huwa Mitteldeutsche Flughafen AG, li għandha parteċipazzjoni ta' 94 fil-mija fl-FLH. Il-bqija tal-ishma huma propjetà ta' Freistaat Sachsen, Landkreis Nordsachen u Stadt Schkeuditz. Ma hemm ebda azzjonist privat.
([9]) L-azzjonisti tal-MFAG huma: 76,64 fil-mija Freistaat Sachsen, 18,54 fil-mija Land Sachsen-Anhalt, 2,52 fil-mija Stadt Dresden, 0,2 fil-mija Stadt Halle, 2,1 fil-mija Stadt Leipzig. Ma hemm ebda azzjonist privat.
([10]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/948/KE tat-23 ta' Lulju 2008 dwar miżuri mill-Ġermanja għall-benefiċċju tad-DHL u tal-ajruport Leipzig/Halle C 48/06 (ex N 227/06) (ĠU L 346, 23.12.2008, p. 1) kienu diġà ġew ivvalutati l-kontribuzzjonijiet kapitali mill-azzjonisti pubbliċi tal-FLG li kienu qed jiffinanzjaw il-bini tar-runway il-ġdida tan-Nofsinhar u miżuri oħra li jammontaw għal EUR 350 miljun u deċiżi sal-2006, u nstab li dawn huma kompatibbli mas-suq intern u, għalhekk, ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-investigazzjoni attwali.

Tabella 1

L-iżvilupp tat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija bl-ajru fl-ajruport ta' Leipzig/Halle mill-2006 – 2013

Sena	L-iżvilupp tat-trasport tal-passiġġieri	L-iżvilupp tat-trasport tal-merkanzija bl-ajru u tas-servizzi postali f'tunnellati	Il-movimenti tal-inġenji tal-ajru (merkanzija u passiġġieri)
2006	2 348 011	29 330	42 417
2007	2 723 748	101 364	50 972
2008	2 462 256	442 453	59 924
2009	2 421 382	524 084	60 150
2010	2 352 827	663 059	62 247
2011	2 266 743	760 355	64 097
2012	2 286 151	863 665	62 688
2013	2 240 860	887 101	61 668

Sors: L-ajruport ta' Leipzig Halle (www.leipzig-halle-airport.de).

2.1.2. **Ħarsa ġenerali lejn il-programm ta' investiment fl-infrastruttura**

(14) L-għan tas-self mill-azzjonisti u tal-injezzjonijiet ta' kapital huwa l-finanzjament tal-infrastruttura u tal-miżuri relatati mal-infrastruttura mqassra fit-Tabella 2 u jammontaw għal EUR 255,6 miljun.

Tabella 2

Ħarsa ġenerali lejn il-programm ta' investiment fl-infrastruttura fl-ajruport ta' Leipzig/Halle

Numru	Deskrizzjoni	Spejjeż ibbaġittjati/ spejjeż antiċipati (f'EUR)
M1	Akkwist ta' art/rilokazzjoni/tnaqqis tal-istorbju/ippjanar li jakkumpanja l-konservazzjoni tal-pajsaġġ	[…] (*)
M2	Struttura għall-ittestjar tal-magni	(…)
M3	It-taxiway u l-pont li jaqsam E7	(…)
M4	Estensjoni tar-runway tat-Tramuntana għat-tluġh u għall-illandjar: spejjeż tal-ippjanar	(…)
M5	Ikklerjar tas-sit bi tħejjija għall-bini tat-taxiway Victor kif ukoll stazzjonijiet ġodda għat-tifi tan-nar/ħangar b'għanijiet multipli	(…)
M6	Taxiway parallela Victor	(…)
M7	Żoni addizzjonali għat-tneħħija tas-silġ	(…)
M8	Ħeliport	(…)
M9.1 – M9.4	Miżuri addizzjonali ta' infrastruttura: Bini mill-ġdid tal-Punt ta' Kontroll (Checkpoint) I Bini funzjonali tas-sigurtà *Akkwist ta' tagħmir tekniku* Farm għall-Annimali	(…)

Numru	Deskrizzjoni	Spejjeż ibbaġittjati/ spejjeż antiċipati (fʼEUR)
M10	Tnaqqis addizzjonali tal-istorbju	(…)
M11	Faża 1 tal-iżvilupp tal-land side taż-żona tax-Xlokk	(…)
M12	Proċedura ta' approvazzjoni tal-pjan għall-estensjoni fin-Nofsinhar	(…)
M13	Espansjoni tar-rampa tat-Tramuntana	(…)
M14	Espansjoni tar-rampa tal-Lvant	(…)
M15	Adattament tal-infrastruttura	(…)
M16	Miżuri addizzjonali ta' infrastruttura: Estensjoni tal-ħangar fiż-żona tatTtramuntana (M16.1) Bini ta' terminal ġdid tal-avjazzjoni u ta' ħangar għall-ajruplani żgħar (M16.2)	(…)
	Total	**255,625 miljun**

(*) kopert mill-obbligu tas-segretezza professjonali.

(15) M1 – Miżuri estensivi għat-tnaqqis tal-istorbju (inklużi l-akkwist ta' art, rilokazzjoni, ippjanar li jakkumpanja l-konservazzjoni tal-pajsaġġ: skont id-deċiżjoni ta' approvazzjoni tal-pjan għar-runway tan-Nofsinhar u għar-rampi tal-ajruport ([11]), l-ajruport ta' Leipzig/Halle jrid jimplimenta miżuri għat-tnaqqis tal-istorbju fiż-żona ta' protezzjoni għal matul il-lejl. Din iż-żona ta' protezzjoni għal matul il-lejl suppost kellha tkopri żona ta' madwar 211-il km^2 b'madwar 6 000 dar residenzjali. Wara l-ewwel kalkolu ġdid taż-żona ta' protezzjoni għal matul il-lejl li sar fl-aħħar ta' Frar 2009, iż-żona inizjali ta' protezzjoni kellha tiġi estiża b'madwar 4 000 dar residenzjali oħra.

(16) M2 - Struttura għall-ittestjar tal-magni: bejn l-2007 u l-2008 inbniet struttura ġdida għall-ittestjar tal-magni fl-ajruport ta' Leipzig/Halle. L-ajruport ta' Leipzig/Halle jopera 24 siegħa kuljum, u għalhekk għandu joffri faċilitajiet biex isiru testijiet fuq il-magni tal-ajruplani kemm binhar kif ukoll matul il-lejl. L-istruttura għall-ittestjar tal-magni twaqqfet bħala struttura magħluqa biex jiġu limitati l-emissjonijiet akustiċi.

(17) M3 – It-taxiway u l-pont li jaqsam 'E7': biex jittaffa l-piż fuq it-taxiways u fuq il-pontijiet li jaqsmu eżistenti u biex tiġi pprovduta alternattiva fil-każ ta' inċidenti jew ħsarat, inbnew it-taxiway u l-pont li jaqsam 'E7' fin-naħa tal-lvant tal-ajruport. Għal raġunijiet tekniċi, dan il-proġett ta' infrastruttura inqasam fi tliet proġetti sekondarji: il-pont li jaqsam ([12]), it-taxiway u t-tagħmir tekniku (dwal). Ix-xogħlijiet fuq il-proġett bdew fl-2008.

(18) M4 – Estensjoni tar-runway tat-Tramuntana għat-tlugħ u għall-illandjar (spejjeż tal-ippjanar) mit-3 600 metru attwali tagħha għal 3 800 metru: l-għan tal-estensjoni tar-runway tat-Tramuntana huwa li jiġi żgurat li inġenji tal-ajru tal-merkanzija b'piż massimu waqt it-tlugħ ("MTOW") ikunu jistgħu jitilqu mingħajr ebda restrizzjoni ta' tagħbija. L-ippjanar ta' dan il-proġett ta' infrastruttura beda fl-2008.

(19) M5 – Ikklerjar tas-sit bi tħejjija għall-bini tat-taxiway 'Victor', stazzjon ġdid għat-tifi tan-nar, il-ħangar I b'għanijiet multipli: l-istazzjon għat-tifi tan-nar u l-ħangar b'għanijiet multipli se jkollhom jitwaqqgħu u jinbnew mill-ġdid. Ix-xogħlijiet għall-bini mill-ġdid tal-ħangar I b'għanijiet multipli u fuq l-istazzjon għat-tifi tan-nar bdew f'Mejju 2009. Il-ħangar il-ġdid b'għanijiet multipli se jintuża għat-tagħmir għal servizzi li jingħataw fix-xitwa. Ix-xogħlijiet se jinkludu wkoll il-bini ta' faċilità tat-taħriġ għat-taqsima tat-tifi tan-nar.

([11]) Deċiżjoni ta' approvazzjoni tal-pjan għar-runway tan-nofsinhar għat-tlugħ u għall-illandjar u għar-rampa tal-ajruport ta' awtorità Ġermaniża responsabbli għall-ippjanar tal-4 ta' Novembru 2004 u l-ewwel emenda għal dik id-deċiżjoni tad-9 ta' Diċembru 2005.

([12]) L-ajruport ta' Leipzig/Halle għandu żewġ taxiways li jaqsmu r-rotot fuq l-art (l-awtostrada A14, linja ferrovjarja b'veloċità għolja, triq nazzjonali b'erba' karreġġati), li jfisser li jridu jinbnew pontijiet għat-taxiways.

(20) M6 – Taxiway parallela 'Victor': skont in-notifika, il-bini tat-taxiway 'Victor' bejn żewġ taxiways eżistenti hija essenzjali biex tkopri ż-żieda ulterjuri tal-kapaċitajiet fl-ajruport ta' Leipzig/Halle u biex tkopri l-kapaċitajiet finnaħa tal-Lbiċ tal-ajruport fl-eqqel ħinijiet u fil-każ ta' kundizzjonijiet klimatiċi mil-Lvant.

(21) M7 - Żoni addizzjonali għat-tneħħija tas-silġ: iż-żoni addizzjonali għat-tneħħija tas-silġ huma meħtieġa biex jiġi żgurat li t-tneħħija tas-silġ minn fuq l-inġenji tal-ajru ssir mingħajr xkiel u biex jiġi evitat dewmien minħabba infrastruttura inadegwata.

(22) M8 – Ħeliport: fl-2008-2009, fl-ajruport ta' Leipzig/Halle nħoloq spazju ta' parkeġġ għall-ħelikopters billi ġiet adattata u mmarkata l-istruttura tas-superfiċje; jintuża bħala bażi għal operazzjonijiet ta' salvataġġ u ta' emerġenza bl-ajru.

(23) M9.1 - Bini mill-ġdid tal-Punt ta' Kontroll I: il-punt ta' kontroll I irid jerġa' jinbena sabiex ikun konformi mar-Regolament (KE) Nru 2320/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([13]). Dan se jkun il-bażi għall-attivitajiet kollha ta' organizzazzjoni marbutin mas-sigurtà tal-ajruport (immaniġġjar tad-dritt ta' passaġġ u taċ-ċwievet, taħriġ fis-sigurtà, kompiti maniġerjali), kontrolli (pereżempju tal-persuni u tal-merkanzija), u servizzi ta' sigurtà (pereżempju servizzi għall-viżitaturi, VIP).

(24) M9.2 - Bini funzjonali tas-sigurtà: bini ġdid tas-sigurtà se jintuża mill-pulizija federali, mill-pulizija reġjonali, middwana u mis-Servizz Meteoroloġiku Ġermaniż.

(25) M9.3 - Akkwist ta' tagħmir tekniku: sabiex jadatta għall-infrastruttura l-ġdida, l-ajruport ta' Leipzig/Halle għandu wkoll jakkwista tagħmir addizzjonali għal servizzi li jingħataw fix-xitwa u tagħmir addizzjonali għat-tifi tan-nar. Iċ-ċint tal-perimetru tal-ajruport se jkollu jiġi rikonfigurat b'detetturi u b'tagħmir diġitali ta' sorveljanza bil-vidjo b'detezzjoni intelliġenti tal-moviment ukoll.

(26) M9.4 - Farm għall-annimali: il-proġett jittratta t-twaqqif ta' bini separat fl-ajruport għall-esportazzjoni/importazzjoni ta' annimali minn pajjiżi terzi li se jkun fih installazzjonijiet veterinarji.

(27) M10 - Tnaqqis addizzjonali tal-istorbju: fid-dawl tat-tkabbir previst speċjalment fit-traffiku tat-trasport tal-merkanzija bl-ajru fl-ajruport ta' Leipzig/Halle, hekk kif l-ajruport jespandi huwa mistenni li fuq terminu medju jkun hemm il-ħtieġa ta' miżuri ulterjuri għat-tnaqqis tal-istorbju (u xogħlijiet relatati).

(28) M11 – Faża 1 tal-iżvilupp tal-land side taż-żona tax-Xlokk: sal-2010 iż-żoni li jmissu man-naħa tal-Lvant tal-impjanti eżistenti tal-land side (il-ħangar u l-bini operattiv) fl-ajruport ta' Leipzig/Halle se jitgħammru kompletament bl-elettriku u bi provvista tal-ilma, b'impjanti tal-ilma mormi u l-iskular tal-ilma tax-xita; ix-xogħlijiet bdew fl-2008. Ladarba r-roundabout eżistenti fit-terminal għat-trasbord tal-merkanzija bl-ajru titqabbad man-netwerk tat-toroq pubbliċi, se jkollhom jittieħdu miżuri addizzjonali għat-tnaqqis tal-istorbju.

(29) M12 – Proċedura ta' approvazzjoni tal-pjan għall-estensjoni tan-Nofsinhar: il-mira hi li fit-tul jiġu estiżi r-runway tan-Nofsinhar (3 600 metru) u r-rampa fl-ajruport ta' Leipzig/Halle. Dan se jeħtieġ proċess ta' approvazzjoni tal-pjan.

(30) M13 – Espansjoni tar-rampa tat-Tramuntana: sal-2020 hemm il-pjan li jinbnew tnax-il stand addizzjonali. L-iżvilupp ta' faċilitajiet tat-terminals fit-Tramuntana tal-ajruport se jagħmilha possibbli li tinkiseb distribuzzjoni aktar uniformi tal-movimenti tal-ajruplani bejn iż-żewġ runways.

(31) M14 - Espansjoni tar-rampa tal-Lvant: il-fruntiera tar-rampa tal-Lvant se titmexxa lejn in-Nofsinhar sabiex jiġi żgurat li jkun hemm iż-żoni mingħajr ostakli meħtieġa għall-operazzjonijiet tar-runway. Ir-rampa tal-ajruport trid titqabbad ukoll mas-sistema tat-taxiway u mal-punti għat-tneħħija tas-silġ.

(32) M15 - Adattament tal-infrastruttura: il-faċilitajiet tat-terminal fiż-żona tat-Tramuntana għandhom jiġu adattati biex jieħdu inkonsiderazzjoni r-rampa l-ġdida mibnija fiż-żona tat-tramuntana u l-funzjonijiet marbuta mal-merkanzija jiġu rrilokati lejn dik iż-żona. Għal dan il-għan, il-ħangar u l-funzjonijiet anċillari neċessarji għandhom jiġu addattati għal inġenji tal-ajru tal-kategorija F.

(33) M16.1 - Estensjoni tal-ħangar fiż-żona tat-Tramuntana: din tinvolvi l-bini ta' rampa ġdida fiż-żona tat-tramuntana fosthom ir-rilokazzjoni tal-funzjonijiet relatati mal-merkanzija lejn dik iż-żona u l-provvediment ta' stands ta' manutenzjoni.

([13]) Ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà fl-avjazzjoni ċivili (traduzzjoni mhux uffiċjali – ĠU L 355, 30.12.2002, p. 1).

(34) M16.2 - Bini ta' terminal ġdid tal-avjazzjoni u ħangar għall-ajruplani żgħar: se jkollu jinbena terminal ġdid tal-avjazzjoni u ħangar għall-inġenji żgħar tal-ajru. It-terminal tal-avjazzjoni preċedenti twaqqa' meta nbniet ir-runway il-ġdida tan-Nofsinhar.

2.2. MIŻURI TAĦT INVESTIGAZZJONI U RAĠUNIJIET GĦALL-BIDU TAL-PROĊEDURA TA' INVESTIGAZZJONI FORMALI

(35) Id-deċiżjoni tal-ftuħ investigat dawn il-miżuri li ffinanzjaw il-proġett ta' investiment (jiġifieri l-infrastruttura u l-miżuri relatati mal-infrastruttura) fl-ajruport ta' Leipzig/Halle:

(i) self mill-azzjonisti favur l-FLH li potenzjalment jammonta għal EUR 255,6 miljun ("il-finanzjament tranżitorju li f'parti minnu diġà daħal fis-seħħ");

(ii) injezzjonijiet ta' kapital fl-FLH li jammontaw għal EUR 255,6 miljun.

(36) Fir-rigward tal-miżuri infrastrutturali notifikati, il-Kummissjoni qajmet dubji dwar jekk dawn tabilħaqq jistgħux jitqiesu li jaqgħu taħt il-mandat tal-ordni pubblika u, għalhekk, kemm verament il-finanzjament tagħhom ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat.

(37) Il-Kummissjoni kkonkludiet li s-self mill-azzjonisti lill-MFAG u l-injezzjonijiet ta' kapital fl-MFAG ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat peress li t-tnejn huma maħsuba li jiġu trasferiti lill-FLH. L-MFAG tista' titqies biss bħala veikolu għat-trasferiment ta' fondi lill-FLH u, għalhekk, mhux bħala benefiċjarja tal-għajnuna nnifisha.

2.2.1. **Self mill-azzjonisti favur l-FLH**

(38) L-infrastruttura u l-proġetti relatati mal-infrastruttura ġew iffinanzjati l-ewwel permezz ta' self mill-azzjonisti, li se jiġi konvertit f'kapital biss wara li dawn il-miżuri jiġu awtorizzati mill-Kummissjoni. Bejn l-2006 u l-2011 ([14]) l-ammont totali ta' self mill-azzjonisti mogħti lill-FLH kien jammonta għal EUR […] miljun.

(39) Il-kundizzjonijiet tas-self mill-azzjonisti fl-2006-2008 kienu determinati abbażi ta' ftehim ta' self bejn Sachsen LB u l-MFAG. Ir-rata bażi ta' self hija l-EURIBOR tat-3-xhur flimkien ma' marġni ta' riskju ta' […] punti bażi. Għas-sena 2009, ir-rata bażi ta' self hija l-EURIBOR tat-3-xhur flimkien ma' marġni ta' riskju ta' […] punti bażi. Għas-sena 2010 ir-rata bażi ta' self hija l-EURIBOR tat-3-xhur flimkien ma' marġni ta' riskju ta' […] punti bażi.

Valutazzjoni inizjali mill-Kummissjoni tal-eżistenza ta' għajnuna

(40) Fir-rigward tan-natura tal-għajnuna tas-self mill-azzjonisti favur l-FLH, il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar jekk is-self min-naħa tal-azzjonisti tal-FLH kienx inġħata skont kundizzjonijiet li normalment setgħu jinkisbu fis-suq. B'mod partikulari fir-rigward tal-ftehimiet ta' self komparabbli, il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar jekk il-proposti indikattivi preżentati permezz ta' ittra elettronika mingħajr l-intenzjoni li jsiru ftehimiet legalment vinkolanti ta' self u mingħajr il-valutazzjoni sottostanti tal-probabbiltà ta' inadempjenza u ta' kollateralizzazzjoni jistgħux jitqiesu bħala valur referenzjarju affidabbli tas-suq.

(41) Fin-nuqqas ta' valur referenzjarju tas-suq, il-Kummissjoni bbażat il-valutazzjoni tagħha fuq l-indikatur stabbilit fil-Komunikazzjoni dwar ir-Rata Referenzjali tal-2008 ([15]). Fin-nuqqas ta' klassifikazzjoni tal-FLH u l-kollaterali sottostanti, il-kundizzjonijiet tas-self mill-azzjonisti tal-FLH dehru aktar favorevoli mill-indikatur stabbilit mill-Kummissjoni għar-rata tas-suq fl-applikazzjoni tal-Komunikazzjoni dwar ir-Rata Referenzjali tal-2008.

(42) L-element ta' għajnuna possibbli jammonta għad-differenza bejn ir-rata tal-imgħax tas-suq u r-rata tal-imgħax attwali.

2.2.2. **Injezzjonijiet ta' kapital fl-FLH**

(43) L-injezzjonijiet ta' kapital fl-FLH, li l-għan tagħhom kien li jiffinanzjaw l-infrastruttura u l-miżuri relatati mal-infrastruttura (ara t-Tabella 2), huma soġġetti għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni. Konsegwentement, huwa previst li s-self mill-azzjonisti tal-FLH jiġi konvertit f'ekwità biss wara l-awtorizzazzjoni tal-għajnuna.

(44) L-ammont totali ta' finanzjament immirat lejn ir-rimborż tal-ispejjeż tal-infrastruttura u tal-proġetti relatati mal-infrastruttura jammonta għal EUR 255,6 miljun. Total ta' EUR 240,3 miljun għandu jiġi depożitat fil-fond ta' riżerva ta' kapital tal-MFAG u allokat sabiex jgħaddi lill-FLH sabiex tiżdied l-ekwità tagħha (jiġifieri r-riżerva ta' kapital propja). Min-naħa tagħhom l-azzjonisti tal-FLH se jinjettaw l-ammont li jifdal direttament fil-fond ta' riżerva ta' kapital tal-FLH.

([14]) Sal-1 ta' April 2011.

([15]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-metodu li jistabbilixxi r-rati ta' referenza u ta' skont (ĠU C 14, 19.1.2008, p. 6).

(45) Skont il-Ġermanja, l-injezzjonijiet ta' kapital se jsiru mingħajr ebda pjan sottostanti ta' direzzjoni tan-negozju u prospetti għal profittabilità fit-tul.

(46) Għalkemm uħud mill-proġetti ta' infrastruttura li se jiġu ffinanzjati mill-injezzjonijiet ta' kapital ippjanati diġà bdew, qabel ma bdew il-proġetti, f'kull każ l-azzjonist pubbliku ħabbar l-intenzjoni tiegħu li jiffinanzja dawk il-miżuri qabel ma jinbeda x-xogħol. L-injezzjonijiet ta' kapital infushom għadhom ma sarux.

Il-valutazzjoni inizjali tal-Kummissjoni tal-eżistenza ta' għajnuna

(47) Fir-rigward tan-natura tal-għajnuna tal-injezzjonijiet ta' kapital, il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar jekk, fin-nuqqas ta' xi aspettattiva fit-tul ta' profittabilità, l-azzjonisti tal-FLH aġixxewx bħala operatur tal-ekonomija tas-suq. Għalhekk, il-Kummissjoni kellha dubji dwar jekk l-injezzjonijiet ta' kapital jistgħux jitqiesu li ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat.

2.2.3. **Il-kompatibbiltà tal-għajnuna**

(48) Peress li s-self mill-azzjonisti tal-FLH u l-injezzjonijiet sussegwenti ta' kapital jistgħu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat, il-Kummissjoni kellha teżamina jekk din l-għajnuna setgħetx tinstab li hija kompatibbli mas-suq intern abbażi tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat. F'dan ir-rigward, il-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2005 taw sommarju tal-prinċipji komuni għall-valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajnuna għall-finanzjament ta' infrastruttura ta' ajruport skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat.

(49) Fid-deċiżjoni tal-ftuħ, il-Kummissjoni kkonkludiet li f'dan il-każ huma sodisfatti ċerti kriterji stabbiliti fil-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2005. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-għajnuna sservi għan definit b'mod ċar ta' interess komuni, b'mod partikolari peress li żżid il-konnettività tar-reġjun għas-servizzi tal-merkanzija u tħalli impatt pożittiv fuq l-iżvilupp lokali. Wara li kkunsidrat il-prospetti pożittivi dwar l-iżvilupp tal-ajruport, il-Kummissjoni kkonkludiet li fuq terminu medju l-ajruport għandu prospetti tajbin għall-użu, u li l-programm ta' infrastruttura huwa neċessarju.

(50) Madankollu, fid-deċiżjoni tal-ftuħ il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar jekk il-miżuri infrastrutturali inkwistjoni humiex proporzjonati għall-għan stabbilit. Barra minn hekk, il-Kummissjoni esprimiet tħassib li mhux l-utenti kollha għandhom aċċess ugwali u mhux diskriminatorju għall-ajruport. Il-Kummissjoni qalet ukoll li, peress li l-FLH, bħala ajruport speċjalizzat fil-merkanzija, huwa f'kompetizzjoni ma' ajruporti fi Stati Membri oħra, f'dan l-istadju ma tistax tikkonkludi li l-iżvilupp tal-kummerċ ma jiġix affettwat tant li jkun kontra l-interess komuni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kellha wkoll dubji dwar il-ħtieġa u l-proporzjonalità tal-għajnuna.

(51) Konsegwentement, il-Kummissjoni esprimiet id-dubji tagħha dwar jekk il-finanzjament tal-miżuri notifikati jistgħux jitqiesu kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3) tat-Trattat.

3. **KUMMENTI MILL-ĠERMANJA**

3.1. KUNTEST TAL-MIŻURI INVESTIGATI

(52) Il-Ġermanja bdiet il-kummenti tagħha b'aktar kjarifiki dwar il-kuntest tal-miżuri investigati. F'dan il-kuntest, il-Ġermanja affermat li t-Trattat tar-Riunifikazzjoni tal-1990 diġà kien ippreveda l-iżvilupp ulterjuri tal-ajruport ta' Leipzig/Halle. Skont il-Ġermanja, kien twaqqaf pjan direttur għall-iżvilupp tal-ajruport u kien ġie deċiż li tiġi żviluppata sistema ta' żewġ runways paralleli. Il-Ġermanja kompliet tispjega li l-bini tar-runway tat-Tramuntana kien approvat fl-1997 u bdiet topera fl-2000, filwaqt li l-bini tar-runway tan-Nofsinhar kien approvat fl-2004 u bdiet topera fl-2007.

(53) F'dan l-isfond, il-Ġermanja affermat li minħabba s-sistema ta' runways paralleli tagħha u r-rilokazzjoni ta' diversi operaturi kbar tal-merkanzija bl-ajru, l-ajruport ta' Leipzig/Halle seta' jippożizzjona lilu nnifsu bħala t-tieni l-akbar ċentru tat-trasport tal-merkanzija bl-ajru fil-Ġermanja. F'dan il-kuntest, il-Ġermanja ddikjarat li mill-2010 l-ajruport kien kapaċi jafferma postu bħala wieħed mill-aktar ċentri importanti tat-trasbord tal-merkanzija bl-ajru fl-Ewropa. Il-Ġermanja żiedet ukoll li bħalissa hemm 133 kumpanija preżenti fl-ajruport, li fl-2010 kienu jħaddmu total ta' 5 106 persuni (żieda ta' 14,4 % meta mqabbla mal-2009).

(54) Għalhekk, fil-fehma tal-Ġermanja, l-ajruport jixpruna l-iżvilupp ekonomiku fir-reġjun u għandu rwol importanti għall-impjiegi reġjonali. Il-Ġermanja saħqet li dan huwa kkonfermat ukoll minn żieda fid-dħul u fil-volumi ta' merkanzija mmaniġġjata fl-ajruport: fil-perjodu bejn l-2005 u l-2009 id-dħul iġġenerat mill-FLH żdied minn EUR 47 miljun għal EUR 80 miljun. Fir-rigward tal-volumi ta' merkanzija, il-Ġermanja qalet li meta mqabbel ma' ajruporti oħra, Leipzig/Halle qed jirreġistra rati kostanti ta' tkabbir (filwaqt li fl-2007 ġew ipproċessati 101 364 tunnellata ta' merkanzija, fl-2008 din il-figura telgħet għal 442 453 tunnellata, 524 084 tunnellata fl-2009 u 663 059 tunnellata fl-2010). Sabiex issostni d-dikjarazzjoni tagħha, il-Ġermanja indikat li l-volum tat-trasport tal-merkanzija bl-ajru żdied bi 18,5 % fl-2009 u b'26,5 % fl-2010. Skont il-Ġermanja, hija mistennija żieda ulterjuri

fil-volum tal-merkanzija. F'dan ir-rigward il-Ġermanja ċċarat li huwa mistenni li sal-2020 tiġi mmaniġġjata madwar 820 000 tunnellata ta' merkanzija bl-ajru. ([16]) Madankollu, il-Ġermanja sostniet li, sal-2015 din il-previżjoni tkun diġà ntlaħqet ([17]).

(55) Barra minn hekk, il-Ġermanja qalet li fl-aħħar snin l-ajruport kien ra żieda gradwali fl-għadd ta' passiġġieri (minn 1 988 854 passiġġier fl-2002 għal 2 723 748 passiġġier fl-2007). Għad li, skont il-Ġermanja, kien hemm tnaqqis fit-traffiku tal-passiġġieri mill-2007 (2 352 827 passiġġier biss fl-2010), fuq perjodu medju/fit-tul, il-Ġermanja qed tistenna li sal-2020 it-traffiku tal-passiġġieri jitla' għal 4,6 miljun passiġġier.

(56) Il-Ġermanja qalet li għall-kuntrarju ta' ħafna ajruporti oħra tal-Unjoni, bħat-tliet ajruporti ewlenin tal-merkanzija fil-Ġermanja, Frankfurt/Main, Cologne-Bonn u Munich, l-ajruport ta' Leipzig/Halle għandu permess għal titjiriet billejl mingħajr ebda restrizzjoni għat-traffiku tal-merkanzija kummerċjali bl-ajru. Skont il-Ġermanja, din kienet waħda mir-raġunijiet għaliex l-ajruport għandu prospetti tajbin għall-ġejjieni. Il-Ġermanja osservat ukoll li permezz ta' sentenza tal-4 ta' April 2012, il-Qorti Federali Amministrattiva Ġermaniża (Bundesverwaltungsgericht) ikkonfermat il-projbizzjoni ta' titjiriet billejl fl-ajruport ta' Frankfurt/Main, l-akbar ċentru Ġermaniż tat-trasport tal-merkanzija bl-ajru. Il-Ġermanja qalet li għalhekk fl-ajruport ta' Frankfurt/Main it-tluq u l-wasliet kienu kompletament projbiti bejn il-23:00 u l-5:00.

(57) Il-Ġermanja ddikjarat ukoll li l-FLH ma setgħetx tiffinanzja l-miżuri infrastrutturali ppjanati mir-riżorsi tagħha stess. F'dan il-kuntest, il-Ġermanja enfasizzat li minħabba l-investiment b'lura minn żmien l-Eks-Repubblika Demokratika Ġermaniża, l-ajruport kellu jagħmel investimenti fi żmien ħafna iqsar meta mqabbel ma' ajruporti li jinsabu fin-naħa tal-Punent tal-Ġermanja. Skont il-Ġermanja, b'mod partikolari, l-investimenti sinifikanti fuq terminu qasir ma jistgħux jiġu ffinanzjat mir-riżorsi proprji tal-FLH, peress li hemm differenza sostanzjali bejn il-volum tal-investiment (EUR 225,6 miljuni) u d-dħul annwali tal-ajruport (EUR 80 miljun fl-2009).

3.2. IL-KUNĊETT TA' ATTIVITÀ EKONOMIKA U MANDAT TAL-ORDNI PUBBLIKA

3.2.1. **Il-kunċett ta' attività ekonomika u l-applikabilità tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għall-infrastruttura tal-ajruport**

(58) L-ewwel nett, il-Ġermanja fakkret li ma taqbilx mal-pożizzjoni tal-Kummissjoni li l-bini tal-infrastruttura ta' ajruport tikkostitwixxi attività ekonomika. Għalhekk, il-Ġermanja ddikjarat li l-miżuri notifikati ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

(59) F'dan ir-rigward, il-Ġermanja sostniet li l-kunċett ta' "impriża" skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat ma japplikax għall-ajruporti, għall-inqas f'dak li jikkonċerna l-finanzjament tal-infrastruttura ta' ajruport. Il-Ġermanja saħqet li t-twaqqif tal-infrastruttura ta' ajruport ma kienx jikkostitwixxi attività ekonomika, iżda pjuttost miżura ġenerali ta' trasport, u tal-politika reġjonali u ekonomika. Hija rreferiet għall-punt 12 tal-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-1994 li jgħidu li "l-bini jew it-tkabbir ta' proġetti ta' infrastruttura […] jirrappreżentaw miżura ta' politika ekonomika li ma tistax tiġi kkontrollata mill-Kummissjoni skont ir-regoli tat-Trattat dwar għajnuna mill-Istat. Deċiżjonijiet dwar l-iżvilupp tal-infrastruttura jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-komunikazzjoni" u argumentat li l-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2005 ma biddlux dan il-punt.

(60) Barra minn hekk, il-Ġermanja affermat li l-bini tal-infrastruttura ta' ajruport ma tikkostitwixxix attività ekonomika minħabba li investitur privat ma kienx jidħol għal dik l-attività. F'dan ir-rigward, il-Ġermanja qalet li ma hemm l-ebda possibbiltà li l-investiment iħalli profitt, għaliex mhuwiex possibbli li l-ispejjeż ta' bini jiġu rkuprati mingħand l-utenti tal-ajruport permezz ta' tariffi tal-ajruport. Skont il-Ġermanja, dan huwa impossibbli minħabba li dawk l-imposti jeħtieġu awtorizzazzjoni mill-awtorità rilevanti tal-ajruport tal-Land rispettiv fejn jinsab l-ajruport u investituri privati ma għandhom ebda influwenza fuq il-livell tagħhom. Għalhekk, skont il-Ġermanja, dawk l-imposti ma jistgħux jiġu ffissati liberament mill-operatur fid-dawl ta' konsiderazzjonijiet ekonomiċi u, fil-fatt, dawn jiġu stabbiliti mingħajr ebda rabta mal-kostijiet tal-investiment. Żoni li jinkrew għal skopijiet kummerċjali minbarra l-operat tal-linja tal-ajru huma irrelevanti, skont il-Ġermanja.

(61) F'dak ir-rigward, il-Ġermanja kompliet tgħid li l-ispejjeż fissi tal-ajruporti marbuta mal-infrastruttura, mat-tagħmir u mal-operat huma ogħla mill-medja. Barra minn hekk, il-marġni ta' manuvra tagħhom huwa limitat minn obbligi u minn kundizzjonijiet ġuridiċi stretti.

([16]) Abbażi ta' stimi qabel l-2011.
([17]) Abbażi ta' stimi qabel l-2011.

(62) Il-Ġermanja qieset ukoll li r-referenzi għas-sentenza *Aéroports de Paris* ([18]) u għas-sentenza *Leipzig/Halle* ([19]) kienu irrelevanti. Fir-rigward tas-sentenza *Aéroports de Paris*, il-Ġermanja sostniet li s-sentenza ma tittrattax il-bini ta' infrastrutturi ta' ajruporti, iżda l-operat ta' ajruport. Barra minn hekk, il-Ġermanja qieset li s-sentenza *Aéroports de Paris* ma tittrattax l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "impriża" skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat, iżda titratta ksur tal-projbizzjoni tal-abbuż ta' pożizzjoni dominanti skont it-tifsira tal-Artikolu 102 tat-Trattat. Fir-rigward tas-sentenza *Leipzig/Halle*, il-Ġermanja qieset li s-sentenza tal-Qorti Ġenerali ma għandha l-ebda effett bħala preċedent fil-ġurisprudenza, peress li hija soġġetta għal appell.

3.2.2. **Mandat tal-ordni pubblika**

(63) Skont il-Ġermanja, anki jekk il-finanzjament ta' miżuri infrastrutturali kien soġġett għar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, xorta ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat peress li l-finanzjament ta' miżuri infrastrutturali kien prinċipalment jikkostitwixxi r-rimborż meħtieġ u proporzjonat tal-ispejjeż għat-twettiq tal-kompiti li jaqgħu taħt is-setgħat prerogattivi tal-Istat. F'dan ir-rigward, il-Ġermanja qalet li skont il-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2005, l-attivitajiet li normalment jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Istat fl-eżerċizzju tas-setgħat uffiċjali tiegħu bħala awtorità pubblika ma kinux ta' xorta ekonomika u ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

(64) Il-Ġermanja ddikjarat li, b'rabta mat-twettiq tal-kompiti li jaqgħu taħt il-mandat tal-ordni pubblika, il-prattika tal-Kummissjoni tal-inqas kienet tagħmel distinzjoni bejn il-kategoriji ta' miżuri li ġejjin relatati mas-sigurtà: il-protezzjoni tat-traffiku tal-ajru kontra theddidiet esterni, bħal ħtif u atti oħra ta' vjolenza kontra t-traffiku tal-ajru, il-protezzjoni tat-traffiku tal-ajru kontra riskji operazzjonali u l-protezzjoni ta' partijiet terzi kontra riskji operazzjonali mit-traffiku tal-ajru. Skont il-Ġermanja, fir-rigward tal-protezzjoni tat-traffiku tal-ajru kontra riskji operazzjonali, l-operatur tal-ajruport għandu d-dmir li jġedded, jimmodernizza u jespandi l-infrastruttura tal-ajruport sabiex jiġu evitati perikli operazzjonali. Il-Ġermanja qalet li t-tielet kategorija ta' miżuri tipikament tkopri l-protezzjoni ta' partijiet terzi kontra l-ħsejjes tal-inġenji tal-ajru u effetti ambjentali oħra ta' ħsara.

(65) Fir-rigward tal-miżuri infrastrutturali differenti involuti, il-Ġermanja argumentat li dawn il-miżuri kienu prinċipalment jikkostitwixxu kumpens għat-twettiq ta' attivitajiet li jaqgħu taħt il-mandat tal-ordni pubblika peress li l-miżuri kienu jipproteġu lil partijiet terzi kontra periklu operazzjonali mit-traffiku tal-ajru.

(66) Fir-rigward tal-miżuri għat-tnaqqis tal-istorbju, il-Ġermanja qalet li fil-kuntest tal-proċedura ta' approvazzjoni tal-pjan, se jkollhom jiġu installati miżuri għat-tnaqqis tal-istorbju f'madwar 10 000 dar residenzjali. Il-Ġermanja argumentat li skont id-dispożizzjonijiet tal-*Gesetz zum Schutz gegen Fluglärm* (Att dwar l-Istorbju mill-Inġenji tal-Ajru, "FluglärmG") emendat dan l-aħħar, il-miżuri għat-tnaqqis tal-istorbju jkopru biss żona ta' 78 km^2 b'madwar 3 000 dar residenzjali u bi spejjeż li jammontaw għal EUR […] miljun. Madankollu, skont il-Ġermanja, l-FLH ma bbenefikatx minn din l-emenda tal-FluglärmG, u għadha tapplika żona ta' protezzjoni aktar stretta. F'dan ir-rigward, il-Ġermanja affermat li l-ajruport ta' Leipzig/Halle jrid iġarrab spejjeż ferm ogħla mill-kompetituri tiegħu (fil-Ġermanja u barra mill-Unjoni).

(67) Barra minn hekk, l-ajruport akkwista wkoll proprjetajiet ta' residenti li ġew affettwati ħażin u ħallashom kumpens. Barra minn hekk, il-Ġermanja qalet li l-ajruport wettaq ċerti attivitajiet ta' konservazzjoni tan-natura sabiex jikkumpensa għall-attivitajiet ta' bini tiegħu. Il-Ġermanja argumentat li dan kien maħsub biex jiġi evitat jew jitnaqqas l-impatt tal-ħoss tal-inġenji tal-ajru u tax-xogħol ta' bini fuq partijiet terzi, u għalhekk kien funzjoni tal-ordni pubblika. Skont il-Ġermanja, il-protezzjoni ta' partijiet terzi mill-istorbju, b'mod partikolari l-istorbju tal-inġenji tal-ajru, kienet waħda mid-dmirijiet u l-funzjonijiet uffiċjali u fundamentali tal-Istat.

(68) Il-Ġermanja argumentat ukoll li l-faċilità għall-ittestjar tal-istorbju tal-magni, jiġifieri l-M2, tikkostitwixxi miżura tal-mandat tal-ordni pubblika. Qalet li l-limiti tal-istorbju stabbiliti fil-kuntest tad-deċiżjoni ta' approvazzjoni tal-pjan għall-bini tar-runway tan-Nofsinhar setgħu jiġu sodisfatti binhar (mis-6:00 sal-22:00) mingħajr struttura magħluqa għall-ittestjar tal-magni. Madankollu, skont il-Ġermanja, fid-dawl tal-permess operazzjonali tal-31 ta' Lulju 2007, l-ajruport kellu jwettaq testijiet fl-istruttura magħluqa għall-ittestjar anke binhar. Barra minn hekk, il-Ġermanja spjegat li t-testijiet fuq il-magni kienu meħtieġa fil-kuntest taż-żamma tas-sikurezza operazzjonali tal-inġenji tal-ajru u kieku jsiru billejl barra minn struttura magħluqa, jaqbżu l-limiti permessi tal-istorbju. Għalhekk, fil-fehma tal-Ġermanja, il-bini tal-faċilità għall-ittestjar tal-magni fil-forma ta' bini magħluq isservi biex tipproteġi lir-residenti lokali minn kwalunkwe livelli inaċċettabbli ta' storbju mill-inġenji tal-ajru.

([18]) Kawża T-128/98 *Aéroports de Paris* v *l-Kummissjoni*, [2000] Ġabra II-3929.

([19]) Kawżi Konġunti T-443/08 u T-455/08 *Mitteldeutsche Flughafen AG u Flughafen Leipzig Halle GmbH* v *Il-Kummissjoni*, (is-sentenza '*Leipzig-Halle airport*'), [2011] Ġabra II-1311.

(69) Fir-rigward tal-miżura M3, il-Ġermanja argumentat li l-bini ta' dawn l-elementi infrastrutturali taqa' fil-mandat tal-ordni pubblika peress li kienet saret biex tipproteġi t-traffiku tal-ajru kontra perikli operazzjonali. Irrispettivament mill-volum ta' traffiku li suppost jiġi mmaniġġjat fil-ġejjieni, il-ħoloq eżistenti tat-taxiway diġà ma kinux biżżejjed fl-imgħoddi biex jiġi ggarantit immaniġġjar sigur u bla xkiel tat-traffiku tal-ajru. Barra minn hekk, il-Ġermanja qalet li t-taxiway il-ġdida hija r-rotta ta' aċċess ta' emerġenza għat-taqsima tat-tifi tan-nar mill-istazzjon għat-tifi tan-nar tal-Lvant għaż-żona tat-Tramuntana tal-ajruport. Skont il-Ġermanja, anke kieku kienu applikabbli r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, ta' min ifakkar li wħud minn dawn l-ispejjeż tat-taxiway kienu relatati mad-dwal. Fir-rigward tad-dwal, il-Ġermanja indikat li fid-deċiżjoni *Memmingen* tagħha l-Kummissjoni kienet diġà ddeċidiet ([20]) li d-dawl jikkostitwixxi element ta' gwida u ta' kontroll għall-inġenji tal-ajru u għalhekk jista' jiġi kklassifikat bħala attivitajiet li jaqgħu taħt il-mandat tal-ordni pubblika li ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

(70) Skont il-Ġermanja, l-M4 se ssir ukoll biex jitwettqu l-attivitajiet li jaqgħu taħt il-mandat tal-ordni pubblika peress li raġunijiet ta' kapaċità u ta' sikurezza operattivi jitolbu li inġenji kbar tal-ajru li joperaw fl-MTOW permess tagħhom f'ċerti kundizzjonijiet klimatiċi jiġu pprovduti b'distanza addizzjonali għat-tlugħ, inkluż żona addizzjonali ta' deċelerazzjoni f'każ li t-tlugħ jiġi abortit.

(71) Fir-rigward tal-miżura M5, fil-fehma tal-Ġermanja, l-ikklerjar tas-sit qabel il-bini tat-taxiway Victor kien sar biex jitwettqu l-attivitajiet li jaqgħu taħt il-mandat tal-ordni pubblika peress li t-taxiway Victor kienet meħtieġa biex jiġi garantit operat sigur u biex jiġu evitati inċidenti, riskji relatati mas-sigurtà u impatt ambjentali negattiv. Skont il-Ġermanja, għall-kuntrarju tal-opinjoni tal-Kummissjoni, il-bini tat-taxiway Victor ma kinitx intiża biex iżżid il-kapaċità u, indirettament, il-fatturat. Il-Ġermanja qalet li din kienet inbniet għal raġunijiet ta' sikurezza operazzjonali u ambjentali biss.

(72) Barra minn hekk, skont il-Ġermanja, il-bini taż-żewġ stazzjonijiet ġodda għat-tifi tan-nar kienet saret biex jitwettqu l-attivitajiet li jaqgħu taħt il-mandat tal-ordni pubblika peress li skont il-prattika stabbilita tal-Kummissjoni, miżuri relatati mas-sikurezza kontra n-nirien, speċjalment il-bini u l-operat tal-istazzjonijiet għat-tifi tan-nar fl-ajruport u l-akkwist tat-tagħmir rilevanti, huma meqjusa li jaqgħu taħt il-mandat tal-ordni pubblika. Il-Ġermanja indikat li fl-ajruporti Ġermaniżi l-bini ta' faċilità tat-tifi tan-nar normalment tiġi finanzjata minn fondi pubbliċi.

(73) Barra minn hekk, skont il-Ġermanja, il-bini tal-ħangar b'għanijiet multipli kienet saret ukoll biex jitwettqu l-attivitajiet li jaqgħu taħt il-mandat tal-ordni pubblika peress li l-ħangar se jintuża biss għall-ħżin tat-tagħmir għal servizzi li jingħataw fix-xitwa u bħala kenn ta' emerġenza. Il-Ġermanja spjegat li l-forniment ta' bini għat-tagħmir għal servizzi li jingħataw fix-xitwa jikkostitwixxi funzjoni uffiċjali tal-Istat peress li jiggarantixxi l-operat sigur tal-ajruport matul il-perjodu tax-xitwa. Barra minn hekk, il-Ġermanja qalet li dan ippermetta li l-ajruport jissodisfa l-obbligu statutorju tiegħu li jopera l-ajruport fil-ħinijiet kollha.

(74) Il-Ġermanja spjegat li l-forniment tal-kenn ta' emerġenza jaqa' taħt l-interess ġenerali peress li jservi biex jissalvagwardja l-ħajja tal-bniedem. Il-Ġermanja ċċitat id-dispożizzjonijiet tal-ICAO li jeħtieġu li l-operaturi ta' ajruport jipprovdu spazju għall-kura ta' persuni midruba u għall-ħżin ta' katavri fil-każ ta' emerġenza. Barra minn hekk, skont il-Ġermanja, il-ħangar b'għanijiet multipli jista' jilqa' wkoll passiġġieri li ma jkunux jistgħu jkomplu l-vjaġġ tagħhom minħabba fenomeni naturali (pereżempju l-isħaba tal-irmied fl-2010).

(75) Barra minn hekk, il-Ġermanja saħqet li l-bini tal-ħangar il-ġdid kienet meħtieġa peress li ma kienx ikun possibbli li l-ħangar b'għanijiet multipli jiġi espandut li kieku tħalla fejn kien.

(76) Fir-rigward tal-miżura M6, il-Ġermanja rreferiet għall-argumenti b'rabta ma' M5. Barra minn hekk, il-Ġermanja qalet li l-bini tat-taxiway Victor kienet ġiet posposta.

(77) Skont il-Ġermanja anke l-espansjoni taż-żoni għat-tneħħija tas-silġ (M7) kienet saret biex titwettaq funzjoni uffiċjali tal-Istat peress li l-faċilitajiet kienu meħtieġa għal raġunijiet ta' sikurezza operazzjonali u ambjentali. Barra minn hekk, il-Ġermanja spjegat li ż-żoni addizzjonali għat-tneħħija tas-silġ ma kinux meħtieġa biex tiġi garantita kapaċità suffiċjenti fil-każ ta' żieda fit-traffiku peress li l-ajruport ta' Leipzig/Halle kien jiflaħ għal żieda fit-traffiku anke mingħajr żoni addizzjonali għat-tneħħija tas-silġ. Argumentat li l-espansjoni taż-żoni għat-tneħħija tas-silġ saret

([20]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Marzu 2007 dwar l-għajnuna mill-Istat fil-kawża N620/06 Ġermanja Memmingen/Ajruport Reġjonali ta' Allgäu (ĠU C 133, 15.6.2007, p. 8).

neċessarja minħabba l-esperjenzi matul l-operat tax-xitwa tal-2008/2009. Skont il-Ġermanja, il-faċilitajiet addizzjonali għat-tnehhija tas-silġ iservu biex tiġi garantita tnehhija mingħajr xkiel tas-silġ mill-inġenji tal-ajru u biex jiġi evitat dewmien ikkawżat minn infrastruttura inadegwata għat-tnehhija tas-silġ fl-ajruport. F'dan ir-rigward, il-Ġermanja sostniet li d-dewmien, min-naħa tiegħu, se jkollu impatt negattiv fuq l-ambjent, bħall-konsum tal-pitrolju, emissjonijiet dannużi u storbju.

(78) Fir-rigward tal-miżura M8, il-Ġermanja argumentat li l-bini ta' ħeliport jiffaċilita salvataġġi bl-ajru fl-ajruport u inġenerali.

(79) Fir-rigward ta' M 9.1, il-Ġermanja qalet li l-bini mill-ġdid tal-Punt ta' Kontroll I kien assolutament meħtieġ fid-dawl tar-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([21]). Il-Ġermanja indikat li dan il-bini mill-ġdid taqa' taħt il-mandat tal-ordni pubblika u li l-finanzjament tagħha kien limitat għall-ispejjeż imġarrba.

(80) Barra minn hekk, il-Ġermanja hija wkoll tal-fehma li l-bini tal-bini tas-sigurtà funzjonali (M 9.2) kien jaqa' taħt il-mandat tal-ordni pubblika u li l-finanzjament kien limitat għall-ispejjeż imġarrba. Il-Ġermanja qalet li l-bini funzjonali tas-sigurtà l-ġdid għen ukoll biex ikun hemm konformità mar-Regolament (KE) Nru 300/2008 u kien neċessarju biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-pulizija federali u reġjonali, tad-dwana u tas-Servizz Meteoroloġiku Ġermaniż.

(81) Fir-rigward ta' M 9.3 li tittratta l-akkwist ta' tagħmir tekniku, jiġifieri l-akkwist ta' tagħmir addizzjonali għal servizzi li jingħataw fix-xitwa, ta' tagħmir addizzjonali għat-tifi tan-nar u r-restawrazzjoni taċ-ċint tal-perimetru tal-ajruport b'detetturi u b'tagħmir diġitali ta' sorveljanza bil-vidjo, il-Ġermanja argumentat li t-tliet miżuri kienu jaqgħu taħt il-mandat tal-ordni pubblika.

(82) Fir-rigward tat-tagħmir il-ġdid għal servizzi li jingħataw fix-xitwa, il-Ġermanja qalet li t-tagħmir kien jippermetti li r-runways jiġu kklerjati b'mod parallel, li jiżgura operat sigur tal-ajruport, u għalhekk jaqa' taħt il-mandat tal-ordni pubblika.

(83) Barra minn hekk, il-Ġermanja indikat li skont it-Taqsima 8 tal-Luftsicherheitsgesetz Ġermaniż (Att dwar is-Sigurtà tal-Avjazzjoni, "LuftSiG"), li implimenta r-Regolament (KE) Nru 300/2008, l-ajruport kellu jiġi mdawwar minn ċint tal-perimetru. Il-Ġermanja saħqet li, skont il-prattika stabbilita tal-Kummissjoni, l-infrastruttura tas-sigurtà tal-ajruport, bħal ċnut tal-perimetru, taqa' taħt il-mandat tal-ordni pubbliku.

(84) Fir-rigward tal-miżura M9.4 (jiġifieri l-kostruzzjoni ta' bini ġdid għat-trasport tal-annimali li jinkludi faċilitajiet veterinarji), il-Ġermanja sostniet ukoll li t-twaqqif ta' dan il-bini jaqa' taħt il-mandat tal-ordni pubblika, peress li l-għan tiegħu kien li jiġi żgurat li ma jiddaħħal ebda mard tal-annimal jew mard ieħor fil-Ġermanja u fl-Unjoni.

(85) Fir-rigward ta' M12, il-Ġermanja qalet li sabiex it-traffiku tal-merkanzija jkun jista' jiġi żviluppat aktar u biex jitnaqqas ir-riskju ta' inċidenti fuq l-art, kien hemm bżonn tal-permess ta' ppjanar.

(86) Fir-rigward tal-M 11 u l-M13 sal-M16, il-Ġermanja indikat li fin-notifika tagħha ma kinitx iddikjarat li dawn il-miżuri kienu ġew implimentati biex jitwettqu attivitajiet li jaqgħu taħt il-mandat tal-ordni pubblika. Skont il-Ġermanja, dawn il-miżuri kienu jinkludu l-iżvilupp tal-land side taż-żona tax-Xlokk, l-espansjoni tar-rampa tat-Tramuntana, l-espansjoni tar-rampa tal-Lvant, l-adattament infrastrutturali fiż-żona tat-Tramuntana u miżuri infrastrutturali addizzjonali fiż-żona tat-Tramuntana.

3.3. IL-FINANZJAMENT TAL-INFRASTRUTTURA PERMEZZ TA' SELF MILL-AZZJONISTI TAL-FLH

3.3.1. **Il-kundizzjonijiet tal-finanzjament**

(87) Fir-rigward tal-finanzjament tal-miżuri infrastrutturali involuti, il-Ġermanja qalet li l-miżuri kienu ġew iffinanzjati permezz ta' self mill-azzjonisti li kien ingħata b'kundizzjonijiet normali tas-suq u, għalhekk, ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat. Il-Ġermanja indikat li dan is-self għadu ma ġiex konvertit f'ekwità u li l-konverżjoni tas-self mill-azzjonisti hija soġġetta għal deċiżjoni ta' approvazzjoni tal-Kummissjoni.

(88) Il-Ġermanja ċċarat li s-self jingħata skont il-ħtiġijiet tal-bini u li l-ammont totali tiegħu jvarja kull xahar. Skont il-Ġermanja, is-self jibda fid-data li fiha jitħallas is-self. Il-Ġermanja kompliet tispjega li kull self jimmatura fl-aħħar tas-sena (31 ta' Diċembru) li fiha jingħata. F'dan il-kuntest, il-Ġermanja qalet li imbagħad dan is-self ittawwal għal perjodu ieħor ta' sena. Skont il-Ġermanja, huwa possibbli li t-tul ta' żmien jiġi estiż diversi drabi sakemm tasal l-awtorizzazzjoni mistennija għall-injezzjonijiet ta' kapital mill-Kummissjoni.

([21]) Ir-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 dwar regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 (ĠU L 97, 9.4.2008, p. 72).

(89) Il-Ġermanja kompliet tgħid li l-ammont tas-self u l-imgħax pagabbli huma dovuti fid-data finali (jiġifieri l-31 ta' Diċembru ta' kull sena), iżda d-durata tas-self tista' tiġi estiża b'sena oħra. Barra minn hekk, il-Ġermanja argumentat li din il-possibilità ta' estensjoni ppermettiet li s-self jiġi estiż sad-data li fiha l-Kummissjoni tieħu d-deċiżjoni finali tagħha.

(90) Fir-rigward tar-rata tal-imgħax għal kull self, il-Ġermanja spjegat li din kienet ġiet stabbilita fuq il-bażi tal-EURIBOR applikabbli fil-mument li kienet qed tingħata kull parti tas-self flimkien ma' marġni ta' riskju. Skont il-Ġermanja, jekk self jingħata fl-1 ta' Lulju d-durata tiegħu (sal-aħħar tas-sena) tkun ta' sitt xhur u r-rata tal-imgħax tkun it-total tal-EURIBOR tas-6-xhur u marġni ta' riskju. Il-Ġermanja kompliet tiċċara li jekk self jingħata fl-1 ta' Mejju (tul ta' 8 xhur sal-aħħar tas-sena) ir-rata bażi ta' referenza tiġi kkalkolata billi jiġu interpolati r-rati EURIBOR tas-6-xhur u tad-9-xhur. Il-Ġermanja kompliet tiċċara li mix-xahar ta' Jannar wara s-sena li fiha s-self ikun kien ġie estiż ir-rata valida tal-imgħax se tkun il-EURIBOR tat-12-il-xahar flimkien ma' marġni ta' riskju. Il-Ġermanja pprovdiet ħarsa ġenerali tal-ammonti akkumulati ta' self u l-kundizzjonijiet kif imqassra fit-Tabella 3.

Tabella 3

Ħarsa ġenerali lejn is-self mill-azzjonisti tal-FLH 13.12.2006-1.1.2012

Data	Ammont f'miljuni ta' EUR (akkumulat)	EURIBOR	Marġni ta' riskju	Rata totali tal-imgħax (EURIBOR + marġni)
13.12.2006	(…)	3,90	(…)	(…)
1.1.2007	(…)	3,90	(…)	(…)
1.1.2008	(…)	4,73	(…)	(…)
1.1.2009	(…)	3,03	(…)	(…)
1.1.2010	(…)	1,25	(…)	(…)
1.1.2011	(…)	1,50	(…)	(…)
1.1.2012	(…)	1,94	(…)	(…)

Sors: Sottomissjoni tal-Ġermanja datata s-26 ta' April 2012, anness 14.

(91) Fir-rigward tar-rati tal-marġni ta' riskju, għas-snin 2006 sal-2008, il-Ġermanja qalet li kien intuża marġni ta' riskju ta' […] punti bażi. Il-Ġermanja ċċarat li din ir-rata kienet ġiet stabbilita billi tqabblu l-kundizzjonijiet tas-self tal-ftehimiet ta' self li ġejjin:

(a) Ftehim ta' self bejn l-MFAG u s-Sachsen LB mid-19./22.8.2003 li ffissa marġni ta' […] punti bażi fis-sena;

(b) Ftehim ta' self bejn l-MFAG u s-Sachsen LB/Nord LB mis-16.5.2007 li ffissa marġni ta' […] punti bażi fis-sena;

(c) Ftehim ta' self bejn l-MFAG u l-Postbank mit-28.6.2007/15.7.2007 li ffissa marġni ta' […] punti bażi fis-sena;

(92) Il-Ġermanja qalet li l-marġni medju tar-riskju kkalkolat żdied 'il fuq għad-dritt minn punti bażi bħala medja għal […] punti bażi.

(93) Fir-rigward tal-marġni ta' riskju ta' […] punti bażi stabbilit fl-2009, il-Ġermanja ċċarat li r-rata kienet ġiet determinata billi tqabblu l-kundizzjonijiet taż-żewġ offerti indikattivi minn Sachsen Bank u Nord LB tat-8 u tad-9 ta' Jannar 2009 rispettivament, il-ftehimiet ta' self bejn l-MFAG u s-Sachsen LB u l-Postbank tad-19/22 ta' Awwissu 2003 u tat-28 ta' Ġunju/15 ta' Lulju 2007. Il-Ġermanja qalet li minħabba kunsiderazzjonijiet ta' prudenza l-marġni kien żdied 'il fuq għad-dritt minn […] punti bażi bħala medja għal […] punti bażi.

(94) Skont il-Ġermanja, fl-2010 il-marġni ta' riskju kien jammonta għal […] punti bażi. Barra minn hekk, il-Ġermanja spjegat li din il-figura ġiet determinata billi tqabblu ż-żewġ offerti indikattivi minn Sachsen LB ([22]) u minn Nord LB ([23]) tal-11 u tal-14 ta' Jannar 2010 rispettivament, u l-ftehim ta' self bejn l-MFAG u s-Sachsen LB tad-19/22 ta' Awwissu 2003. Il-Ġermanja

([22]) Offerta ta' self minn Sachsen LB mill-14.1.2010 li tipproponi marġni minn 55 punti bażi fis-sena sa 80 punt bażi fis-sena skont l-ammont tas-self (aktar ma jkun għoli l-ammont tas-self, inqas ikun il-marġni offrut).

([23]) Offerta ta' self minn Nord LB mill-11.1.2010 li tipproponi marġni ta' riskju minn 22 punt bażi fis-sena sa 238 punt bażi fis-sena skont l-ammont tas-self.

qalet li minħabba kunsiderazzjonijiet ta' prudenza, il-marġni medju reġa' ġie arrotondat 'il fuq minn […] punti bażi bħala medja għal […] punti bażi.

(95) Il-Ġermanja tispjega li fl-2011, il-marġni tal-imgħax użat kien jammonta għal […] punti bażi u li l-kalkolu kien ibbażat fuq tqabbil bejn żewġ offerti indikattivi minn Sachsen Bank u Nord LB tad-29 ta' Ġunju 2011, u l-ftehimiet ta' self bejn Postbank u l-MFAG datati t-28 ta' Ġunju/il-15 ta' Lulju 2007, u bejn Sachsen LB u l-MFAG datati d-19/22 ta' Awwissu 2003. Skont il-Ġermanja, il-marġni kkalkolat reġa' żdied 'il fuq għad-dritt minn […] punti bażi bħala medja għal […] punti bażi.

3.3.2. **L-applikazzjoni ta' komparaturi tas-suq biex tiġi identifikata r-rata tas-suq tal-FLH**

(96) Il-Ġermanja qalet li fl-opinjoni tagħha l-konformità tas-self mill-azzjonisti tal-FLH mas-suq għandha tiġi vvalutata abbażi ta' komparaturi tas-suq u mhux abbażi tal-Komunikazzjoni dwar ir-Rata Referenzjali tal-2008.

(97) Barra minn hekk, il-Ġermanja argumentat li l-ftehim ta' self bejn l-MFAG u s-Sachsen LB tad-19/22 ta' Awwissu 2003 kien tabilħaqq jikkostitwixxi valur referenzjarju adattat biex jiġi identifikat il-livell tas-suq tar-rati tal-imgħax għas-self mill-azzjonisti. Il-Ġermanja ċaħdet l-argument li l-ftehim ta' self bejn l-MFAG u s-Sachsen LB ma kienx bażi adattata għal valutazzjoni komparattiva għaliex kien ġie konkluż ma' benefiċjarju differenti, jiġifieri l-MFAG u mhux l-FLH. Il-Ġermanja indikat li l-Kummissjoni nnifisha qieset lill-MFAG sempliċiment bħala mezz għat-trasferiment ta' fondi lill-FLH u mhux bħala benefiċjarja nnifisha tal-għajnuna. Il-Ġermanja spjegat li l-ftehim dwar il-kontroll, u t-trasferiment tal-qligħ u tat-telf bejn l-MFAG u l-FLH kien jobbliga lill-FLH biex titrasferixxi l-profitti kollha tagħha lill-MFAG u kien jirrikjedi li l-MFAG tkopri t-telf kollu tal-FLH, u b'hekk il-qligħ/telf nett annwali għall-FLH dejjem kien żero. Bħala konsegwenza, il-marġni tal-imgħax mogħti lill-kumpanija tal-grupp dejjem kien ekwivalenti għall-marġni tal-imgħax mogħti lill-kumpanija prinċipali u viċi versa.

(98) Skont il-Ġermanja, minkejja li l-ftehim ta' self kien sar fl-2003, kien fih self ta' riportament fit-tul sal-2013 b'imgħax iffissat għal 3 xhur kull darba. F'dan ir-rigward, il-Ġermanja qalet li għalhekk il-marġni ta' riskju ta' […] punti bażi kien applikabbli bejn l-2006 u l-2008 u xorta jkun japplika llum. Barra minn hekk, il-Ġermanja ma qablitx mal-argument tal-Kummissjoni li Sachsen LB kienet biss kapaċi toffri l-marġni tal-imgħax ta' […] punti bażi minħabba tnaqqis fil-livell tal-imgħax ipprovdut permezz tal-finanzjament mill-BEI, li huwa wkoll skorrett. Skont il-Ġermanja, il-finanzjament mill-BEI ma kellu l-ebda influwenza fuq id-determinazzjoni tal-marġni tal-imgħax ta' […] punti bażi.

(99) Il-Ġermanja ċaħdet ukoll l-osservazzjoni tal-Kummissjoni li l-ftehim ta' self bejn Postbank u l-MFAG ma setax jintuża bħala valur referenzjarju. Ġie konkluż għall-benefiċċju tal-FLH, ma kienx ġie miftiehem fi żmien differenti, u l-ħlas ma kienx soġġett għal kundizzjonijiet speċifiċi. Barra minn hekk, il-Ġermanja argumentat li l-offerta vinkolanti ta' finanzjament minn Sachsen LB u Nord LB datata s-16 ta' Mejju 2007 kienet valur referenzjarju adattat.

(100) Barra minn hekk, b'referenza għall-argument tal-Kummissjoni li kienet iddubitat jekk il-proposti indikattivi li ġew ippreżentati permezz ta' ittra elettronika mingħajr l-intenzjoni li jsiru ftehimiet ta' self legalment vinkolanti setgħux jitqiesu bħala valur referenzjarju affidabbli tas-suq ([24]), il-Ġermanja qalet li Nord LB u Sachsen Bank it-tnejn kellhom relazzjonijiet kummerċjali twila mal-MFAG u kienu nżammu regolarment informati dwar is-sitwazzjoni ekonomika tal-FLH u tal-MFAG, u għalhekk il-proposti indikattivi kienu bbażati fuq valutazzjoni bir-reqqa tar-riskju.

(101) Barra minn hekk, il-Ġermanja indikat li anke jekk in-natura tas-self bħala konformi mas-suq jew l-ekwivalenti tal-għajnuna tas-self jew it-tnejn kellhom jiġu ttestjati skont il-Komunikazzjoni tal-2008 dwar ir-Rata Referenzjali, ma jkun hemm ebda għajnuna mill-Istat. Il-Ġermanja saħqet li l-metodu l-ġdid biex tiġi kkalkolata r-rata referenzjali kien japplika biss mill-1 ta' Lulju 2008. Bħala konsegwenza, fil-każ ta' ftehimiet ta' self konklużi qabel din id-data, trid tiġi applikata l-Komunikazzjoni preċedenti dwar ir-Rata Referenzjali.

3.3.3. **Il-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-MFAG/FLH**

(102) Il-Ġermanja tikkonferma li l-FLH ma ġietx ikklassifikata minn aġenziji pubbliċi tal-klassifikazzjoni tal-kreditu. Minkejja dan, il-Ġermanja qalet li hemm xi indikazzjonijiet tal-affidabbiltà kreditizja tagħha. Il-Ġermanja kompliet tgħid li l-azzjonist ewlieni tal-FLH huwa l-MFAG, li huwa sid 94 % tal-ishma fl-FLH. Skont il-Ġermanja, peress li hemm *Ftehim dwar il-Qsim ta' Telf u ta' Qligħ* bejn l-MFAG u l-FLH mis-6 ta' Diċembru 2000, li jobbliga lill-MFAG tkopri kwalunkwe telf tal-FLH, il-klassifikazzjoni tal-FLH għandha tal-anqas tkun l-istess (jew ogħla) mill-klassifikazzjoni tal-kumpanija prinċipali tagħha l-MFAG.

([24]) Il-Premessa 95 tad-deċiżjoni tal-ftuħ.

(103) Il-Ġermanja qalet li l-MFAG ma ġietx klassifikata minn aġenziji pubbliċi tal-klassifikazzjoni tal-kreditu. Minkejja dan, il-Ġermanja tipprovdi xi klassifikazzjonijiet bankarji interni għall-MFAG. Il-Ġermanja qalet li fl-2006 Nord LB kien ikklassifika lill-MFAG b'nota ta' klassifikazzjoni ta' […] fuq l-iskala tal-klassifikazzjoni interna tiegħu (bi probabbiltà ta' inadempjenza ta' […] %) li tikkorrispondi għal klassifikazzjoni ta' […] sa […] fuq l-iskala ta' klassifikazzjoni ta' Standard & Poor's, […] sa […] fuq Moody's u […] sa […] fuq ta' Fitch. Il-Ġermanja kompliet tgħid li l-MFAG ilha f'din il-kategorija ta' klassifikazzjoni mill-2006. Il-Ġermanja ċċarat ukoll li fit-2 ta' Awwissu 2011 u fl-20 ta' April 2012 rispettivament, din il-valutazzjoni ġiet ikkonfermata minn Nord LB. Barra minn hekk, il-Ġermanja qalet li anke d-Deutsche Kreditbank AG (DKB) kien ipprovda l-indikazzjoni tal-klassifikazzjoni tiegħu, li fiha jikkonferma li, abbażi tar-rapporti finanzjarji tal-MFAG għas-sena 2006, il-kumpanija ġiet assenjata klassifikazzjoni ta' […] fuq l-iskala tal-klassifikazzjoni interna tal-bank, li tikkorrispondi għal klassifikazzjoni ta' […] minn Standard & Poor u ta' […] minn Moody's.

(104) It-Tabella 4 tiġbor fil-qosor il-klassifikazzjonijiet assenjati lill-MFAG mill-2006 sal-2012 (il-perjodu taħt konsiderazzjoni).

Tabella 4

Il-klassifikazzjoni tal-MFAG bejn l-2006-2012

(…) ([25])

3.3.4. **Valutazzjoni tat-telf fil-każ ta' inadempjenza (LGD)**

(105) Fir-rigward tal-kollateralizzazzjoni tas-self u l-LGD, il-Ġermanja ċċarat li s-self jingħata mill-azzjonisti tal-FLH filforma ta' finanzjament tranżitorju li jfisser li għandu jiġi konvertit f'kapital wara l-awtorizzazzjoni tal-Kummissjoni. F'dan ir-rigward, il-Ġermanja kompliet tiċċara li din hija r-raġuni għaliex is-self mhuwiex kollateralizzat.

(106) Il-Ġermanja sostniet li m'hemm l-ebda modalitajiet speċifiċi għal ħlas lura għas-self mill-azzjonisti peress li kien ġie preżunt li s-self jiġi konvertit f'ekwità, u għalhekk, ma kien se jsir l-ebda ħlas lura. Skont il-Ġermanja, fil-każ li s-self ma jiġix konvertit f'ekwità minħabba li il-Kummissjoni ma tkunx approvat il-finanzjament tal-miżuri infrastrutturali, skont it-Taqsima 488 (3) tad-*Deutsches Bürgerliches Gesetzbuch* (Kodiċi Ċivili Ġermaniża), ftehim ta' self jista' jiġi terminat fi żmien 3 xhur. It-terminazzjoni tal-ftehim twassal għall-maturità tal-ammont tas-self bl-imgħaxijiet.

(107) Il-Ġermanja targumenta li għalkemm is-self mhuwiex kollateralizzat, l-LGD tal-FLH għandu jitqies li tal-anqas ikun anqas minn […] % u anke viċin […] % minħabba li l-valur tal-assi tal-FLH (jiġifieri EUR […] miljun fl-2010) jaqbeż il-valur tal-obbligazzjonijiet (EUR […] miljun fl-2010). Skont il-Ġermanja, fil-każ ta' falliment, l-assi tal-FLH se jkunu biżżejjed biex ikopru dawn il-pretensjonijiet.

(108) Il-Ġermanja qalet li l-assi tal-FLH, li jikkonsistu minn proprjetà ta' art, bini, stallazzjonijiet tekniċi, u magni fost oħrajn, m'huma mirhuna bl-ebda mod lejn l-azzjonisti tagħha jew kredituri esterni.

3.3.5. **L-ebda vantaġġ miksub minn injezzjonijiet ta' kapital**

(109) Fir-rigward tal-injezzjonijiet ta' kapital għall-bini tal-ajruport, il-Ġermanja saħqet li t-test tal-operatur tal-ekonomija tas-suq ("test tal-MEO") ma kienx applikabbli peress li l-bini tal-ajruport kienet tikkostitwixxi miżura ġenerali tal-politika ekonomika li ma taqax fl-ambitu ta' kontroll tal-għajnuna mill-Istat.

3.4 IL-KOMPATIBBILTÀ TAL-GĦAJNUNA

(110) Il-Ġermanja sostniet li anki jekk il-finanzjament tal-miżuri ppjanati kien jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, ikun kompatibbli mas-suq intern peress li jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 61 tal-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2005. Wara d-dħul fis-seħħ tal-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2014, il-Ġermanja sostniet li l-għajnuna tkun kompatibbli wkoll mal-prinċipji komuni kif stabbiliti fit-Taqsima 5 ta' dawk il-Linji Gwida.

3.4.1. **Objettiv definit sew ta' interess komuni**

(111) Il-Ġermanja qalet li l-finanzjament tal-investimenti inkwistjoni jservi objettiv definit sew ta' interess komuni.

([25]) Informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali

(112) F'dan ir-rigward, il-Ġermanja sostniet li s-settur tat-trasport tal-merkanzija bl-ajru, b'mod partikolari l-merkanzija espress, qed juri rati konsiderevoli ta' tkabbir b'mod partikulari fl-ajruport ta' Leipzig/Halle (bejn l-2007 u l-2010 il-volum ta' merkanzija żdied minn 101 364 tunnellata għal 663 059 tunnellata). Il-Ġermanja kompliet id-dikjarazzjoni tagħha billi ċċarat li t-trasportaturi tal-merkanzija bl-ajru qed jespandu l-kapaċitajiet operazzjonali tagħhom. Skont il-Ġermanja, it-tliet ċentri prinċipali għall-ġarr tal-merkanzija bl-ajru, Frankfurt/Main, Munich u Cologne/Bonn, qed jiffaċċjaw restrizzjonijiet fuq il-kapaċità fuq titjiriet billejl. Il-Ġermanja tasserixxi wkoll li, skont sentenza tal-4 ta' April 2012, l-Ajruport ta' Frankfurt/Main ma jibqax iwettaq operazzjonijiet ta' titjiriet billejl. Għalhekk, fil-fehma tal-Ġermanja, l-FLH tgħin biex tnaqqas il-konġestjoni f'ajruporti oħra tal-merkanzija fil-Ġermanja.

(113) Fir-rigward tal-kontribut tal-ajruport għall-konnettività tar-reġjun, il-Ġermanja qalet li l-proġett previst ilu jagħmel parti mill-istrateġija għall-iżvilupp ta' ajruport inkluża fil-Pjan Ġenerali tan-Netwerk Trans-Ewropew (Orizzont 2020) mill-2004 bħala "*Punt li jgħaqqdu l-Komunità*"". Skont il-Ġermanja, l-ajruport jinsab fir-reġjun tal-Ġermanja Ċentrali (qrib ħames rotot prinċipali tan-netwerk Trans-Ewropew tat-trasport u tal-passaġġi Pan-Ewropej) u jinsab fil-punt fejn jiltaqgħu żewġ awtostradi li jgħaqqdu flimkien it-Tramuntana u n-Nofsinhar tal-Ewropa (jiġifieri l-Awtostrada federali A 9) u l-Ewropa tal-Punent u l-Ewropa tal-Lvant (jiġifieri l-Awtostrada federali A 14) b'aċċess għal netwerk ferrovjarju u tat-toroq. Barra minn hekk, il-Ġermanja ċċarat li l-aċċess għan-netwerk ferrovjarju u tat-toroq jiffaċilita trasport aktar effiċjenti tal-merkanzija. Barra minn hekk, il-Ġermanja qalet li l-proġett huwa konformi mal-"*iżvilupp ta' netwerk Ewropew integrat tat-trasport bl-ajru* " kif stabbilit fil-punt 12 tal-pjan ta' azzjoni għall-kapaċità, l-effiċjenza u s-sikurezza tal-ajruporti fl-Ewropa ([26]) li jinnota li "ikun xieraq li tinħeles il-kapaċità rieqda li teżisti fl-ajruporti reġjonali, dejjem sakemm l-Istati Membri jirrispettaw l-istrumenti ġuridiċi Komunitarji marbuta mal-għajnuniet mill-Istat".

(114) Il-Ġermanja sostniet ukoll li l-implimentazzjoni tal-proġett se jkollha impatt pożittiv fuq ir-reġjun kollu u se tinfluwenza b'mod sinifikanti l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tiegħu. Skont il-Ġermanja, b'mod partikolari l-proġett ta' investiment, se jtejjeb l-aċċess għar-reġjun u jżid l-attrazzjoni tiegħu għall-investituri u għall-viżitaturi. F'dan ir-rigward, il-Ġermanja argumentat li l-proġett ta' investiment se jkollu wkoll impatt pożittiv fuq l-impjiegi. Sabiex issostni dan l-argument, il-Ġermanja affermat li r-rata tal-qgħad fir-reġjun ta' Sachsen tammonta għal 10,3 % u f'Saxony-Anhalt għal 11,2 %, li huma ogħla mill-medja Ġermaniża ta' 6,9 %.

(115) Għalhekk, il-Ġermanja sostniet li l-għajnuna mill-Istat isservi objettiv definit sew ta' interess komuni.

3.4.2. **Il-ħtieġa ta' intervent mill-Istat**

(116) Il-Ġermanja sostniet li ebda investitur privat mhu se jkun interessat jiffinanzja dawn il-miżuri infrastrutturali. F'dan ir-rigward, il-Ġermanja qalet li l-ajruport ta' Leipzig/Halle qed ibati minħabba l-investiment storikament b'lura. Barra minn hekk, skont il-Ġermanja l-miżuri jikkonċernaw investimenti infrastrutturali fit-tul li jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-ajruport fid-dawl taż-żieda futura fit-trasport tal-merkanzija. Il-Ġermanja targumenta, mingħajr ma tipprovdi evidenza, li l-miżuri la huma sproporzjonati fid-daqs, u lanqas ma jinvolvu spiża sproporzjonata. Fl-opinjoni tal-Ġermanja, tnaqqis ulterjuri fil-finanzjament mill-Istat mhuwiex possibbli peress li infrastruttura ta' dan il-kobor ma tistax tiġi ffinanzjata mir-riżorsi proprji tal-operaturi tal-ajruport.

(117) Il-Ġermanja qajmet ukoll l-argument li d-dħul mis-servizzi tal-ajruport ma jkoprix l-ispejjeż tal-bini tal-infrastruttura u sostanzjat dan l-argument fuq bażi ta' diskrepanza tal-likwidità u valutazzjoni kontrofattwali.

(118) Għalhekk, il-Ġermanja hija tal-opinjoni li l-għajnuna se ġġib titjib materjali għall-proġett ta' investiment li s-suq innifsu ma jagħtix u li hemm il-ħtieġa ta' intervent mill-Istat.

3.4.3. **L-adegwatezza tal-miżura tal-għajnuna**

(119) Il-Ġermanja sostniet li l-għajnuna se tkun miżura adegwata ta' għajnuna. F'dan ir-rigward, il-Ġermanja ssostni li minħabba l-post tal-ajruport fl-Eks-Repubblika Demokratika Ġermaniża, l-ajruport ibati minn investiment b'lura u jrid iwettaq investimenti sostanzjali f'perjodu ta' żmien iqsar meta mqabbel ma' ajruporti oħra.

([26]) Pjan ta' azzjoni għall-kapaċità, l-effiċjenza u s-sikurezza tal-ajruporti fl-Ewropa, KUMM(2006) 819 finali, 24 ta' Jannar 2007.

(120) Barra minn hekk, skont il-Ġermanja, il-miżuri infrastrutturali ma kinux isiru mingħajr l-għajnuna mill-Istat. Biex issostni dan, il-Ġermanja ddikjarat li fl-2005, il-grupp MFAG kien iġġenera dħul ta' EUR 83,8 sa 118-il miljun u l-FLH EUR 47 sa 80 miljun. Għalhekk, fl-opinjoni tal-Ġermanja, il-volum tal-investiment ta' EUR 255,625 miljun huwa aktar minn darbtejn sa 3 darbiet id-dħul konsolidat tal-MFAG u aktar minn 3 sa 5 darbiet id-dħul tal-FLH matul il-perjodu li fih kienu ġew deċiżi l-proġetti ta' infrastruttura.

(121) Fl-aħħar nett, il-Ġermanja qalet li l-proporzjon bejn il-volum tad-dħul u tal-investiment juri li l-impriżi kkonċernati ma kinux iwettqu dawn il-miżuri mingħajr finanzjament pubbliku.

3.4.4. **L-effett ta' inċentiv**

(122) Fir-rigward tal-effett ta' inċentiv, il-Ġermanja indikat li l-ammont u l-intensità tal-għajnuna mill-Istat tal-miżuri infrastrutturali involuti kienu ġustifikati. Il-Ġermanja qalet li l-miżuri infrastrutturali ma kinux isiru mingħajr il-finanzjament mill-Istat (ara t-Taqsima 3.4.3).

(123) Għall-kuntrarju tal-fehma tal-Kummissjoni, il-Ġermanja indikat li l-fatt li wħud mill-proġetti ta' investiment diġà kienu tlestew ma jnaqqasx l-effett ta' inċentiv peress li l-azzjonisti diġà kienu ħadu l-impenji tagħhom għall-finanzjament qabel ma bdew jiġu implimentati l-miżuri infrastrutturali. Skont il-Ġermanja, id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li l-proġetti ta' infrastruttura jistgħu jrendu xi dħul apprezzabbli mill-kapital hija ċertament żbaljata fir-rigward tan-natural tal-miżuri inkwistjoni u hija wkoll f'konflitt mal-prattika preċedenti tal-Kummissjoni dwar it-teħid ta' deċiżjonijiet. Skont il-Ġermanja, f'diversi okkażjonijiet il-Kummissjoni diġà kienet irrikonoxxiet li normalment dawn it-tip ta' miżuri ma jrendu l-ebda dħul apprezzabbli mill-kapital.

3.4.5. **Il-proporzjonalità tal-għajnuna (għajnuna limitata għall-minimu)**

(124) Skont il-Ġermanja, il-proporzjonalità tal-miżuri infrastrutturali tista' wkoll tiġi dedotta mill-fatt li dawn jgħinu biex titnaqqas il-konġestjoni f'ajruporti Ġermaniżi oħra tal-merkanzija.

(125) Barra minn hekk, il-Ġermanja qalet li l-ammont u l-intensità tal-finanzjament kienu ristretti għall-minimu assolut meħtieġ għat-twettiq tal-miżuri infrastrutturali. Skont il-Ġermanja, l-ispejjeż kienu stabbiliti bil-quddiem billi nkisbu stimi tal-ispejjeż u pjanijiet preliminari. Barra minn hekk, il-Ġermanja sostniet li, kuntrarju għad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni, l-ajruport ma setax iżid id-dħul tiegħu billi jżid it-tariffi tal-ajruport. Fil-fehma tal-Ġermanja, dan huwa l-każ għaliex ħafna mill-investimenti huma relatati ma' miżuri infrastrutturali li fuqhom ma tista' tiġi imposta l-ebda imposta separata.

(126) Barra minn hekk, il-Ġermanja qalet li ġeneralment ma kienx possibbli li l-ispejjeż ta' investiment għall-bini ta' infrastruttura ta' ajruport jiġu koperti billi jiżdiedu t-tariffi għall-utenti tal-ajruport. Il-Ġermanja argumentat li peress li t-tariffi tal-ajruport kienu ġew approvati mill-awtorità rilevanti tal-ajruport tal-Land rispettiv fejn jinsab l-ajruport konċernat, il-kostijiet ta' investiment għall-bini tal-infrastruttura tal-ajruport ma setgħux jingħaddew lill-utenti tal-infrastruttura bid-diskrezzjoni tal-operatur. Skont il-Ġermanja, kull żieda ulterjuri fit-tariffi ajruportwali tal-ajruport ta' Leipzig/Halle ma tkunx konformi mas-suq u għalhekk ma tkunx infurzabbli fir-rigward tal-linji tal-ajru li jużaw l-ajruport. Skont il-Ġermanja, ta' min ifakkar li t-tariffi tal-FLH diġà huma ogħla mil-livell tas-soltu tas-suq.

(127) Barra minn hekk, il-Ġermanja targumenta li l-intensità ta' għajnuna prevista kienet ġustifikata. Skont il-Ġermanja, l-ammont previst ta' fondi pubbliċi biss jista' jiggarantixxi li l-investimenti jsiru sal-limitu u fil-perjodu ta' żmien meħtieġ. Il-Ġermanja qalet li l-impossibbiltà li miżuri infrastrutturali ta' ajruport reġjonali ta' dan it-tip jiġu finanzjati privatament intweriet biżżejjed kemm mill-prattika tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kummissjoni u mill-fatt li ma hemm l-ebda każ magħruf li fih investituri privati ffinanzjaw miżuri bħal dawn a spejjeż tagħhom stess.

(128) Il-Ġermanja argumentat li l-Kummissjoni ripetutament u spiss approvat intensitajiet ta' għajnuna sa 100 %. Skont il-Ġermanja, fil-każ ta' investimenti simili għall-investimenti inkwistjoni, il-prattika tal-Kummissjoni wriet li dawn l-investimenti jrid ikollhom intensità ta' għajnuna ta' mill-inqas 75 % sabiex jitwettqu.

(129) Il-Ġermanja qalet li peress li l-FLH kienet inbniet fl-interess pubbliku tal-Ġermanja, il-miżuri infrastrutturali ma kienu bbażati fuq ebda pjan ta' direzzjoni tan-negozju, kalkolu tal-profittabilità jew dikjarazzjonijiet finanzjarji.

(130) Fuq talba tal-Kummissjoni, il-Ġermanja pprovdiet kalkoli tad-diskrepanza tal-likwidità kif jidher fil-qosor fit-Tabella 5 u fit-Tabella 6.

Tabella 5

Kalkolu tad-diskrepanza tal-likwidità – Xenarju I – Investimenti ffinanzjati permezz ta' injezzjonijiet ta' kapital li saru fl-2014

Xenarju I – Investimenti finanzjati permezz ta' injezzjonijiet ta' kapital li saru fl-2014	F'miljuni ta' EUR
Rata ta' skont (1)	[…] %
VPN tas-Σ tal-Flussi ta' flus tal-FLH 2006-2055	(…)
VPN tal-miżuri ta' investiment notifikati M1-M16.2 (inklużi spejjeż li jaqgħu taħt il-mandat tal-ordni pubbliku)	189,4
VPN tad-diskrepanza tal-likwidità	166,9
Intensità tal-għajnuna (2)	88,1 %

(1) Ir-rata ta' skont ġiet stabbilita permezz tal-Mudell tal-Ipprezzar tal-Assi Kapitali: $r_e = r_f + ß_i$ (MRP)
R_f = Rata bażi - = […] % fit-30.12.2005
$ß_i$ = Fattur beta = […] fl-1.1.2006
MRP = Primjum tar-Riskju tas-Suq qabel it-taxxi = […] % fl-1.1.2006.
(2) VPN tad-diskrepanza tal-likwidità/VPN tal-investimenti = EUR 166,9 miljun/EUR 189,4 miljun = 88,10 %

Tabella 6

Kalkolu tad-diskrepanza tal-likwidità – Xenarju II – Investimenti finanzjati permezz ta' injezzjonijiet ta' kapital li saru fl-istess ħin flimkien mal-investimenti

Xenarju II – Investimenti finanzjati permezz ta' injezzjonijiet ta' kapital li saru fiż-żmien meta kien meħtieġ il-finanzjament (1)	F'miljuni ta' EUR
Rata ta' skont	[…] %
VPN tas-Σ tal-Flussi ta' flus tal-FLH 2006-2055	(…)
VPN tal-miżuri ta' investiment notifikati M1-M16.2 (inklużi spejjeż li jaqgħu taħt il-mandat tal-ordni pubbliku)	189,4
VPN tad-diskrepanza tal-likwidità	142,1
Intensità tal-għajnuna (2)	75,00 %

(1) Il-perjodu ta' żmien li fih seħħ l-investiment huwa identiku għall-finanzjament permezz ta' injezzjonijiet ta' kapital.
(2) VPN tad-diskrepanza tal-likwidità/VPN tal-investimenti = EUR 142,1 miljun/EUR 189,4 miljun = 75,00 %

3.4.6. **L-evitar tal-effetti negattivi bla bżonn fuq il-kompetizzjoni u fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri**

(131) Fir-rigward tal-evitar tal-effetti negattivi bla bżonn fuq il-kompetizzjoni u fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri, il-Ġermanja enfasizzat li l-bilanċ ġenerali tal-miżuri infrastrutturali fl-ajruport ta' Leipzig/Halle kien se jkun pożittiv u l-miżuri ma kienx se jkollhom effett negattiv bla bżonn fuq il-kummerċ u fuq il-kompetizzjoni bejn l-Istati Membri. F'dan ir-rigward, il-Ġermanja sostniet li l-miżuri infrastrutturali inkwistjoni huma ta' natura mhux espansjonarja u m'għandhom l-ebda effett fuq il-volum tat-traffiku. Il-Ġermanja indikat li f'deċiżjonijiet oħra l-Kummissjoni kienet diġà rrikonoxxiet li l-miżuri li ma kinux espansjonarji fin-natura tagħhom ma għandhom l-ebda impatt materjali fuq il-kompetizzjoni bejn l-ajruporti.

(132) Il-Ġermanja qasmet il-kompetituri potenzjali tal-FLH fi tliet kategoriji prinċipali: (i) ajruporti fl-inħawi tal-ajruport ta' Leipzig/Halle, (ii) ajruporti Ġermaniżi oħra tal-merkanzija u (iii) ajruporti ewlenin tal-merkanzija tal-Unjoni.

(133) Fir-rigward tal-ajruporti fil-viċinanza ta' Leipzig/Halle, il-Ġermanja nnotat li l-ebda wieħed minn dawn l-ajruporti ma jispeċjalizza fit-trasport tal-merkanzija bl-ajru. Barra minn hekk, il-Ġermanja sostniet li l-ebda wieħed mill-ajruporti li ġejjin, bħall-ajruport ta' Altenburg-Nobitz, ta' Berlin Brandenburg, ta' Dresden, ta' Erfurt, ta' Hof, ta' Magdeburg, ta' Magdeburg-Cochstedt u ta' Praga, ma kienu f'kompetizzjoni reali ma' Leipzig/Halle. Biex issostni dan, il-Ġermanja qalet li għal xi whud minn dawn l-ajruporti d-distanzi ġeografiċi kienu kbar wisq, l-ajruporti kienu jinsabu f'reġjuni ekonomiċi differenti, iż-żoni ta' lħuq kienu pjuttost differenti jew l-ajruporti kienu ta' daqs żgħir ħafna.

(134) Fir-rigward tal-ajruporti Ġermaniżi oħra tal-merkanzija, il-Ġermanja qalet li l-kompetizzjoni tal-ajruport ta' Leipzig/Halle kienet limitata peress li ċ-ċentri Ġermaniżi ewlenin tat-trasport tal-merkanzija bl-ajru (Frankfurt am Main, Munich u Cologne/Bonn), li kienu f'kompetizzjoni ma' Leipzig/Halle, kellhom restrizzjonijiet fuq il-kapaċità jew restrizzjonijiet fuq titjiriet bil-lejl.

(135) Skont il-Ġermanja, lanqas ma kien hemm sovrappożizzjoni kompetittiva ma' ajruporti oħra tal-merkanzija tal-Unjoni, jiġifieri Brussell u Vatry. F'dan ir-rigward, il-Ġermanja qalet li minħabba l-pożizzjoni ċentrali tiegħu f'nofs l-Ewropa, l-ajruport ta' Leipzig/Halle huwa l-uniku li jservi kemm l-Ewropa tal-Punent kif ukoll tal-Lvant, iżda la Brussell u lanqas Vatry ma kienu fil-pożizzjoni li jiggarantixxu aċċess suffiċjenti għas-swieq dejjem aktar importanti tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant. Fir-rigward tal-ajruport ta' Vatry, il-Ġermanja rrilevat li Vatry kien ajruport żgħir ħafna u li fl-2010 il-volum tat-trasport tal-merkanzija bl-ajru tal-ajruport ta' Leipzig/Halle kien pereżempju aktar minn 80 darba akbar mill-volum tat-trasport tal-merkanzija bl-ajru fl-ajruport ta' Vatry. Barra minn hekk, skont il-Ġermanja, Vatry ma jgawdix l-istess konnessjonijiet tajbin għan-netwerk ferrovjarju u tat-toroq bħall-ajruport ta' Leipzig/Halle. Fir-rigward tal-ajruport ta' Brussell, il-Ġermanja argumentat li filwaqt li fl-aħħar snin l-ajruport ta' Leipzig/Halle kien ra żieda fil-volum ta' merkanzija, fuq l-istess perjodu l-ajruport ta' Brussell kien ra tnaqqis. Barra minn hekk, skont il-Ġermanja, l-ajruport ta' Brussell kien soġġett għal restrizzjoni sinifikanti fuq titjiriet billejl u għalhekk il-kompetizzjoni kienet limitata.

(136) Barra minn hekk, il-Ġermanja qalet li, għall-kuntrarju tal-opinjoni tal-Kummissjoni, l-utenti potenzjali kollha kellhom aċċess ugwali u mhux diskriminatorju għall-infrastruttura tal-ajruport. Skont il-Ġermanja, l-utenti individwali tal-ajruport ma rċevew ebda ribassi mhux ġustifikati abbażi tal-volum. Barra minn hekk, fil-fehma tal-Ġermanja, il-kwistjoni ta' aċċess ugwali u mhux diskriminatorju għall-ajruport diġà kienet ġiet indirizzata mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni preċedenti tagħha dwar il-finanzjament tal-ajruport ta' Leipzig/Halle. ([27])

(137) Konsegwentement, il-Ġermanja hija tal-opinjoni li l-għajnuna mill-Istat, jekk fil-fatt hija tali, tista' titqies kompatibbli mas-suq intern.

4. **KUMMENTI MINN PARTIJIET TERZI**

4.1. MITTELDEUTSCHE AIRPORT HOLDING (MFAG)

(138) Fis-26 ta' Ottubru 2011, l-MFAG flimkien mal-FLH ippreżentat kummenti dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ. Il-kummenti tal-MFAG huma ġeneralment fuq l-istess nota tal-kummenti tal-Ġermanja.

4.1.1. **Il-kunċett ta' attività ekonomika u mandat tal-ordni pubbliku**

(139) L-MFAG kompliet tgħid li l-bini ta' infrastruttura fl-ajruport ta' Leipzig/Halle ma jikkostitwixxix attività ekonomika. Għalhekk, skont l-MFAG il-finanzjament inkwistjoni ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat. F'dan ir-rigward, l-MFAG sostniet li investitur privat ma kienx iwettaq il-miżuri inkwistjoni u xorta jibqa' ma jwettaqhomx. Għalhekk, l-MFAG qalet li m'hemmx suq għall-infrastruttura tal-ajruporti. F'dan il-kuntest, l-MFAG kompliet tgħid li l-ajruporti mhumiex kapaċi jiffinanzjaw l-investimenti infrastrutturali tagħhom huma stess. L-MFAG kienet imħassba li l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għal infrastruttura ta' ajruport se twassal għal tnaqqis fl-investimenti fl-infrastruttura tal-ajruporti.

(140) L-MFAG qalet ukoll li l-ajruport ta' Leipzig/Halle ġie żviluppat fl-interess pubbliku u li t-test tal-MEO mhuwiex applikabbli għall-finanzjament ta' infrastruttura ta' ajruport. F'dan ir-rigward, l-MFAG sostniet li fl-Unjoni ma kienx hemm każ wieħed ta' investitur privat li bena jew li żviluppa b'mod sostanzjali ajruport mir-riżorsi tiegħu stess. Għalhekk, skont l-MFAG, minflok ma tuża t-test tal-MEO, il-Kummissjoni trid tivvaluta jekk l-infrastruttura hijiex offruta lill-utenti tagħha kollha b'mod miftuħ u mhux diskriminatorju. L-MFAG kompliet tgħid li dan huwa l-każ fl-ajruport ta' Leipzig/Halle. Għalhekk, skont l-MFAG, il-miżuri infrastrutturali ma kinux ġew ibbażati fuq pjan ta' direzzjoni tan-negozju jew fuq prospetti ta' profittabilità fit-tul.

([27]) Deċiżjoni 2008/948/KE.

(141) Barra minn hekk, l-MFAG kompliet tiċċara li l-bini tal-ajruport kienet għenet biex jiġu segwiti l-miri tal-politika reġjonali u biex tappoġġa reġjun ekonomikament żvantaġġat. L-MFAG saħqet li din hija responsabbiltà tipika tal-Istat u li ma tistax issir minn investituri privati, u għalhekk ma tistax tiġi valutata skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

(142) L-MFAG kompliet targumenta li anke kieku – *quod non* – il-finanzjament ta' infrastruttura inġenerali jikkostitwixxi attività ekonomika, il-miżuri inkwistjoni jaqgħu taħt il-mandat tal-ordni pubblika, u għalhekk ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat.

(143) Fir-rigward ta' attivitajiet li jaqgħu taħt il-mandat tal-ordni pubbliku, l-MFAG qalet li l-Kummissjoni għandha tiddistingwi bejn il-protezzjoni tat-trasport bl-ajru kontra theddidiet esterni, il-protezzjoni tat-traffiku tal-ajru kontra theddidiet operazzjonali, u l-protezzjoni ta' partijiet terzi kontra theddidiet operazzjonali tat-traffiku tal-ajru. F'dan ir-rigward, l-MFAG qalet li l-protezzjoni kontra theddidiet operazzjonali u l-protezzjoni tad-drittijiet ta' partijiet terzi għandhom jitqiesu li jaqgħu taħt il-mandat tal-ordni pubblika. L-MFAG qalet li fil-prattika tat-teħid tad-deċiżjonijiet tagħha l-Kummissjoni kienet qieset miżuri fil-qasam tal-protezzjoni kontra n-nirien, tan-navigazzjoni bl-ajru u tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru, b'mod partikolari d-Deutscher Wetterdienst (Servizz Meteoroloġiku tal-Ġermanja) u d-Deutsche Flugsicherung (Navigazzjoni bl-Ajru tal-Ġermanja) bħala li jaqgħu taħt il-mandat tal-ordni pubblika.

4.1.2. **Il-konformità tas-self mill-azzjonisti tal-FLH mas-suq**

(144) Skont l-MFAG, is-self mill-azzjonisti kien ingħata skont termini tas-suq. L-MFAG qalet li l-klassifikazzjonijiet tal-MFAG minn Nord LB u minn Deutsche Kreditbank AG għandhom jittieħdu inkonsiderazzjoni. F'dan ir-rigward, l-MFAG iċċarat li n-Nord LB d-Deutsche Kreditbank AG kienu kklassifikaw lill-MFAG u lill-FLH fil-kategorija ta' klassifikazzjoni […] bi probabbiltà medja ta' inadempjenza ta' […] %. L-MFAG iċċarat ukoll li l-kategorija ta' klassifikazzjoni […] hija komparabbli mal-kategorija ta' klassifikazzjoni esterna ta' Standard&Poor's ta' […] sa […] ta' Moody's ta' […] sa […] u ta' Fitch ta' […] sa […].

(145) L-MFAG kompliet tgħid li s-self mill-azzjonisti tal-FLH huwa wkoll ferm kollateralizzat. Barra minn hekk, l-MFAG iċċarat li s-self tal-FLH se jintuża biex jiffinanzja investimenti infrastrutturali sostenibbli. L-MFAG iċċarat ukoll li l-assi tal-FLH mhumiex mirhuna ma xi ipoteki ("*Grundpfandrechte*"). Għalhekk, l-MFAG hija tal-fehma li minħabba l-klassifikazzjoni tajba ħafna u l-livell għoli ta' kollateralizzazzjoni l-marġni tar-riskju għandu jiġi stabbilit f'massimu ta' […] punti bażi.

(146) Peress li l-marġni tar-riskju tas-self tal-FLH huma stabbiliti bejn […] u […] punti bażi, l-MFAG hija tal-fehma li s-self huwa skont termini tas-suq u ma jinvolvix għajnuna mill-Istat.

4.1.3. **Il-kompatibbiltà tal-għajnuna**

(147) L-MFAG hija tal-fehma li fi kwalunkwe każ l-injezzjonijiet ta' kapital huma kompatibbli mas-suq intern.

(148) L-MFAG qalet li l-ajruport ta' Leipzig/Halle għandu impatt pożittiv kbir fuq l-impjiegi fir-reġjun b'5 100 impjegat (inklużi l-impjegati tal-MFAG, tal-linji tal-ajru, tar-ristoranti, tal-impriżi tal-forniment tal-ikel, tal-awtoritajiet pubbliċi, u ta' impriżi oħra) li jaħdmu direttament fl-ajruport u madwar 8 100 impjegat indirett.

(149) Barra minn hekk, l-MFAG saħqet li fid-dawl tar-restrizzjonijiet fuq il-kapaċità u r-restrizzjonijiet fuq it-titjiriet bil-lejl f'ajruporti oħra (bħal Frankfurt/Main, Munich, Berlin, Düsseldorf, u Ħamburg), l-ajruport ta' Leipzig/Halle għandu rwol importanti f'termini ta' tnaqqis tal-konġestjoni ta' dawn l-ajruporti Ġermaniżi l-oħra, u għalhekk jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-provvista għall-Ġermanja kollha.

(150) Fir-rigward tan-natura mhux diskriminatorja tat-tariffi tal-ajruport, l-MFAG qalet li l-iskeda tat-tariffi tal-ajruport fl-ajruport ta' Leipzig/Halle ma tfasslitx biex tiffavorixxi linja tal-ajru waħda biss u l-linji tal-ajru kollha jintalbu jħallsu l-istess imposti ta' llandjar. Għalhekk, skont l-MFAG, l-infrastruttura tintuża mill-utenti kollha tagħha b'mod uniformi u mhux diskriminatorju.

(151) Fir-rigward tan-neċessità tal-għajnuna u l-effett ta' inċentiv tagħha, l-MFAG qalet li l-miżuri ma kinux isiru mingħajr is-self mill-azzjonisti jew l-injezzjonijiet ta' kapital. Skont l-MFAG, is-somma totali tal-investiment ta' EUR 225,6 miljuni tirrappreżenta darbtejn jew tliet darbiet il-fatturat medju tal-MFAG u aktar minn ħames darbiet il-fatturat annwali medju tal-FLH fil-perjodu li fih ġew deċiżi l-proġetti ta' infrastruttura. Skont l-MFAG, il-fatt li l-miżuri diġà twettqu parzjalment ma jeskludix il-preżenza tal-effett ta' inċentiv peress li dawn il-miżuri saru biss wara li ġew riċevuti l-garanziji ta' finanzjament u d-deċiżjonijiet tal-azzjonisti pubbliċi, li pprovdew ukoll il-finanzjament interim permezz tas-self min-naħa tal-azzjonisti.

(152) L-MFAG qalet li l-miżuri inkwistjoni ma fixklux il-kompetizzjoni b'mod negattiv. Barra minn hekk, l-MFAG qieset li ma hemm l-ebda impatt negattiv fuq l-ajruport ta' Brussell jew fuq l-ajruport ta' Vatry. Skont l-MFAG, l-ajruport ta' Brussell ibati minn restrizzjonijiet fuq titjiriet bil-lejl, li kienu r-raġuni għaliex id-DHL iddeċidiet li timxi lejn Leipzig/Halle fuq terminu twil. Fir-rigward ta' Vatry, l-MFAG qalet li, skont artikoli fl-istampa, l-attività tal-merkanzija f'dan l-ajruport hija limitata ħafna (sempliċiment madwar 5 sa 6 titjiriet fil-ġimgħa).

4.2. ARBEITSGEMEINSCHAFT DEUTSCHER VERKEHRSFLUGHÄFEN (ADV)

(153) L-ADV bagħtet il-kummenti tagħha dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ fis-27 ta' Ottubru 2011. Il-kummenti tal-ADV huma kompletament konformi mal-kummenti tal-MFAG. L-ADV indikat li l-ajruport ta' Leipzig/Halle huwa importanti għall-iżvilupp reġjonali.

4.3. DEUTSCHE FLUGSICHERUNG (DFS)

(154) Id-DFS ippreżentat il-kummenti tagħha permezz ta' ittra datata t-28 ta' Ottubru 2011.

(155) Id-DFS qalet li l-proġetti infrastrutturali M3 sa M8 u M10 (ara t-Tabella 2) jikkontribwixxu għall-immaniġġjar sigur u bla xkiel tat-traffiku tal-ajru fl-ajruport ta' Leipzig/Halle. F'dan ir-rigward, id-DFS qalet li l-M3 għenet biex jittaffa l-piż fuq it-taxiways u fuq il-pontijiet li jaqsmu, l-M5 kienet meħtieġa b'urġenza biex jiġi żgurat li ma jkun hemm ebda ostakli għat-taxiing fil-parti tan-Nofsinhar tal-ajruport, u l-M8 isservi bħala l-bażi għal salvataġġ bl-ajru u għal operazzjonijiet ta' emerġenza. Id-DFS kompliet tgħid li l-M10 se tgħin lill-ħidma tad-DFS skont it-Taqsima 29b (2) tal-*Luftverkehrsgesetz* (Att dwar it-Trasport bl-Ajru, "LuftVG") fil-ħidma għall-protezzjoni tal-pubbliku kontra storbju irraġonevoli.

4.4. L-AZZJONIST TAL-MFAG JEW/U TAL-FLH

4.4.1. **Landkreis Nordsachsen**

(156) Landkreis Nordsachsen ippreżentat il-kummenti tagħha permezz ta' ittra datata s-27 ta' Ottubru 2011.

(157) Il-Landkreis Nordsachen qalet li l-ajruport kien impetu importanti għall-iżvilupp ekonomiku u għall-impjiegi fir-reġjun. Barra minn hekk, Landkreis Nordsachsen osservat li għal raġunijiet storiċi l-ajruport għandu ħtieġa akbar ta' aktar investimenti minn ajruporti Ġermaniżi oħra. Iddikjarat li l-kunċett ta' attivitajiet li jaqgħu taħt il-mandat tal-ordni pubblika għandu jiġi interpretat b'mod usa'.

(158) Il-Landkreis Nordsachsen kompliet tgħid li t-tariffi tal-ajruport mhumiex biżżejjed biex jiffinanzjaw l-investimenti meħtieġa. Fil-fehma tagħha l-injezzjonijiet ippjanati ta' kapital kellhom effett ta' inċentiv. Il-Landkreis Nordsachsen ikkonkludiet il-kummenti tagħha bid-dikjarazzjoni li mingħajr il-finanzjament l-ajruport ma kienx ikun jista' jimplimenta l-proġett ta' infrastruttura.

4.4.2. **Il-Belt ta' Dresden**

(159) Il-Belt ta' Dresden, azzjonista minoritarja fl-MFAG, ippreżentat il-kummenti tagħha fit-28 ta' Ottubru 2011. Il-kummenti tal-Belt ta' Dresden kienu konformi mal-kummenti tal-MFAG u tal-Landkreis Nordsachsen.

(160) Il-Belt ta' Dresden qalet li l-ajruport huwa l-akbar impjegatur fir-reġjun, li jimpjega direttament 5 100 persuna. Għalhekk, il-Belt ta' Dresden saħqet li l-ajruport huwa stimulu ekonomiku importanti għar-reġjun. Barra minn hekk, il-Belt ta' Dresden argumentat li minħabba l-permess għal titjiriet bil-lejl, l-ajruport ta' Leipzig/Halle għandu rwol importanti fit-tnaqqis tal-konġestjoni f'ajruporti Ġermaniżi oħra.

(161) Il-Belt ta' Dresden qalet li l-ispejjeż ta' investiment f'infrastruttura ta' ajruport ma jistgħux jiġu kompletament iffinanzjati permezz ta' tariffi ajruportwali mill-utenti tal-ajruport. Kompliet tgħid li storikament l-iżvilupp tal-ajruporti kien ġeneralment iffinanzjat minn fondi pubbliċi. Barra minn hekk, skont il-Belt ta' Dresden, fil-Ġermanja t-tariffi tal-ajruport ma jiġux stabbiliti liberament mill-operaturi tal-ajruport, iżda jridu jiġu uffiċjalment approvati mill-awtoritajiet pubbliċi.

(162) Il-Belt ta' Dresden qalet ukoll li l-miżuri infrastrutturali fl-ajruport ta' Leipzig/Halle ma affettwawx b'mod mhux xieraq is-suq intern peress li l-ajruporti Ġermaniżi u barranin kollha f'kompetizzjoni kienu qed joperaw qrib il-kapaċità sħiħa, filwaqt li l-ajruport ta' Vatry bilkemm jitħaddem.

4.4.3. **Stadt Leipzig**

(163) Fit-28 ta' Ottubru 2011 il-Kummissjoni rċeviet il-kummenti tal-Belt ta' Leipzig, li hija azzjonista fl-MFAG. Il-kummenti tal-Belt ta' Leipzig kienu kompletament konformi mal-kummenti tal-Belt ta' Dresden u tal-MFAG.

4.5. BURDNARA TAL-MERKANZIJA BL-AJRU U KUMPANIJI TAL-KUNSINNA ESPRESS TAL-PAKKETTI

4.5.1. **European Air Transport Leipzig (EAT)**

(164) Fis-27 ta' Ottubru 2011 l-EAT, kumpanija tat-trasport tal-merkanzija bl-ajru bbażata fl-ajruport ta' Leipzig/Halle, ippreżentat il-kummenti tagħha dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ. L-EAT qalet li hija sussidjarja 100 % ta' Deutsche Post AG u tuża l-ajruport ta' Leipzig/Halle bħala ċ-ċentru prinċipali tagħha.

(165) L-EAT qalet li sa fejn taf hi l-utenti potenzjali kollha għandhom aċċess ugwali u mhux diskriminatorju għall-infrastruttura. L-EAT kompliet tiċċara li dan huwa appoġġjat b'mod partikulari mis-sistema trasparenti ta' pprezzar li tapplika għall-utenti kollha.

4.5.2. **Lufthansa Cargo**

(166) Il-Lufthansa Cargo ppreżentat il-kummenti tagħha fis-26 ta' Ottubru 2011. Il-kummenti tagħha huma kompletament konformi mal-kummenti tal-EAT. Il-Lufthansa Cargo kkonfermat li l-utenti potenzjali kollha għandhom aċċess ugwali u mhux diskriminatorju għall-ajruport.

4.5.3. **Emons Spedition**

(167) Emons Spedition ippreżentat il-kummenti tagħha fit-18 ta' Ottubru 2011. Il-kummenti ta' Emons huma kompletament konformi ma' tal-EAT. Emons saħqet li l-finanzjament pubbliku tat-titjib fl-infrastruttura tal-ajruport huwa essenzjali għall-ajruporti u l-utenti tal-ajruport.

4.5.4. **Spero Logistics Europe**

(168) Spero Logistics Europe ppreżentat il-kummenti tagħha fit-28 ta' Ottubru 2011. Il-kummenti ta' Spero huma kompletament konformi mal-kummenti tal-EAT u ta' Emons Spedition.

(169) Spero qalet ukoll li l-permess biex jiġu operati titjiriet billejl huwa ta' importanza partikolari għat-trasport tal-merkanzija bl-ajru. Spero ċċarat li hija ddeċidiet li tibbaża l-operazzjonijiet tagħha f'Leipzig/Halle minħabba l-pożizzjoni ġeografika tiegħu (fiċ-ċentru tal-Ewropa, joffri aċċess għall-akbar suq Ewropew, u ħin iqsar ta' titjiriet lejn l-Asja).

4.5.5. **Deutsch Russische Wirtschaftsallianz e.V. (Alleanza Ekonomika Ġermaniża-Russa)**

(170) Fil-25 ta' Ottubru 2011, id-Deutsch Russische Wirtschaftsallianz ("Wirtschaftsallianz") sostniet li l-iżvilupp tal-ajruport huwa essenzjali għat-tkabbir ekonomiku fir-reġjun.

(171) Il-Wirtschaftsallianz qalet li l-ajruport ta' Leipzig/Halle kien importanti fil-kuntest tal-proġett SALIS stabbilit għal trasport speċjali meħtieġ għall-operazzjonijiet tan-NATO fl-Afganistan. Il-Wirtschaftsallianz argumentat li l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' dan il-proġett kienu attwalment disponibbli biss f'Leipzig. Il-Wirtschaftsallianz kompliet tiċċara li dan jikkonċerna b'mod partikolari r-rekwiżiti ta' sigurtà skont id-Direttivi tan-NATO, liċenzja operattiva 24/7, runways ta' 3 000 metru, żoni suffiċjenti ta' ħażna u ta' tagħbija, u kapaċità ta' manutenzjoni teknika għall-ajruplani Russi użati fil-proġett SALIS.

4.5.6. **Burdnara u assoċjazzjonijiet oħra**

(172) Il-Kummissjoni rċeviet ukoll kummenti mingħand Skyline Air Services, Netzwerk Logistik Leipzig-Halle e.V., Kühne+Nagel, Jet-Speed, Jade Cargo, Baring, Air Cargo Club Deutschland, Aerologic, u mingħand Volga-Dnepr. Il-kummenti tagħhom kienu kompletament konformi mal-kummenti tal-EAT, u saħqu fuq l-importanza tal-ajruport ta' Leipzig/Halle għall-iżvilupp u għall-aċċessibbiltà reġjonali.

4.6. LINJI TAL-AJRU TAL-PASSIĠĠIERI U ASSOĊJAZZJONIJIET TAT-TURIŻMU

4.6.1. **Germanwings**

(173) Il-Germanwings, is-sussidjarja ta' Deutsche Lufthansa AG, ippreżentat il-kummenti tagħha fis-26 ta' Ottubru 2011.

(174) Il-Germanwings qalet li l-bini u l-iżvilupp tal-infrastruttura tal-ajruport ma setgħux jiġu kompletament iffinanzjati mit-tariffi tal-ajruport. Il-Germanwings spjegat li proporzjon kbir ħafna tal-miżuri identifikati fid-deċiżjoni tal-ftuħ kienu relatati ma' miżuri ta' sikurezza tal-ajru jew ma' miżuri li jimplimentaw regoli dwar is-sikurezza. Il-Germanwings kompliet tgħid li dawn il-miżuri ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

(175) Il-Germanwings saħqet li l-Kummissjoni għandha tqis is-sitwazzjoni speċifika tal-ajruport ta' Leipzig/Halle u l-investimenti b'lura fl-infrastruttura tal-ajruport minħabba r-riunifikazzjoni tal-Ġermanja.

(176) Barra minn hekk, il-Germanwings qalet li l-infrastruttura fl-ajruport ta' Leipzig/Halle hija disponibbli għall-utenti potenzjali kollha mingħajr ebda diskriminazzjoni jew trattament preferenzjali *de facto* għal linja tal-ajru waħda.

4.6.2. **Linji tal-ajru oħrajn u assoċjazzjonijiet tat-turiżmu**

(177) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti wkoll mingħand Austrian Airlines, Alltours, Bundesverband der Deutsche Luftverkehrswirtschaft, Deutscher Reise Verband, u mingħand Bundesverband der Deutschen Tourismuswirtschaft. Il-kummenti tagħhom kienu kompletament konformi mal-kummenti tal-Germanwings.

4.7. IMPRIŻI LI JINSABU FL-INĦAWI TAL-AJRUPORT U ASSOĊJAZZJONIJIET

4.7.1. **BMW Werk Leipzig (BMW)**

(178) Il-BMW ippreżentat il-kummenti tagħha permezz ta' ittra datata s-27 ta' Ottubru 2011.

(179) Il-BMW qalet li l-ajruport ta' Leipzig/Halle huwa importanti għall-industrija lokali u għandu effetti esterni pożittivi fuq ir-reġjun u fuq l-impriżi stabbiliti. Il-BMW kompliet tgħid li l-Kummissjoni għandha tqis l-investiment b'lura fl-ajruport ta' Leipzig/Halle qabel ir-riunifikazzjoni tal-Ġermanja. Minħabba l-importanza tal-ajruport għar-reġjun, il-BWM tqis li l-finanzjament pubbliku għandu jitqies kompatibbli.

4.7.2. **EADS Elbe Flugzeugwerke (EADS)**

(180) L-EADS ippreżentat il-kummenti tagħha dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ permezz ta' ittra datata s-27 ta' Ottubru 2011.

(181) L-EADS indikat li l-ajruport ta' Leipzig/Halle huwa importanti ħafna għall-ekonomija tar-reġjun u kien fattur ewlieni fid-deċiżjoni tal-EADS biex tistabbilixxi s-sussidjarja tagħha f'dan ir-reġjun.

4.7.3. **European Energy Exchange AG (EEX)**

(182) L-EEX, kumpanija fil-kummerċ tal-enerġija li għandha l-kwartieri ġenerali tagħha f'Leipzig, ippreżentat il-kummenti tagħha fis-27 ta' Ottubru 2011.

(183) L-EEX qalet li l-ajruport ta' Leipzig/Halle kien importanti ħafna għar-reġjun u għall-impjegati tal-EEX. L-EEX kompliet tgħid li ma tara l-ebda possibbiltà li tissostitwixxi lill-FLH billi tuża ajruporti Ewropej oħra bħala alternattiva.

4.7.4. **Industrie- und Handelskammer Halle-Dessau [Il-Kamra tal-Kummerċ u tal-Industrija ta' Halle-Dessau] (IHK)**

(184) L-IHK ippreżentat il-kummenti tagħha fis-26 ta' Ottubru 2014.

(185) L-IHK qalet li hemm interdipendenzi pożittivi li jirriżultaw mill-kompetizzjoni fis-suq tal-ajruporti tal-Unjoni. F'dan ir-rigward l-IHK qalet li titjib infrastrutturali f'post wieħed għandu wkoll impatt pożittiv fuq ajruporti oħra. F'dan is-sens, l-IHK kompliet tgħid li l-effetti pożittivi tan-netwerk tal-programm ta' infrastruttura fl-ajruport ta' Leipzig/Halle kienu predominanti. Fl-opinjoni tal-IHK hemm bżonn li jiġu kkunsidrati d-dgħufija strutturali tar-reġjun u l-investimenti b'lura fil-Ġermanja tal-Lvant. Fl-aħħar nett, l-IHK qalet li mingħajr investiment pubbliku inizjali, kien inkonċepibbli li jsiru investimenti estensivi ta' segwitu mis-settur privat.

4.7.5. **Assoċjazzjonijiet oħra**

(186) Il-Kummissjoni rċeviet ukoll kummenti mingħand Handwerkskammer zu Leipzig, Industrie- und Handelskammer zu Leipzig, Wirtschaftsinitiative Mitteldeutschland, u mingħand Leipziger Messe. Dawn il-kummenti kienu kompletament konformi mal-kummenti tal-BMW u tal-EADS.

4.8. L-INIZJATTIVA TAĊ-ĊITTADINI TA' SCHKEUDITZ "KONTRA L-ISTORBJU"

(187) L-inizjattiva taċ-ċittadini ppreżentat il-kummenti tagħha fl-24 ta' Awwissu 2011.

(188) L-inizjattiva taċ-ċittadini qalet li l-membri tagħha kienu nnotaw li r-runway tan-nofsinhar tintuża kważi esklussivament mid-DHL. Skont l-inizjattiva taċ-ċittadini d-DHL kienet kważi l-uniku utent tar-runway u taż-żona tax-Xlokk tal-ajruport. L-inizjattiva spjegat li fid-dawl tal-użu intensiv ta' din l-infrastruttura mid-DHL, ma setax jiġi preżunt li l-investimenti kienu relatati mat-trasport tal-passiġġieri.

5. KUMMENTI MILL-ĠERMANJA DWAR IL-KUMMENTI TA' PARTIJIET TERZI

(189) Il-Ġermanja bdiet l-osservazzjonijiet tagħha billi qalet li l-34 kumment minn partijiet terzi kienu jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-miżuri nnotifikati.

(190) Il-Ġermanja qalet li l-kummenti tal-partijiet terzi kkonfermaw il-fehma tagħha li l-miżuri infrastrutturali inkwistjoni jaqgħu taħt il-mandat tal-ordni pubbliku. F'dan il-kuntest, il-Ġermanja saħqet li d-DFS enfasizzat li M3 sa M8 u M10 kienu jikkostitwixxu miżuri li kienu saru fl-eżerċizzju ta' responsabbiltajiet governattivi. Il-Ġermanja enfasizzat ukoll li għadd ta' partijiet terzi kienu argumentaw li r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat ma kinux applikabbli għall-miżuri inkwistjoni.

(191) Barra minn hekk, il-Ġermanja indikat li l-kummenti juru biċ-ċar li l-finanzjament pubbliku huwa konformi mal-kriterji skont l-Artikolu 107(3) tat-Trattat. Il-Ġermanja qalet li b'mod partikolari l-ibliet, l-awtoritajiet lokali u l-kmamar tal-kummerċ kif ukoll l-impriżi li jinsabu fir-reġjun enfasizzaw l-importanza ekonomika u reġjonali tal-ajruport. Skont il-Ġermanja, għalhekk ma kienx hemm dubju li l-bini u l-operazzjoni tal-ajruport jaqdu objettiv definit b'mod ċar ta' interess komuni. Barra minn hekk, il-Ġermanja argumentat li l-kummenti ta' partijiet terzi kkonfermaw ukoll il-ħtieġa u l-proporzjonalità tal-finanzjament pubbliku.

(192) Fir-rigward tal-possibilità ta' impatt negattiv bla bżonn fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ, il-Ġermanja indikat li la l-ajruport ta' Vatry u lanqas ta' Brussell ma kienu ppreżentaw kummenti dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ. Skont il-Ġermanja, dan juri li l-ebda wieħed minn dawn l-ajruporti ma kien imħasseb dwar xi impatt negattiv tal-miżuri inkwistjoni. Il-Ġermanja indikat li din il-fehma kienet appoġġjata wkoll minn partijiet terzi oħra, bħal Lufthansa Cargo, Austrian Airlines, Germanwings u Jade Cargo. Il-Ġermanja kompliet tgħid li Alltours, Deutscher Reise Verband, BARING u Aircargo Club Deutschland qalu wkoll li ma hemm l-ebda sovrappożizzjoni kompetittiva ta' żoni ta' qbid bejn l-ajruport ta' Leipzig/Halle u ta' Brussell jew ta' Vatry.

(193) Fir-rigward tal-ħtieġa ta' aċċess ugwali u mhux diskriminatorju għall-ajruport, il-Ġermanja indikat li l-kummenti minn partijiet terzi jikkonfermaw li t-tariffi tal-ajruport kienu ġew stabbiliti b'mod mhux diskriminatorju.

6. VALUTAZZJONI

(194) Skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat "kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi għandha, sa fejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern."

(195) Il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat huma kumulattivi. Għalhekk, sabiex jiġi stabbilit jekk il-miżuri inkwistjoni jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat, dawk il-miżuri jridu jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) jingħataw mill-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat,

(b) jiffavorixxu lil ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti,

(c) ifixklu jew jheddu li jfixklu l-kompetizzjoni,

(d) jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri.

6.1. IL-KUNĊETT TA' IMPRIŻA U TA' ATTIVITÀ EKONOMIKA

6.1.1. Il-kunċett ta' impriża

(196) Fir-rigward tal-eżistenza jew in-nuqqas ta' eżistenza ta' għajnuna mill-Istat, l-ewwel irid jiġi stabbilit jekk il-benefiċjarju huwiex involut f'attività ekonomika, u b'hekk jistax jitqies bħala impriża skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat. ([28])

([28]) Ara l-Kawża C-35/96 *Il-Kummissjoni v l-Italja* [1998] Ġabra I-3851 u l-Kawżi C180/98 sa 184/98 *Pavlov* [2000] Ġabra I-6451.

(197) F'dan ir-rigward, il-Ġermanja sostniet li l-kunċett ta' "impriża" skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat ma japplikax għall-ajruporti, għall-anqas għal dak li jikkonċerna l-finanzjament ta' infrastruttura ta' ajruport reġjonali. Il-Ġermanja kienet tal-fehma li l-bini ta' din l-infrastruttura mhijiex attività ekonomika, iżda miżura ġenerali li ssegwi kunsiderazzjonijiet ta' trasport, tal-politika ekonomika u reġjonali. Barra minn hekk, il-Ġermanja affermat li l-bini ta' infrastruttura ta' ajruport ma tikkostitwixxix attività ekonomika għaliex investitur privat ma kienx jidħol għal dik l-attività. F'dak ir-rigward, il-Ġermanja kompliet tgħid li l-ispejjeż fissi tal-ajruporti relatati mal-infrastruttura, mat-tagħmir u mal-operat huma ogħla mill-medja. Barra minn hekk, il-marġni ta' manuvra tagħhom huwa limitat minħabba obbligi u kundizzjonijiet ġuridiċi stretti. Il-Ġermanja qieset ukoll li r-referenzi għas-sentenza *Aéroports de Paris* u għas-sentenza *Leipzig/Halle* huma irrelevanti għall-miżuri inkwistjoni. Fir-rigward tas-sentenza *Aéroports de Paris*, il-Ġermanja sostniet li s-sentenza ma tikkonċernax il-bini ta' infrastrutturi ta' ajruport, iżda l-operat ta' ajruport. Barra minn hekk, il-Ġermanja qieset li s-sentenza *Aéroports de Paris* ma tikkonċernax l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "impriża" skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat, iżda tikkonċerna ksur tal-projbizzjoni tal-abbuż ta' pożizzjoni dominanti skont it-tifsira tal-Artikolu 102 tat-Trattat. Fir-rigward tas-sentenza *Leipzig/Halle*, il-Ġermanja qieset li s-sentenza tal-Qorti Ġenerali ma għandha l-ebda effett bħala preċedent fil-ġurisprudenza, peress li hija soġġetta għal appell.

(198) Fir-rigward tal-kunċett ta' "impriża", irid jiġi indikat li l-Qorti tal-Ġustizzja konsistentement iddefinixxiet impriżi bħala entitajiet involuti f'attività ekonomika, irrispettivament mill-istatus ġuridiku jew mis-sjieda tagħhom u mill-mod kif ikunu ffinanzjati ([29]). Kull attività li tikkonsisti fl-offerta ta' oġġetti u servizzi f'suq hija attività ekonomika ([30]). In-natura ekonomika ta' attività fiha nnifisha ma tiddependix fuq jekk l-attività tiġġenerax profitti ([31]).

(199) F'*Aéroports de Paris* ([32]), il-Qorti ddeċidiet li l-operat ta' ajruport li jikkonsisti fil-forniment ta' servizzi tal-ajruport lil-linji tal-ajru u lil fornituri varji tas-servizz tikkostitwixxi attività ekonomika. Fis-sentenza tagħha fil-Kawża *Leipzig/Halle airport* ([33]), il-Qorti Ġenerali ċċarat li l-operat ta' ajruport huwa attività ekonomika, li minnha l-bini tal-infrastruttura tal-ajruport tagħmel parti inseparabbli.

(200) Il-Kummissjoni tfakkar li fis-sentenza tagħha *Leipzig/Halle airport*, il-Qorti Ġenerali sostniet li, mis-sena 2000, l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għall-finanzjament tal-infrastruttura ta' ajruport ma setgħetx tibqa' tiġi eskluża ([34]). Konsegwentement, mid-data tas-sentenza f'*Aéroports de Paris* (12 ta' Diċembru 2000), l-operat u l-bini tal-infrastruttura ta' ajruport iridu jiġu kkunsidrati bħala kompitu li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kontroll tal-għajnuna mill-Istat.

(201) Fis-sentenza tagħha *Leipzig/Halle airport*. il-Qorti Ġenerali ddeċidiet ukoll li mhuwiex rilevanti jekk il-bini jew l-estensjoni ta' infrastruttura tal-ajruport tippruvax tilħaq għanijiet tal-politika reġjonali, ekonomika jew tat-trasport. Skont każistika stabbilita mhuwiex rilevanti liema għanijiet qed jiġu segwiti minn miżuri speċifiċi iżda pjuttost x'effetti jikkawżaw ([35]).

(202) Barra minn hekk, fis-sentenza tagħha *Leipzig/Halle airport*, il-Qorti Ġenerali kkonfermat li l-eżistenza ta' suq għal infrastruttura ta' ajruport tidher mill-fatt li l-Ajruport ta' Leipzig Halle kien qed jikkompeti ma' ajruporti reġjonali oħra, b'mod partikolari ma' Vatry (Franza) u ma' Brussell (il-Belġju) biex isir iċ-ċentru Ewropew għat-trasport tal-merkanzija bl-ajru tad-DHL.

([29]) Ara l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat tal-Unjoni Ewropea għal kumpens mogħti għall-forniment ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (ĠU C 8, 11.1.2012, p. 4) parti 2.1 u l-każistika assoċjata, b'mod partikolari l-Kawżi konġunti C-180/98 sa C-184/98 *Pavlov u Oħrajn*, [2000] Ġabra I-6451, iżda ara wkoll il-Kawża C-222/04 *Cassa di Risparmio di Firenze u Oħrajn* [2006] Ġabra I-289; Kawża C-205/03 P *FENIN v Il-Kummissjoni* [2006] Ġabra I-6295, u l-Kawża C-49/07 *MOTOE* [2008] Ġabra I-4863.

([30]) Il-Kawża 118/85 *Il-Kummissjoni v l-Italja*, [1987] Ġabra 2599, paragrafu 7; il-Kawża C-35/96 *Il-Kummissjoni v L-Italja*, [1998] Ġabra I-3851, paragrafu 36; *Pavlov u Oħrajn*, paragrafu 75.

([31]) Il-Kawżi Konġunti 209/78 sa 215/78 u 218/78 *Van Landewyck*, [1980] Ġabra 3125, il-paragrafu 88; il-Kawża C-244/94 *FFSA u Oħrajn*, [1995] Ġabra I-4013, paragrafu 21; u l-Kawża C-49/07 *MOTOE*, [2008] Ġabra I-4863, paragrafi 27 u 28.

([32]) Il-Kawża T-128/98 *Aéroports de Paris v Il-Kummissjoni*, [2000] Ġabra II-3929, ikkonfermata mill-Kawża C-82/01, [2002] Ġabra I-9297, il-paragrafi 75-79.

([33]) Il-Kawżi Konġunti T-443/08 u T-455/08 *Mitteldeutsche Flughafen AG u Flughafen Leipzig Halle GmbH v Il-Kummissjoni*, (is-sentenza '*Leipzig-Halle airport*'), [2011] Ġabra II-1311, b'mod partikolari l-paragrafi 93 u 94; ikkonfermati mill-Kawża C-288/11 P *Mitteldeutsche Flughafen u Flughafen Leipzig/Halle v Il-Kummissjoni*, [2012] li għadha ma ġietx ippubblikata.

([34]) Ara s-sentenza *Leipzig/Halle airport*, paragrafu 106.

([35]) Is-sentenza *Leipzig/Halle airport*, il-paragrafu 102 u ta' wara.

(203) Skont il-każistika għandu jitqies ukoll li, għall-fini tal-valutazzjoni tan-natura ekonomika tal-attivitajiet tal-operatur ta' ajruport fil-kuntest tal-finanzjament pubbliku ta' miżuri ta' żvilupp infrastrutturali, ma hemm l-ebda raġuni biex l-attività tal-bini jew tat-tkabbir tal-infrastruttura tiġi diżassoċjata mill-użu sussegwenti tagħha. ([36])

(204) Barra minn hekk, fis-sentenza tagħha *Leipzig/Halle airport*, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li: "ir-runways huma elementi essenzjali għall-attivitajiet ekonomiċi mmexxija minn operatur ta' ajruport. Il-bini ta' runways jippermetti, għaldaqstant, lil ajruport sabiex iwettaq l-attività ekonomika prinċipali tiegħu jew fil-każijiet meta jkun jirrigwarda l-bini ta' runway addizzjonali jew ta' estensjoni ta' runway eżistenti, jippermettilu li jiżviluppaha."

(205) Fid-dawl tal-każistika ċċitata fil-premessi 196 u 204, il-Kummissjoni tosserva li l-infrastruttura, li hija s-suġġett ta' din id-Deċiżjoni, jew se tiġi operata direttament fuq bażi kummerċjali mill-FLH, l-operatur tal-ajruport, jew indirettament se tappoġġja u tippermetti l-operat kummerċjali tal-ajruport fis-sħuħija tiegħu.

(206) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tosserva li, skont il-liġi Ġermaniża, b'mod partikolari l-[…], it-tariffi jridu jiġu stabbiliti mill-operatur tal-ajruport u jiġu ppreżentati għall-approvazzjoni tal-Ministeru Federali tat-Trasport. Il-Kummissjoni tinnota li t-tariffi tal-ajruport jiġu stabbiliti mill-operaturi tal-ajruport fil-limiti regolatorji biex tiġi evitata kwalunkwe diskriminazzjoni inġusta bejn l-utenti tal-ajruport u l-possibilità ta' abbużi ta' pożizzjoni dominanti min-naħa tal-operatur tal-ajruport. Madankollu, il-Kummissjoni tqis li dan ma jipprekludix lill-operaturi tal-ajruport milli jistabbilixxu l-livell tat-tariffi tal-ajruport filwaqt li jqisu l-investimenti meħtieġa u l-ispejjeż tiegħu. B'mod partikolari dan ġie kkonfermat mill-ħtiġijiet ta' […] u […] tal-[…]

(207) Il-Kummissjoni tkompli tinnota li l-bini u l-iżvilupp tal-infrastruttura soġġetta għal din id-Deċiżjoni, se jippermettu li l-FLH iżżid il-kapaċità tagħha u l-attività ekonomika tagħha bħala operatur tal-Ajruport ta' Leipzig/Halle. L-FLH, l-operatur tal-ajruport, tipprovdi servizzi tal-ajruport bi ħlas, li jirriżulta, b'mod partikolari, minn tariffi tal-ajruport, iżda wkoll minn dħul ieħor relatat mal-isfruttament tal-infrastruttura u l-provvista ta' servizzi anċillari, bħal pereżempju l-kiri ta' ħangars, li għandu jitqies bħala ħlas għall-provvediment ta' servizzi mogħtija.

(208) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-infrastruttura soġġetta għal din id-Deċiżjoni hija infrastruttura kummerċjalment sfruttabbli. Għalhekk l-FLH hija impriża skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

6.1.2. **Attivitajiet li jaqgħu taħt il-mandat tal-ordni pubblika**

(209) Madanakollu, mhux l-attivitajiet kollha tal-ajruport huma neċessarjament ta' natura ekonomika ([37]). Billi l-klassifikazzjoni ta' entità bħala impriża hija dejjem relatata ma' attività speċifika, hemm bżonn li ssir distinzjoni bejn l-attivitajiet ta' ajruport partikolari u li jiġi stabbilit kemm dawk l-attivitajiet huma ta' natura ekonomika. Jekk ajruport iwettaq kemm attivitajiet ekonomiċi kif ukoll attivitajiet mhux ekonomiċi, huwa għandu jitqies bħala impriża biss fir-rigward ta' dawk tal-ewwel.

(210) Il-Qorti sostniet li l-attivitajiet li normalment jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Istat fl-eżerċizzju tas-setgħat uffiċjali tiegħu bħala awtorità pubblika mhumiex ta' natura ekonomika u ġeneralment ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli għall-għajnuna mill-Istat. ([38]) F'ajruport, attivitajiet bħall-kontroll tat-traffiku tal-ajru, il-pulizija, id-dwana, it-tifi tan-nar u attivitajiet neċessarji għas-salvagwardja tal-avjazzjoni ċivili kontra atti ta' interferenza illegali u l-investimenti relatati mal-infrastruttura u t-tagħmir neċessarju biex jitwettqu dawn l-attivitajiet huma ġeneralment meqjusa bħala ta' natura mhux ekonomika. ([39])

([36]) Il-Kawża C-205/03P *FENIN v Il-Kummissjoni* [2006] Ġabra I-6295, il-paragrafu 88; u s-sentenza *Leipzig/Halle airport*, il-paragrafu 95.
([37]) Is-sentenza *Leipzig/Halle airport*, paragrafu 98.
([38]) Il-Kawża C-118/85 *Il-Kummissjoni v L-Italja*, [1987] Ġabra 2599, il-paragrafi 7 u 8, u l-Kawża C-30/87 *Bodson/Pompes funèbres des régions libérées*, [1988] Ġabra 2479, il-paragrafu 18.
([39]) Ara, b'mod partikolari, il-Kawża C-364/92 *SAT/Eurocontrol*, [1994] Ġabra I-43, paragrafu 30 u l-Kawża C-113/07 P *Selex Sistemi Integrati v Il-Kummissjoni*, [2009] Ġabra I-2207, paragrafu 71.

(211) Il-finanzjament pubbliku ta' tali attivitajiet mhux ekonomiċi ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat, iżda jrid ikun strettament limitat biex jikkumpensa għall-ispejjeż li dawn jikkawżaw u ma jistax jintuża biex jiffinanzja attivitajiet oħra ([40]). Kull kumpens żejjed possibbli mill-awtoritajiet pubbliċi tal-kostijiet imġarrba fir-rigward ta' attivitajiet mhux ekonomiċi jista' jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat. Barra minn hekk, jekk ajruport ikun, flimkien mal-attivitajiet ekonomiċi tiegħu, involut f'attivitajiet mhux ekonomiċi, hija meħtieġa kontabbiltà separata tal-kostijiet sabiex jiġi evitat kwalunkwe trasferiment ta' fondi pubbliċi bejn l-attivitajiet ekonomiċi u mhux ekonomiċi.

(212) Finanzjament pubbliku ta' attivitajiet mhux ekonomiċi ma jridx iwassal għal diskriminazzjoni bla bżonn bejn l-ajruporti. Fil-fatt, hija każistika stabbilita li hemm vantaġġ meta l-awtoritajiet pubbliċi jeħilsu lil impriżi mill-kostijiet inerenti għall-attivitajiet ekonomiċi tagħhom ([41]). Għaldaqstant, meta skont ċerta ordni ġuridika jkun normali li l-ajruporti jkollhom iġorru ċerti kostijiet inerenti għall-operat tagħhom, filwaqt li ajruporti ċivili ma jagħmlux dan, dawn tal-aħħar jistgħu jingħataw vantaġġ, kemm jekk dawn il-kostijiet ikunu relatati ma' attività, li ġeneralment hi kkunsidrata ta' natura mhux ekonomika, kif ukoll jekk le.

(213) Għalhekk, fid-dawl tal-premessi 209 u 212, il-Kummissjoni għandha tanalizza n-natura tal-miżuri infrastrutturali soġġetti għal din id-Deċiżjoni li jsiru fl-ajruport ta' Leipzig/Halle.

(214) Il-Ġermanja affermat li l-miżuri notifikati M1 sa M11 jittrattaw attivitajiet li jaqgħu taħt il-mandat tal-ordni pubbliku u li l-finanzjament ta' dawn l-attivitajiet huwa strettament limitat għal-limitu tal-ispejjeż meħtieġa għal dawn il-miżuri. Għalhekk, il-Ġermanja kienet tal-fehma li dawn l-ispejjeż ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. F'dan ir-rigward, il-Ġermanja affermat li l-miżuri M1 sa M11 jaqgħu f'waħda minn dawn il-kategoriji li ġejjin:

(i) miżuri li jissalvagwardjaw l-avjazzjoni ċivili kontra atti ta' interferenza illegali ([42]), li huma soġġetti għal-*Luftsicherheitsgesetz* (Liġi dwar is-Sigurtà tal-Avjazzjoni, "LuftSiG"), b'mod partikulari t-Taqsima 8 tagħha;

(ii) miżuri relatati ma' sikurezza operazzjonali, soġġetti għat-Taqsima 45 *Luftverkehrs-Zulassungs-Ordnung* (Regolament dwar il-Liċenzjar tat-Traffiku tal-Ajru, "LuftVZO"); jew

(iii) miżuri relatati mal-protezzjoni ta' partijiet terzi kontra riskji operazzjonali tat-traffiku tal-ajru (bħal tniġġis akustiku).

(215) Fir-rigward ta' miżuri relatati mas-sikurezza operazzjonali, il-Kummissjoni tqis li l-iżgurar ta' operazzjonijiet siguri fl-ajruport huwa parti normali mill-attività ekonomika tal-operat ta' ajruport ([43]). F'dan il-kuntest, ta' min jinnota li anke l-ispejjeż relatati ma' rekwiżiti u standards regolatorji ma jistgħux jitqiesu li jaqgħu taħt il-mandat tal-ordni pubblika. Soġġetti għal reviżjoni aktar dettaljata fir-rigward tal-attivitajiet u l-ispejjeż individwali, il-Kummissjoni ssib li l-miżuri mfassla biex jiżguraw is-sigurtà tal-operazzjonijiet fl-ajruport ma jikkostitwixxux attivitajiet li jaqgħu taħt il-mandat tal-ordni pubblika. Kull impriża li tkun tixtieq topera f'suq partikolari trid tiżgura s-sigurtà tal-installazzjonijiet (għall-ajruporti dawn huma pereżempju r-runways, it-taxiways u r-rampi tal-ajruport), u trid tiżgura wkoll konformità ma' standards regolatorji.

(216) Fir-rigward tar-runways, it-taxiways u r-rampi tal-ajruport, il-Kummissjoni tqis li dawn huma elementi essenzjali għall-attivitajiet ekonomiċi mmexxija minn operatur ta' ajruport. Għalhekk, il-bini ta' runways, taxiways u rampi tal-ajruport jippermetti lil operatur ta' ajruport jeżerċita l-attività ekonomika ewlenija tiegħu.

(217) Fir-rigward tal-miżuri skont it-Taqsima 8 tal-LuftSiG, il-kontroll tat-traffiku tal-ajru, is-servizzi meteoroloġiċi u t-taqsima tat-tifi tan-nar jistgħu, fil-prinċipju, jitqiesu li jikkostitwixxu attivitajiet li jaqgħu taħt il-mandat tal-ordni pubblika.

([40]) Il-Kawża C-343/95 *Cali & Figli* v *Servizi ecologici porto di Genova*, [1997] Ġabra I-1547. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 309/02 tad-19 ta' Marzu 2003, sigurtà tal-Avjazzjoni - kumpens għall-kostijiet li ġew imġarrba wara l-attakki tal-11 ta' Settembru 2001, (ĠU C 148, 25.6.2003, p. 7). Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni N 438/02 tas-16 ta' Ottubru 2002, Għajnuna ta' sostenn tal-funzjonijiet tal-awtorità pubblika fis-settur tal-portijiet, (ĠU C 284, 21.11.2002, p. 2).

([41]) Ara fost l-oħrajn il-Kawża C-172/03 *Wolfgang Heiser* v *Finanzamt Innsbruck*, [2005] Ġabra I-01627, il-paragrafu 36, u l-ġurisprudenza ċċitata f'dik is-sentenza.

([42]) Skont ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Ottubru 2002 li jistabbilixxi regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili (ĠU L 355, 30.12.2002, p. 1).

([43]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Frar 2014 fil-Kawża SA.35847 (2012/N) dwar għajnuna mill-Istat– ir-Repubblika Ċeka – l-Ajruport ta' Ostrava, għadha ma ġietx ippubblikata fil-ĠU, premessa 16.

(218) Fir-rigward tal-qafas ġuridiku applikabbli, il-Ġermanja sostniet li għat-taqsima tat-tifi tan-nar ma hemm l-ebda norma ġuridika li strettament timponi dawn l-ispejjeż fuq l-operatur ta' ajruport. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tosserva li r-remunerazzjoni tal-ispejjeż għal taqsima tat-tifi tan-nar taqa' fil-kompetenza ġuridika tal-Länder u li ġeneralment dawn l-ispejjeż jitħallsu mill-awtoritajiet reġjonali rilevanti. Ir-rimunerazzjoni ta' dawn l-ispejjeż hija limitata sal-punt meħtieġ biex jiġu koperti dawn l-ispejjeż.

(219) Fir-rigward tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru u s-servizzi meteoroloġiċi, il-Kummissjoni tinnota li t-Taqsima 27(d) u t-Taqsima 27(f) tal-LuftVG jipprovdu li l-ispejjeż relatati mat-Taqsima 27(c) tal-LuftVG jiġu koperti mill-Istat għal għadd ta' ajruporti speċifiċi. L-ajruporti huma eliġibbli għal kopertura tal-ispejjeż bħala "*ajruporti rikonoxxuti*" skont it-Taqsima 27(d) u t-Taqsima 27(f) tal-LuftVG jekk il-Ministeru Federali tat-Trasport ikun irrikonoxxa ħtieġa minħabba raġunijiet ta' sigurtà u interessi relatati mal-politika tat-trasport ([44]). L-ajruporti Ġermaniżi li ma ġewx rikonoxxuti mhumiex eliġibbli għall-kopertura tal-ispejjeż skont it-Taqsima 27(d) u t-Taqsima 27(f) tal-LuftVG u, għalhekk, fil-prinċipju, għandhom jassumu l-ispejjeż relatati mal-miżuri previsti fit-Taqsima 27(c) tal-LuftVG huma nfushom. Dawn l-ispejjeż huma inerenti għall-operat tal-ajruporti. Peress li xi ajruporti jridu jġarrbu dawn l-ispejjeż huma stess, filwaqt li ajruporti oħra le, dawn tal-aħħar jistgħu jingħataw vantaġġ, anki jekk il-miżuri ta' kontroll u ta' sikurezza tal-ajru kif ukoll is-servizzi meteoroloġiċi jistgħu jitqiesu li mhumiex ekonomiċi. L-ajruport ta' Leipzig/Halle ġie rikonoxxut bħala ajruport tali u, għalhekk, huwa eliġibbli għall-kopertura tal-ispejjeż skont it-Taqsima 27(d) u t-Taqsima 27(f) tal-LuftVG. L-ajruporti l-oħra jridu jassumu dawn l-ispejjeż huma stess. Għalhekk, il-kopertura tal-ispejjeż tal-ajruport ta' Leipzig/Halle relatati ma' miżuri ta' kontroll tal-ajru u ta' sikurezza kif ukoll għal servizzi meteoroloġiċi skont it-Taqsima 27(d) u t-Taqsima 27(f) tal-LuftVG tagħti vantaġġ lill-ajruport ta' Leipzig/Halle.

(220) Fir-rigward tal-miżuri skont it-Taqsima 8 tal-LuftSiG, jidher li l-Ġermanja tqis li l-ispejjeż kollha relatati mal-miżuri preskritti fih jistgħu jitħallsu mill-awtoritajiet pubbliċi rilevanti. Madankollu, il-Kummissjoni tinnota li skont it-Taqsima 8(3) tal-LuftSiG jistgħu jiġu rimborżati biss l-ispejjeż relatati mal-forniment u l-manutenzjoni ta' spazji u ta' postijiet meħtieġa għat-twettiq tal-attivitajiet skont it-Taqsim 5 tal-LuftSiG. L-ispejjeż l-oħra kollha jridu jitħallsu mill-operatur tal-ajruport. Għalhekk, peress li l-finanzjament pubbliku mogħti lill-FHL ħeles lil din l-impriża minn spejjeż li kellha ssostni skont it-Taqsima 8(3) tal-LuftSiG, dak il-finanzjament pubbliku mhuwiex eżentat minn skrutinju skont ir-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat. Xorta waħda, irrispettivament mill-klassifikazzjoni legali ta' dawk l-ispejjeż bħala li jaqgħu taħt il-mandat tal-ordni pubbliku jew le, intwera li, taħt il-qafas ġuridiku applikabbli, dawn għandhom jitħallsu mill-operatur tal-ajruport. Għaldaqstant, fejn l-Istat għandu jħallas dawk l-ispejjeż, l-operatur tal-ajruport ikun inħeles minn spiża li normalment kien ikollu jġarrab.

(221) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fil-premessi 215 u 220, il-Kummissjoni tqis li huwa xieraq li toħroġ konklużjonijiet aktar speċifiċi dwar l-ispejjeż ta' investiment li allegatament jaqgħu taħt il-mandat tal-ordni pubbliku.

M1 Akkwist ta' art, rilokazzjoni, tnaqqis tal-istorbju u ppjanar tal-konservazzjoni tal-pajsaġġ li jakkumpanja, M2 Struttura għall-ittestjar tal-magni u M10 tnaqqis addizzjonali tal-istorbju

(222) Il-Ġermanja sostniet li l-miżuri M1, M2 u M10 jaqgħu taħt il-mandat tal-ordni pubbliku, minħabba li huma mmirati biex jipproteġu lil partijiet terzi kontra riskji operazzjonali tat-trasport bl-ajru, bħall-protezzjoni tas-sidien tad-djar u tal-ambjent mill-effetti ta' tniġġis akustiku.

(223) Il-Kummissjoni tqis li l-ispejjeż relatati mal-miżuri M1, M2 u M10 jikkostitwixxu spejjeż normali li impriża jkollha ġġarrab sabiex tibni installazzjonijiet li jkunu konformi ma' ċerti standards regolatorji. Barra minn hekk, dawn il-miżuri ma jistgħux jiġu diżassoċjati mill-attività ekonomika tal-ajruport. Eżempju ta' dan huwa partikularment muri mill-fatt li mingħajr dawn il-miżuri l-ajruport ma jitħalliex jopera titjiriet bil-lejl u ma jitħalliex jikkonċentra fuq in-negozju tal-merkanzija bl-ajru b'rabta mad-deċiżjoni ta' approvazzjoni tal-pjan għall-bini tar-runway tan-Nofsinhar fl-ajruport ta' Leipzig/Halle u l-istrateġija ta' espansjoni tiegħu.

(224) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-miżuri M1, M2 u M10 ma jistgħux jitqiesu li jaqgħu taħt il-mandat tal-ordni pubblika.

([44]) It-Taqsima 27(d)(1) tal-*LuftVG: "Flugsicherungsdienste und die dazu erforderlichen flugsicherungstechnischen Einrichtungen werden an den Flugplätzen vorgehalten, bei denen das Bundesministerium für Verkehr, Bau und Stadtentwicklung einen Bedarf aus Gründen der Sicherheit und aus verkehrspolitischen Interessen anerkennt".*

M3 (It-taxiway u l-pont li jaqsam "E7"), M4 (Estensjoni tar-runway tat-Tramuntana (spejjeż tal-ippjanar), M5 (Ikklerjar tas-sit bi tħejjija għall-bini tat-taxiway "Victor"), M6 (Taxiway parallela "Victor"), M12 Proċedura ta' approvazzjoni tal-pjan għall-estensjoni tan-Nofsinhar (ir-runway u r-rampa tal-ajruport), M13 (Espansjoni tar-rampa tat-Tramuntana), M14 (Espansjoni tar-rampa tal-Lvant), M15 (Adattament tal-infrastruttura), u M16 (Miżuri addizzjonali ta' infrastruttura, bħall-estensjoni tal-ħangar tat-Tramuntana u l-bini tat-terminal ġdid tal-avjazzjoni u tal-ħangar għall-ajruplani żgħar)

(225) F'dan il-każ l-estensjoni tar-runway ġiet ippjanata sabiex jiġi żgurat li l-inġenji tal-ajru tal-merkanzija b'MTOW għoli jistgħu jitilqu mingħajr ebda restrizzjoni fuq it-tagħbija, filwaqt li l-estensjoni tar-rampa għandha tipprovdi distribuzzjoni aħjar tal-movimenti tat-titjiriet. Barra minn hekk, fir-rigward tat-taxiways, il-Kummissjoni tinnota li f'ajruport, it-taxiways jgħaqqdu lir-runways mar-rampi, mal-ħangars, mat-terminals u ma' faċilitajiet oħra. Dawn il-konnessjonijiet jippermettu lill-ajruplan li jitlaq minn fuq ir-runway, u jippermetti lil ajruplan ieħor jillandja jew jitlaq. Għalhekk, it-taxiways u l-pontijiet li jaqsmu huma intrinsikament marbuta mar-runways li għalihom l-operatur tal-ajruport jirċievi tariffi. Barra minn hekk, l-information pprovduta mill-Ġermanja tikkonferma li, fid-dawl tal-volum u tal-flussi tat-traffiku, dawn il-miżuri huma essenzjali. Kieku ma sarux il-binijiet, l-ajruport ma kienx jibbenefika miż-żieda mistennija fil-flussi tat-traffiku jew il-volum attwali tal-flussi tat-traffiku kien ikollu jitnaqqas sabiex jiġi żgurat l-operat sigur tal-inġenji tal-ajru. Il-Kummissjoni tqis li dan ma jikkontradixxix il-fatt li ċertu numru ta' taxiways u pontijiet li jaqsmu jistgħu jintużaw biss b'mod sigur għal volum limitat ta' traffiku.

(226) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tfakkar li r-runways, it-taxiways u r-rampi tal-ajruport huma elementi essenzjali għall-attivitajiet ekonomiċi li fihom ikun involut operatur ta' ajruport. Għalhekk il-bini ta' runways, taxiways u rampi tal-ajruport jippermetti lill-operatur ta' ajruport jeżerċita l-attività ekonomika ewlenija tiegħu u ma jistax jiġi diżassoċjat minn din l-attività ekonomika.

(227) Il-Kummissjoni tosserva li l-miżuri M3, M4, M5, M6, M12, M 13, M14, M15 u M16 jittieħdu fuq bażi kummerċjali mill-operatur tal-ajruport. Għalhekk huma infrastrutturi li jistgħu jiġu sfruttati b'mod kummerċjali, u ma jistgħux jitqiesu li jaqgħu taħt il-mandat tal-ordni pubblika.

M11 Fażi 1 tal-iżvilupp tal-land side taż-żona tax-Xlokk

(228) Il-Kummissjoni tosserva li l-miżura M 11 tinvolvi t-tagħmir ta' bini eżistenti bi provvista tal-elettriku u tal-ilma, b'impjanti tal-ilma mormi u l-iskular tal-ilma tax-xita, kif ukoll miżuri għat-tnaqqis addizzjonali tal-istorbju.

(229) Fid-dawl tal-valutazzjoni li saret fil-premessi 215 u 220, dawn il-miżuri ma jittrattawx attivitajiet li normalment jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Istat fl-eżerċizzju tas-setgħat uffiċjali tiegħu bħala awtorità pubblika. Pjuttost jikkontribwixxu għat-titjib tal-infrastruttura li tintuża għal skopijiet kummerċjali u, għalhekk, jinvolvu attività ekonomika u, għalhekk, ma jistgħux jitqiesu li jaqgħu taħt il-mandat tal-ordni pubbliku.

M5 (stazzjon ġdid għat-tifi tan-nar) u M9 (tagħmir għat-tifi tan-nar)

(230) Fir-rigward tal-istazzjon għat-tifi tan-nar u t-tagħmir għat-tifi tan-nar, kif iddikjarat fil-premessa (218), din l-attività tista' ġeneralment titqies li taqa' taħt il-mandat tal-ordni pubblika.

(231) Rigward il-qafas ġuridiku, il-Ġermanja sostniet li fir-rigward tal-istazzjon għat-tifi tan-nar u t-tagħmir għat-tifi tan-nar ma hemm l-ebda norma ġuridika li strettament timponi dawn l-ispejjeż fuq l-operatur tal-ajruport. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tosserva li r-rimunerazzjoni tal-ispejjeż għall-istazzjon ġdid għat-tifi tan-nar u għat-tagħmir għat-tifi tan-nar taqa' fil-kompetenza ġuridika tal-Länder u li ġeneralment dawn l-ispejjeż jitħallsu mill-awtoritajiet reġjonali rilevanti, kif sostniet il-Ġermanja. Ir-rimunerazzjoni ta' dawn l-ispejjeż hija limitata sal-punt meħtieġ biex jiġu koperti dawn l-ispejjeż.

(232) Għalhekk, l-ispejjeż ta' bini li għandhom x'jaqsmu mal-istazzjon ġdid għat-tifi tan-nar u l-ispejjeż għax-xiri ta' tagħmir għat-tifi tan-nar jistgħu jitqiesu li jaqgħu taħt il-mandat tal-ordni pubbliku.

M5 (ħangar b'għanijiet multipli) u M9.3 (tagħmir għal servizzi li jingħataw fix-xitwa)

(233) Fir-rigward tal-ħangar b'għanijiet multipli, il-Ġermanja affermat li dan jaqa' taħt il-mandat tal-ordni pubblika, għaliex f'każ ta' emerġenza jintuża bħala kenn ta' emerġenza. Skont il-Ġermanja, l-ispejjeż għall-bini ta' dan il-ħangar jaqa' wkoll taħt il-mandat tal-ordni pubblika, minħabba li bħalissa jintuża għall-ħżin ta' tagħmir għal servizzi li jingħataw fix-xitwa meħtieġa għall-operat sigur tal-ajruport matul ix-xitwa.

(234) Fir-rigward tal-bini tal-ħangar b'għanijiet multipli fl-ajruport ta' Leipzig/Halle, il-Kummissjoni tosserva li dan il-bini jista' jintuża għal skopijiet differenti. Barra minn hekk, kif diġà ntqal fil-premessa 215, l-ispejjeż tat-tagħmir għal servizzi li jingħataw fix-xitwa (M9.3) meħtieġa għall-operat sigur tal-ajruport huma spejjeż normali tat-tmexxija ta' negozju u ma jistgħux jitqiesu li jaqgħu taħt il-mandat tal-ordni pubbliku. Konsegwentement, il-Kummissjoni tqis li anke l-ispejjeż tal-bini tal-ħangar b'għanijiet multipli ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-mandat politiku.

(235) Madankollu, din is-sejba ma tipprekludix lill-Ġermanja milli f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza tafda lill-ajruport b'kompiti speċifiċi li jaqgħu taħt is-Servizzi ta' Interess Ekonomiku Ġenerali.

M7 Żoni addizzjonali għat-tneħħija tas-silġ

(236) Il-Ġermanja targumenta li ż-żoni addizzjonali għat-tneħħija tas-silġ huma meħtieġa għall-operazzjoni sigura u f'waqtha tal-inġenji tal-ajru fl-ajruport. Skont il-Ġermanja, l-estensjoni taż-żoni eżistenti għat-tneħħija tas-silġ hija neċessarja minħabba t-traffiku dejjem jiżdied fl-ajruport sabiex jiġi evitat dewmien tat-titjiriet skedati. Barra minn hekk, il-Ġermanja tisħaq li d-dħul mis-servizzi tat-tneħħija tas-silġ ipprovduti mill-ajruport ma jkoprux l-ispejjeż tat-twaqqif tal-infrastruttura.

(237) L-ewwel nett, il-Kummissjoni tinnota li l-fatt jekk attività tħallix qligħ jew le mhuwiex deċiżiv għall-kunċett ta' attività ekonomika ([45]). It-tieni nett, il-Kummissjoni tinnota li s-servizzi tat-tneħħija tas-silġ jingħataw bi ħlas lil-linji tal-ajru. Huma servizzi essenzjali li kull ajruport jipprovdi bħala parti mill-attività ekonomika tiegħu. Aktar ma jingħataw servizzi bħal dawk aktar titjiriet ikunu jistgħu jitilqu mill-ajruport, u b'hekk l-ajruport ikun jista' jżid id-dħul tiegħu.

(238) Bħala konsegwenza, il-Kummissjoni tqis li s-servizzi tat-tneħħija tas-silġ huma intrinsikament marbuta mal-isfruttament ekonomiku ta' ajruport, u ma jistgħux jiġu diżassoċjati minn din l-attività, u b'hekk iridu jitqiesu bħala attivitajiet ekonomiċi.

M8 Heliport

(239) Il-miżura tkopri t-twaqqif ta' spazju għall-parkeġġ tal-ħelikopters li se jintuża biss bħala bażi għas-servizzi ta' salvataġġ bl-ajru.

(240) Il-Kummissjoni tqis li l-ħolqien ta' ħeliport jiffaċilita s-salvataġġ bl-ajru. Għalhekk, il-forniment ta' ħeliport għal servizzi ta' salvataġġ jista' jitqies li jaqa' taħt il-mandat tal-ordni pubbliku. Il-kumpens irid ikun strettament marbut mal-ispejjeż ta' dawn is-servizzi.

M9 Miżuri addizzjonali ta' infrastruttura

(241) Il-miżuri addizzjonali ta' infrastruttura jinkludu l-bini mill-ġdid tal-punt ta' kontroll I, il-kostruzzjoni ta' bini funzjonali tas-sigurtà biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-pulizija federali u reġjonali, id-dwana, farm għall-annimali u ċ-ċint tal-perimetru tal-ajruport (li jinkludi sistema diġitali ta' sorveljanza bil-vidjo u b'diteters tal-moviment). Skont il-Ġermanja dawn il-miżuri huma neċessarji għas-salvagwardja tal-avjazzjoni ċivili kontra atti ta' interferenza illegali u għalhekk jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Taqsima 8 tal-LuftSiG.

(242) Rigward il-miżuri skont it-Taqsima 8 tal-LuftSiG, jidher li l-Ġermanja tqis li l-ispejjeż kollha relatati mal-miżuri preskritti fih jistgħu jiġġarrbu mill-awtoritajiet pubbliċi rilevanti. Madankollu, il-Kummissjoni tinnota li skont it-Taqsima 8(3) tal-LuftSiG jistgħu jiġu rimborżati biss l-ispejjeż relatati mal-forniment u l-manutenzjoni ta' spazji u ta' postijiet meħtieġa għat-twettiq tal-attivitajiet skont it-Taqsima 5 tal-LuftSiG. L-ispejjeż l-oħra kollha għandhom jiġġarrbu mill-operatur tal-ajruport. Għalhekk, sal-punt li l-finanzjament pubbliku mogħti lill-FLH jeħles lil din l-impriża minn spejjeż li kellha ssostni skont it-Taqsima 8(3) tal-LuftSiG, dak il-finanzjament pubbliku mhuwiex eżentat mill-iskrutinju skont ir-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat.

(243) Fir-rigward tal-ispejjeż relatati mal-użu tal-bini tas-sigurtà funzjonali mis-Servizz Meteoroloġiku Ġermaniż, il-Kummissjoni tinnota li t-Taqsima 27(f) tal-LuftVG tirregola li l-ispejjeż relatati mat-Taqsima 27(c) tal-LuftVG jiġu koperti mill-Istat għal għadd ta' ajruporti speċifiċi. L-ajruporti jkunu eliġibbli għall-kopertura tal-ispejjeż bħala "*ajruporti rikonoxxuti* " skont it-Taqsima 27(f) tal-LuftVG jekk il-Ministeru Federali tat-Trasport ikun irrikonoxxa neċessità minħabba raġunijiet ta' sigurtà u interessi relatati mal-politika tat-trasport. L-ajruporti Ġermaniżi li ma jkunux ġew rikonoxxuti mhumiex eliġibbli għall-kopertura tal-ispejjeż skont it-Taqsima 27(f) tal-LuftVG u għalhekk, fil-prinċipju, għandhom iġarrbu huma stess l-ispejjeż relatati mal-miżuri previsti fit-Taqsima 27(c) tal-LuftVG. Dawn l-ispejjeż huma inerenti għall-operat tal-ajruporti. Peress li xi ajruporti jridu jġarrbu dawn l-ispejjeż

([45]) Is-sentenza *Leipzig/Halle,* il-paragrafu 115.

huma stess filwaqt li ajruporti oħra le, dawn tal-aħħar jistgħu jkunu ngħataw vantaġġ, anki jekk is-Servizz Meteoroloġiku Ġermaniż jista' jiġi meqjus bħala mhux ekonomiku. L-ajruport ta' Leipzig/Halle ġie rikonoxxut bħala tali ajruport u b'hekk huwa eliġibbli għall-kopertura tal-ispejjeż skont it-Taqsima 27(f) tal-LuftVG. L-ajruporti l-oħra għandhom iġarrbu dawn l-ispejjeż huma stess. Għalhekk, il-kopertura tal-ispejjeż tal-ajruport ta' Leipzig/Halle relatati mas-servizzi meteoroloġiċi skont it-Taqsima 27(f) tal-LuftVG tagħti vantaġġ lill-ajruport ta' Leipzig/Halle.

6.1.3. **Konklużjoni**

(244) Fid-dawl tas-sejbiet fit-Taqsima 6.1.1, l-FLH hija impriża skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

(245) Fir-rigward tal-konklużjoni fit-Taqsima 6.1.2, il-finanzjament tal-miżuri li ġejjin ma jistax jitqies li jaqa' taħt il-mandat tal-ordni pubblika: M1 akkwist ta' art, rilokazzjoni, tnaqqis tal-istorbju u ppjanar li jakkumpanja l-konservazzjoni tal-pajsaġġ, M2 struttura għall-ittestjar tal-magni, M3 it-taxiway u l-pont li jaqsam "E7", M4 estensjoni tar-runway tat-tramuntana (spejjeż tal-ippjanar), M5 ikklerjar tas-sit bi tħejjija għall-bini tat-taxiway "Victor", M5 ħangar b'għanijiet multipli, M6 taxiway parallela "Victor", M7 żoni addizzjonali għat-tneħħija tas-silġ, M9.3 tagħmir għal servizzi li jingħataw fix-xitwa, M10 tnaqqis addizzjonali tal-istorbju, M11 Faża 1 tal-iżvilupp tal-land side taż-żona tax-Xlokk, M12 proċedura ta' approvazzjoni tal-pjan għall-estensjoni tan-Nofsinhar (ir-runway u r-rampa tal-ajruport), M13 espansjoni tar-rampa tat-Tramuntana, M14 espansjoni tar-rampa tal-Lvant, M15 adattament tal-infrastruttura, u M16 miżuri addizzjonali ta' infrastruttura, bħall-estensjoni tal-ħangar tat-Tramuntana u l-bini ta' terminal ġdid tal-avjazzjoni u ta' ħangar għall-ajruplani żgħar. Il-finanzjament ta' dawn l-attivitajiet jippermetti lil operatur tal-ajruport li jeżerċita l-attività ekonomika ewlenija tiegħu u ma jistax jiġi diżassoċjat minn din l-attività.

(246) Fir-rigward ta' M5 stazzjon ġdid għat-tifi tan-nar, M9 tagħmir għat-tifi tan-nar u M8 ħeliport, il-Kummissjoni tqis li dawn il-miżuri jistgħu jitqiesu li jaqgħu taħt il-mandat tal-ordni pubblika (ara t-Taqsima 6.1.2).

(247) Fir-rigward ta' M9 miżuri addizzjonali ta' infrastruttura, bħall-bini mill-ġdid tal-punt ta' kontroll I, il-kostruzzjoni ta' bini funzjonali tas-sigurtà biex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet tal-pulizija federali u reġjonali, id-dwana, farm għall-annimali u ċ-ċint tal-perimetru tal-ajruport (li jinkludi sistema diġitali ta' sorveljanza bil-vidjo u b'detetturi tal-moviment), il-Kummissjoni tqis li dawn l-attivitajiet jistgħu jaqgħu taħt il-mandat tal-ordni pubblika. Madankollu, sakemm dawn il-miżuri jaqgħu taħt it-Taqsima 8(3) tal-LuftSiG, skont din id-dispożizzjoni tal-liġi Ġermaniża jistgħu jiġu rimborżati biss l-ispejjeż relatati mal-forniment u l-manutenzjoni ta' spazji u postijiet meħtieġa għat-twettiq tal-attivitajiet skont it-Taqsima 5 tal-LuftSiG. L-ispejjeż l-oħra kollha għandhom jiġġarrbu mill-operatur tal-ajruport. Għalhekk, diment li l-finanzjament pubbliku mogħti lill-FLH b'hekk jeħles lil din l-impriża minn spejjeż li kellha ġġarrab skont it-Taqsima 8(3) tal-LuftSiG, dak il-finanzjament pubbliku mhuwiex eżentat mill-iskrutinju taħt ir-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat.

(248) Fir-rigward tal-ispejjeż relatati mal-użu tal-bini tas-sigurtà funzjonali mis-Servizz Meteoroloġiku Ġermaniż (relatati ma' M9), għar-raġunijiet fil-premessa 243 l-Kummissjoni tqis li l-kopertura tal-ispejjeż tal-ajruport ta' Leipzig/Halle relatati mas-servizzi meteoroloġiċi skont it-Taqsima 27(f) tal-LuftVG tagħti tagħti vantaġġ lill-ajruport ta' Leipzig/Halle, anki jekk is-Servizz Meteoroloġiku Ġermaniż jista' jitqies bħala mhux ekonomiku.

6.2. IN-NATURA TAL-GĦAJNUNA TAS-SELF MILL-AZZJONISTI FAVUR L-FLH

6.2.1. **Ir-Relazzjoni Bejn Is-Self Mill-Azzjonisti U L-Injezzjonijiet Ta' Kapital**

(249) Qabel ma jiġi vvalutat jekk is-self min-naħa tal-azzjonisti favur l-FLH jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat, hemm bżonn li jiġi stabbilit jekk is-self mill-azzjonisti u l-injezzjonijiet ta' kapital għandhomx jitqiesu bħala miżuri separati jew bħala miżura waħda.

(250) L-evidenza turi li ż-żewġ operazzjonijiet kienu ġew deċiżi fl-istess żmien, bħala parti minn pjan usa' biex jiġi ffinanzjat it-titjib tal-infrastruttura tal-ajruport, u li l-azzjonisti tal-FLH kellhom l-intenzjoni li jikkonvertu s-self tagħhom f'ekwità. Madankollu, il-Ġermanja ddikjarat li l-injezzjonijiet ta' kapital ma ngħatawx b'mod irrevokabbli u li l-FLH ma għandha l-ebda intitolament dirett għaż-żieda fil-kapital.

(251) F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni tqis li s-self mill-azzjonisti u l-injezzjonijiet ta' kapital jistgħu jitqiesu bħala miżuri separati.

6.2.2. **Vantaġġ ekonomiku**

(252) Sabiex jiġi verifikat jekk impriża bbenefikatx minn vantaġġ ekonomiku li rriżulta mill-għoti ta' self b'termini privileġġjati, il-Kummissjoni tapplika l-kriterju tal-"*prinċipju ta' mutwanti tal-ekonomija tas-suq*". Skont dak il-prinċipju, obbligazzjonijiet li jitpoġġew għad-dispożizzjoni ta' kumpanija mill-Istat, direttament jew indirettament, f'ċirkostanzi li jikkorrispondu għall-kundizzjonijiet normali tas-suq, ma għandhomx jitqiesu bħala għajnuna mill-Istat ([46]).

(253) F'dan il-każ, il-Kummissjoni trid tevalwa jekk il-kundizzjonijiet tas-self mill-azzjonisti (ara t-Tabella 3) mogħti lill-FLH jagħtuhiex vantaġġ ekonomiku, li l-impriża benefiċjarja ma kinitx tikseb f'kundizzjonijiet normali tas-suq.

(254) Il-Ġermanja hija tal-fehma li l-"*prinċipju ta' mutwanti tal-ekonomija tas-suq* " kien ġie rispettat bis-sħiħ peress li s-self mill-azzjonisti kien ingħata bil-kundizzjonijiet tas-suq. Sabiex tiġġustifika l-kundizzjonijiet tas-self inkwistjoni, il-Ġermanja tqabbel il-kundizzjonijiet tas-self mill-azzjonisti mal-kundizzjonijiet ipprovduti minn banek oħra (ara l-argumenti mogħtija fit-Taqsimiet 3.3.1 u 3.3.2).

(255) Skont il-prattika ta' teħid ta' deċiżjonijiet tagħha, sabiex tiddetermina jekk il-finanzjament ivvalutat kienx ingħata f'kundizzjonijiet favorevoli, il-Kummissjoni tista' – fin-nuqqas ta' indikaturi oħra – tqabbel ir-rata tal-imgħax fuq is-self inkwistjoni mar-rata referenzjali tal-Kummissjoni. Ir-rata referenzjali tal-Kummissjoni tiġi stabbilita skont il-metodoloġija stabbilita fil-Komunikazzjoni dwar ir-Rata Referenzjali tal-2008.

(256) Il-Komunikazzjoni dwar ir-Rata Referenzjali tal-2008 tistabbilixxi metodu biex jiġu stabbiliti rati ta' referenza u ta' skont li jiġu applikati bħala indikatur għar-rata tas-suq. Madankollu, minħabba li r-rata referenzjali tal-Kummissjoni hija indikatur, fejn f'każ speċifiku l-Kummissjoni jkollha indikaturi oħra tar-rata tal-imgħax li l-mutwatarju jista' jikseb fuq is-suq, tista' tibbaża l-valutazzjoni tagħha fuq dawk l-indikaturi.

Il-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-FLH

(257) Sabiex tkun tista' tivvaluta l-kundizzjonijiet tas-self mill-azzjonisti, il-Kummissjoni għandha l-ewwel tivvaluta l-affidabbiltà tal-kreditu tal-FLH.

(258) L-FLH ma tiġix ikklassifikata minn aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu. Madankollu l-Ġermanja targumenta li minħabba l-ftehimiet tat-trasferiment tal-qligħ u tat-telf li ġew konklużi bejn l-FLH u l-MFAG, għandha titqies il-klassifikazzjoni tal-kumpaniji prinċipali.

(259) Il-Kummissjoni tosserva li, skont il-liġi Ġermaniża, matul iż-żmien li fih kien jeżisti l-ftehim tat-trasferiment tal-qligħ u tat-telf, l-MFAG tibqa' responsabbli għal kull self ikkuntrattat mill-FLH, anke jekk il-ftehim jiġi sussegwentement revokat.

(260) Fuq dik il-bażi, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-klassifikazzjoni tal-FLH għandha tal-anqas tkun il-klassifikazzjoni tal-kumpanija prinċipali tagħha, l-MFAG.

(261) Barra minn hekk l-MFAG ma ġietx ikklassifikata minn aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu. Madankollu l-Ġermanja pprovdiet xi klassifikazzjonijiet interni tal-banek għall-MFAG, kif jidher fil-qosor fit-Tabella 4.

(262) Fid-dawl tal-premessi 257 sa 261, il-Kummissjoni tqis li l-FLH għandha tal-anqas l-inqas klassifikazzjoni tal-MFAG, jiġifieri ta' […] fuq l-iskala ta' klassifikazzjoni ta' Standard & Poor fl-2006 u ta' […] fuq l-iskala ta' klassifikazzjoni ta' Standard & Poor mill-2007 sal-2012.

It-telf fil-każ ta' inadempjenza (jew il-livell ta' kollateralizzazzjoni):

(263) Jekk is-self mill-azzjonisti inkwistjoni jista' jitqies bħala kollateralizzat ħafna, f'każijiet bħal dawn il-prattika tas-suq tissuġġerixxi li l-klassifikazzjoni tal-istrument ta' dejn (il-"klassifikazzjoni tal-ħruġ") inkwistjoni tiżdied b'talja waħda meta mqabbla mal-klassifikazzjoni tal-emittent. ([47]) Għalhekk, il-Kummissjoni trid tistabbilixxi t-telf fil-każ ta' inadempjenza ([48]) ("LGD") tas-self mill-azzjonisti inkwistjoni.

([46]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri: l-applikazzjoni tal-Artikoli 92 u 93 tat-Trattat tal-KEE u tal-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-Kummissjoni 80/723/KEE għal impriżi pubbliċi fis-settur tal-manifattura (ĠU C 307, 13.11.1993, p. 3, punt 11). Il-Komunikazzjoni tittratta s-settur tal-manifattura, iżda hija applikabbli għas-setturi ekonomiċi l-oħra. Ara wkoll il-Kawża T-16/96 *Cityflyer* [1998] Ġabra II-757, il-paragrafu 51.

([47]) Ara, pereżempju, Updated Summary Guidance for Notching Bonds, Preferred Stocks and Hybrid Securities of Corporate Issuers ta' Moody's (Frar 2007).

([48]) Il-livell tal-kollaterali jista' jitkejjel bħala t-Telf fil-Każ ta' Inadempjenza (LGD), li huwa t-telf mistenni f'perċentwal tal-iskopertura tad-debitur filwaqt li jitqiesu l-ammonti rekuperabbli mill-kollateral u l-assi tal-falliment; bħala konsegwenza l-LGD huwa proporzjonalment invers għall-validità tal-kollateral.

(264) Peress li s-self kien intenzjonat li jkun biss faċilità ta' finanzjament tranżitorju fuq terminu qasir, ma kienx ġie kollateralizzat. Madanakollu, il-Ġermanja argumentat li l-LGD għandu tal-anqas inkun inqas minn 30 %, minħabba li l-valur tal-assi tal-FLH (EUR […] miljun fl-2010), li mhumiex mirhuna, jaqbeż il-valur tal-obbligazzjonijiet (EUR […] miljun fl-2010).

(265) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota li l-valur kontabilistiku tal-assi mhuwiex biżżejjed biex issir stima tal-valur tal-likwidazzjoni fil-każ ta' insolvenza jew falliment tal-ajruport. Fid-dokument ippubblikat mill-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja f'Ġunju 2006 ġie rakkomandat li l-LGD għal pretensjonijiet superjuri fuq korporattivi li ma jkunux garantiti minn kollateral rikonoxxut għandu jitqies li huwa madwar 45 % ([49]). Għalhekk skont il-Komunikazzjoni dwar ir-Rata Referenzjali tal-2008 is-self mill-azzjonisti inkwistjoni għandu livell "normali" ta' kollateralizzazzjoni b'LGD fil-kategorija tan-nofs (30 % < LGD < 60 %).

(266) Għalhekk il-Kummissjoni tqis li l-livell ta' kollateralizzazzjoni mhuwiex biżżejjed biex jippermetti li l-klassifikazzjoni tal-impriża tiżdied b'livell wieħed.

Valutazzjoni komparattiva tal-kundizzjonijiet tas-self mill-azzjonisti tal-FLH b'indikaturi tas-suq abbażi ta' firxa ta' swap ta' inadempjenza ta' kreditu (CDS):

(267) Sabiex tivvaluta jekk is-self mill-azzjonisti tal-FLH kienx konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq, il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni komparattiva b'indikaturi tas-suq ibbażata fuq firxa ta' swap ta' inadempjenza ta' kreditu (CDS).

(268) F'konformità mal-metodoloġija li fuqha hija bbażata l-Komunikazzjoni dwar ir-Rata Referenzjali tal-2008, il-Kummissjoni hija tal-fehma li rati tal-imgħax tas-self jistgħu jitqiesu li huma konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq meta s-self jiġi pprezzat b'rata daqs jew ogħla minn rata normattiva definita mill-formula li ġejja:

Rata normattiva = rata bażi + marġni ta' riskju + tariffa

(269) Ir-rata bażi tirrappreżenta l-ispejjeż għall-banek talli jipprovdu likwidità (spiża ta' finanzjament). Fil-każ ta' finanzjament b'rata fissa (jiġifieri meta r-rata tal-imgħax tiġi ffissata għal kemm idum is-self), xieraq li r-rata bażi tiġi determinata abbażi tar-rati ta' swap ([50]) b'maturità u valuta li jikkorrispondu mal-maturità u l-valuta tad-dejn. Il-marġni ta' riskju jikkumpensa lill-mutwanti għar-riskji marbuta mal-finanzjament speċifiku tad-dejn, b'mod partikolari r-riskju ta' kreditu. Il-marġni ta' riskju jista' jinkiseb minn kampjun xieraq ta' firxiet ta' CDS ([51]) relatata ma' entitajiet ta' referenza (bħal bonds tal-kumpanija) bi klassifikazzjoni simili għas-self għall-FLH. Fl-aħħar nett, jidher xieraq li jiżdiedu 10-20 punt bażi bħala approssimazzjoni għat-tariffi bankarji li ġeneralment il-kumpaniji jkollhom iħallsu ([52]).

(270) Il-Kummissjoni tqis li l-miżuri ta' finanzjament ivvalutati ma jirrapreżentawx self tipiku. Għall-fini tal-valutazzjoni attwali qed jiġi preżunt li s-self qed jingħata bħala faċilità ċirkolanti ta' kreditu, li tiġġedded kull sena b'kundizzjonijiet ġodda ta' rati tal-imgħax. Konsegwentement, il-maturità tiġi preżunta li hija ta' sena.

(271) Is-self jingħata b'rata bażi varjabbli bil-EURIBOR ta' sena bħala rata referenzjali. Il-valutazzjoni tal-marġni ta' riskju tista' ssir abbażi ta' kampjun ta' firxa ta' CDS għal kull żmien rilevanti. It-Tabella 7 tagħti sommarju tal-għadd ta' osservazzjonijiet (kumpaniji bi klassifikazzjoni tal-FLH mill-industriji kollha, minbarra l-istituzzjonijiet finanzjarji u l-gvern) u l-firxiet korrispondenti ta' CDS.

([49]) Paper International Convergence of Capital Measurement and Capital Standards ippubblikat mill-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja f'Ġunju 2006.

([50]) Ir-rata ta' swap hija l-ekwivalenti b'maturità itwal tar-Rata Inter-Bankarja Offruta (ir-Rata IBOR). Tintuża fis-swieq finanzjarji bħala r-rata ta' referenza biex tiġi stabbilita r-rata tal-iffinanzjar.

([51]) Swap ta' inadempjenza ta' kreditu (CDS) huwa kuntratt ta' derivattiv ta' kreditu (negozjabbli) bejn żewġ kontropartijiet, ix-xerrej ta' protezzjoni u l-bejjiegħ ta' protezzjoni, li jittrasferixxi r-riskju ta' kreditu fuq entità referenzjarja sottostanti mix-xerrej ta' protezzjoni għall-bejjiegħ ta' protezzjoni. Kull perjodu x-xerrej ta' protezzjoni jħallas primjum lill-bejjiegħ ta' protezzjoni sal-maturità tal-kuntratt CDS jew sakemm iseħħ event predefinit ta' kreditu fuq l-entità referenzjarja sottostanti (skont liema jiġi l-ewwel). Il-primjum perjodiku mħallas mix-xerrej ta' protezzjoni (espress bħala perċentwali jew f'termini ta' punti bażi tal-ammont protett, in-"nozzjonal") jissejjaħ il-firxa ta' CDS. Il-firxiet ta' CDS tista' tintuża bħala indikatur viċin il-prezz tar-riskju ta' kreditu.

([52]) Ara pereżempju Oxera, *Estimating the cost of capital for Dutch water companies,* 2011 (p.3), jew id-dejta minn Bloomberg dwar tariffi ta' sottoskrizzjoni għall-ħruġ ta' bonds. Fil-bqija ta' din id-Deċiżjoni, se tintuża tariffa ta' 20 punti bażi biex tinkiseb stima konservattiva.

Tabella 7

Ħarsa ġenerali lejn l-osservazzjonijiet ta' kumpaniji bi klassifikazzjoni tal-FLH

Data	Klassifikazzjoni	Għadd ta' osservazzjonijiet	L-ewwel kwart (punti bażi)	It-tieni kwart (punti bażi)	It-tielet kwart (punti bażi)
13.12.2006	(…)	34	4	5	7
1.1.2008	(…)	4	10	12	22
1.1.2009	(…)	15	73	107	141
1.1.2010	(…)	16	16	19	24
1.1.2011	(…)	18	12	17	21
1.1.2012	(…)	21	15	20	39

(272) Il-marġni ta' riskju tar-rata normattiva jiġi stabbilit abbażi ta' firxiet medji peżati ta' CDS tat-tieni Kwart (ara t-Tabella 7).

(273) It-Tabella 8 tqabbel ir-rata tal-imgħax attwali li tintalab għas-self mill-azzjonisti vvalutat u r-rata normattiva.

Tabella 8

Ħarsa ġenerali komparattiva lejn ir-rata attwali tal-FLH u r-rata normattiva

Data	Rata tal-imgħax attwali (%)				Rata normattiva (%)			
	Rata bażi	Marġni ta' riskju	Tariffa	Somma	Rata bażi	Marġni ta' riskju	Tariffa	Somma
13.12.2006	3,90	(…)	0	(…)	3,90	(…)	(…)	(…)
1.1.2008	4,73	(…)	0	(…)	4,73	(…)	(…)	(…)
1.1.2009	3,03	(…)	0	(…)	3,03	(…)	(…)	(…)
1.1.2010	1,25	(…)	0	(…)	1,25	(…)	(…)	(…)
1.1.2011	1,50	(…)	0	(…)	1,50	(…)	(…)	(…)
1.1.2012	1,94	(…)	0	(…)	1,94	(…)	(…)	(…)

(274) Skont il-prattika tas-suq ir-rata normattiva stabbilita abbażi tal-firxiet ta' CDS trid tqis tariffa bankarja ta' madwar […] punti bażi. ([53]) Sabiex wieħed jasal għal stima konservattiva, fil-każ inkwistjoni qed tiżdied tariffa bankarja ta' […] punti bażi.

(275) Il-Kummissjoni tqis li r-riżultati fit-Tabella 8 jagħtu indikazzjoni li fil-fatt is-self kien konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota li fis-snin kollha – ħlief fl-2009 – ir-rata attwali tal-FLH kienet ogħla mir-rata normattiva. Madankollu, ir-rata attwali tal-imgħax inqas fl-2009 ġiet ikkumpensata mir-rati ogħla bejn l-2010 u l-2012 fuq volumi akbar ta' self mill-azzjonisti.

(276) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tosserva li dawn ir-riżultati ġew ikkonfermati wkoll mill-valutazzjoni komparattiva għas-self elenkata mill-Ġermanja fit-Taqsimiet 3.3.1 u 3.3.2.

6.2.3. **Konklużjoni**

(277) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fit-Taqsima 6.2.1 u 6.2.2, il-Kummissjoni tqis li s-self mill-azzjonisti tal-FLH kien ingħata bit-termini tas-suq, u għalhekk ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

([53]) Ara pereżempju Oxera, Estimating the cost of capital for Dutch water companies, 2011 (p. 3), jew id-dejta minn Bloomberg dwar tariffi ta' sottoskrizzjoni għall-ħruġ ta' bonds.

6.3. IN-NATURA TAL-GĦAJNUNA TAL-INJEZZJONIJIET TA' KAPITAL FAVUR L-FLH

6.3.1. **Riżorsi tal-Istat u imputabilità lill-Istat**

(278) Sabiex jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat, il-miżuri inkwistjoni jridu jkunu ffinanzjati mir-riżorsi tal-Istat u d-deċiżjoni biex tingħata l-miżura għandha tkun imputabbli lill-Istat.

(279) Il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat japplika għal kull vantaġġ mogħti permezz ta' riżorsi tal-Istat mill-Istat innifsu jew minn xi korp intermedjarju li jaġixxi permezz ta' setgħat mogħtija lilu ([54]). Għall-applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat, ir-riżorsi ta' awtoritajiet lokali huma riżorsi tal-Istat ([55]).

(280) Il-Qorti ddeċidiet ukoll li jekk miżura tingħata direttament mill-Istat jew minn korpi pubbliċi jew privati stabbiliti jew maħtura minnu sabiex jamministraw il-miżura huwa irrelevanti biex tiġi meqjusa għajnuna mill-Istat ([56]).

(281) F'dan il-każ, il-miżuri rilevanti, jiġifieri l-injezzjonijiet ta' kapital favur l-FLH, f'parti minnhom se jingħataw direttament mill-baġit tal-awtoritajiet lokali (il-Land Sachsen-Anhalt, Freistaat Sachsen u l-bliet u l-muniċipalitajiet rilevanti) u f'parti minnhom permezz tal-finanzjament mogħti mill-baġit tal-awtoritajiet lokali, li se jgħaddi permezz tal-MFAG, bħala korp intermedjarju, fl-FLH. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tinnota li l-fondi mgħoddija permezz tal-MFAG kienu ġew allokati mill-awtoritajiet lokali biex jiġu trasferiti lill-FLH.

(282) Għalhekk, f'kull ħin l-Istat eżerċita kontroll dirett jew indirett fuq ir-riżorsi inkwistjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-miżuri rilevanti ġew iffinanzjati permezz ta' riżorsi tal-Istat. Id-deċiżjoni biex jingħataw dawn ir-riżorsi tal-Istat hija imputabbli wkoll lill-awtoritajiet pubbliċi, peress li l-azzjonista pubbliku tal-FLH qabel li jipprovdi injezzjonijiet ta' kapital.

6.3.2. **Vantaġġ ekonomiku**

(283) Vantaġġ skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat huwa kull benefiċċju ekonomiku li impriża ma kinitx tikseb fil-kundizzjonijiet tas-suq normali, jiġifieri fin-nuqqas ta' intervent mill-Istat ([57]). L-effett tal-miżura fuq l-impriża biss huwa rilevanti, la l-kawża u lanqas l-objettiv tal-intervent tal-Istat ([58]). Kull meta s-sitwazzjoni finanzjarja ta' impriża titjieb bħala riżultat ta' intervent mill-Istat, ikun hemm vantaġġ.

(284) Il-Kummissjoni tfakkar ukoll li "kapital li jitpoġġa għad-dispożizzjoni ta' kumpanija mill-Istat, direttament jew indirettament, f'ċirkostanzi li jikkorrispondu mal-kundizzjonijiet normali tas-suq, m'għandux jitqies bħala għajnuna mill-Istat" ([59]). F'dan il-każ, sabiex jiġi stabbilit jekk il-finanzjament pubbliku tal-ajruport ta' Leipzig/Halle jagħtix lill-FLH vantaġġ li ma kintix tikseb fil-kundizzjonijiet normali tas-suq, il-Kummissjoni għandha tqabbel l-imġiba tal-awtoritajiet pubbliċi li qed jipprovdu l-għotjiet diretti ta' investiment u l-injezzjonijiet ta' kapital ma' dik ta' MEO ggwidat minn prospetti ta' profittabilità fit-tul ([60]).

(285) Il-valutazzjoni ma għandhiex tqis ir-riperkussjonijiet pożittivi fuq l-ekonomija tar-reġjun fejn hemm l-ajruport, peress li l-Qorti ċċarat li l-mistoqsija rilevanti għall-applikazzjoni tat-test ta' MEO hija jekk "f'ċirkostanzi simili azzjonist privat, wara li jkun ikkunsidra il-prevedibbiltà li jagħmel profitt u wara li jinsa kull kunsiderazzjoni marbuta mal-politika reġjonali, soċjali u settorjali, kienx jissottoskrivi l-kapital inkwistjoni" ([61]).

(286) Fis-sentenza ta' Stardust Marine, il-Qorti qalet li "[…] sabiex ikun eżaminat jekk l-Istat adottax jew le l-aġir ta' investitur prudenti li jopera f'ekonomija tas-suq, hemm bżonn li wieħed iqiegħed lilu nnifsu fil-kuntest tal-perjodu li matulu twettqu l-miżuri ta' appoġġ finanzjarju sabiex tkun evalwata r-razzjonalità ekonomika tal-kondotta tal-Istat, u għalhekk m'għandha ssir ebda valutazzjoni bbażata fuq sitwazzjoni sussegwenti" ([62]).

([54]) Il-Kawża C-482/99 *Franza v Il-Kummissjoni* ("*Stardust Marine*") [2002] Ġabra I-4397.
([55]) Il-Kawżi konġunti T-267/08 u T-279/08, *Nord-Pas-de-Calais* [2011], [2011] Ġabra II-1999, il-paragrafu 108.
([56]) Il-Kawża 78/76, *Steinike & Weinlig v Il-Ġermanja*, [1977] Ġabra 595, il-paragrafu 21.
([57]) Il-Kawża C-39/94 *Syndicat français de l'Express international (SFEI) u oħrajn v La Poste u oħrajn* [1996] Ġabra I-3547, il-paragrafu 60 u l-Kawża C-342/96 *Ir-Renju ta' Spanja v il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej* [1999] Ġabra I-2459, il-paragrafu 41.
([58]) Il-Kawża 173/73 *Ir-Repubblika Taljana v Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej* [1974] Ġabra 709, il-paragrafu 13.
([59]) Il-Kawża C-482/99 *Franza v Il-Kummissjoni* (*Stardust Marine*) [2002] Ġabra I-4397, il-paragrafu 69.
([60]) Il-Kawża C-305/89 *L-Italja v Il-Kummissjoni* (*Alfa Romeo)* [1991] Ġabra I-1603, il-paragrafu 23; il-Kawża T-296/97 *Alitalia v Il-Kummissjoni* [2000] Ġabra II-03871, il-paragrafu 84.
([61]) Il-Kawża 40/85 *Il-Belġju v Il-Kummissjoni* [1986] Ġabra I-2321.
([62]) *Stardust Marine*, il-paragrafu 71.

(287) Barra minn hekk, fil-kawża EDF, il-Qorti ddikjarat li "[…] biex jintwera li, qabel jew waqt l-għoti tal-vantaġġ, l-Istat Membru ħa dik id-deċiżjoni bħala azzjonist, mhuwiex biżżejjed li wieħed jistrieħ fuq valutazzjonijiet ekonomiċi li jkunu saru wara l-għoti tal-vantaġġ, fuq konstatazzjoni retrospettiva li l-investiment li jkun sar mill-Istat Membru kkonċernat kienx fil-fatt profitabbli, jew fuq ġustifikazzjonijiet ulterjuri waqt l-azzjoni effettivament magħżula" ([63]).

(288) Sabiex tkun tista' tapplika t-test tal-MEO, il-Kummissjoni għandha tpoġġi lilha nnifisha fiż-żmien meta kienet ittieħdet kull deċiżjoni biex jingħataw fondi pubbliċi lill-FLH. Il-Kummissjoni trid tibbaża wkoll il-valutazzjoni tagħha fuq l-informazzjoni u s-suppożizzjonijiet, li kienu għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet lokali rilevanti fiż-żmien, meta kienet ttieħdet id-deċiżjoni dwar l-injezzjonijiet ta' kapital inkwistjoni.

(289) Il-Ġermanja saħqet ukoll li l-infrastruttura hija meħtieġa għall-ħolqien tal-impjiegi (5 106 impjieg jiddependu direttament fuq l-ajruport). Madankollu, il-Kummissjoni tosserva li meta jkun qed isir it-test ta' MEO, il-kunsiderazzjonijiet soċjali u reġjonali ma jistgħux jittieħdu in kunsiderazzjoni.

(290) F'dan il-każ partikolari fir-rigward tal-infrastruttura u l-investimenti relatati mal-infrastruttura, il-Ġermanja tidher li qed tikkontesta l-applikabbiltà tat-test tal-MEO.

(291) Il-Ġermanja argumentat li t-test tal-MEO ma jistax jiġi applikat għal infrastruttura tat-trasport minħabba li m'hemmx investituri privati komparabbli. Skont il-Ġermanja, l-investituri privati ma għandhom l-ebda interess fl-ajruporti, speċjalment fejn ikun hemm il-ħtieġa li jsiru investimenti kbar. F'dan il-kuntest, il-Ġermanja sostniet li dan ikun ifisser li l-investimenti li operaturi privati ma jidħlux għalihom awtomatikament jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

(292) Il-Kummissjoni ma tistax taqbel ma' din l-opinjoni tal-Ġermanja. It-test tal-MEO ma jistax jiġi eskluż sempliċiment għaliex is-settur privat ma jipparteċipax fil-finanzjament ta' infrastrutturi ta' ajruporti. Sitwazzjoni ekonomika diffiċli ma tippermettix li l-investitur pubbliku li ma jaġixxix b'mod prudenti kif kieku kien jagħmel investitur privat fl-istess sitwazzjoni. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tinnota li l-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ċċarat li l-investiment f'attivitajiet ekonomiċi li ma kienx isir minn investituri privati li joperaw f'ekonomija tas-suq fih elementi ta' għajnuna mill-Istat ([64]).

(293) Il-Ġermanja mhijiex tal-fehma li l-azzjonisti tal-FLH aġixxew bħala MEO meta ddeċidew li jżidu l-kapital proprju tal-ajruport u jikkonvertu s-self mill-azzjonisti f'ekwità. Il-Kummissjoni tinnota li l-Ġermanja qalet li ż-żidiet fil-kapital kienu saru mingħajr pjan ta' direzzjoni tan-negozju sottostanti u mingħajr prospetti għal profittabilità fit-tul.

(294) Minkejja l-inċertezzi inerenti u sinifikanti b'rabta mal-proġett, bħan-natura fit-tul tal-proġett ta' investiment (madwar 50 sena), la kien hemm pjan ta' direzzjoni tan-negozju *ex ante*, u lanqas analiżi tas-sensittività ta' xi suppożizzjonijiet sottostanti ta' profittabilità. Dan mhuwiex konformi mat-tip ta' analiżi li investitur prudenti kien jagħmel għal proġett ta' dan il-kobor.

(295) Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni ssib li l-injezzjonijiet ta' kapital mill-azzjonisti pubbliċi u mill-MFAG lill-FLH taw lil din tal-aħħar vantaġġ ekonomiku (sakemm l-għotjiet ta' investiment ma kinux purament marbuta ma' attivitajiet li jaqgħu taħt il-mandat tal-ordni pubblika kif ġie konkluż fit-Taqsima 6.1.2).

6.3.3. **Selettività**

(296) Biex miżura tal-Istat taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat, trid tiffavorixxi lil "*ċerti impriżi jew ċerti produtturi*". Għalhekk, dawk il-miżuri biss li jiffavorixxu lil impriżi li jagħtu vantaġġ b'mod selettiv jaqgħu taħt il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat.

(297) Fil-każ preżenti, l-injezzjonijiet ta' kapital jibbenefikaw biss lill-FLH. Għalhekk, il-miżura hija selettiva skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

6.3.4. **Tgħawwiġ tal-kompetizzjoni u effett fuq il-kummerċ**

(298) Meta l-għajnuna mogħtija minn Stat Membru ssaħħaħ il-pożizzjoni ta' impriża meta mqabbla ma' impriżi oħra li jkunu qed jikkompetu fis-suq intern, din tal-aħħar trid titqies li ġiet affettwata minn dik l-għajnuna ([65]). Il-vantaġġ ekonomiku li se jingħata mill-injezzjonijiet ta' kapital lill-operatur tal-ajruport isaħħaħ il-pożizzjoni ekonomika tiegħu, peress li l-operatur tal-ajruport se jkun jista' jwaqqaf in-negozju tiegħu mingħajr ma jġarrab l-ispejjeż inerenti tal-investiment.

([63]) Il-Kawża C-124/10P *Il-Kummissjoni Ewropea v Électricité de France* (*EDF*) [2012], għadha mhux ippubblikata, il-paragrafu 85.
([64]) Is-sentenza *Leipzig/Halle*, il-paragrafu 115.
([65]) Il-Kawża T-214/95 *Het Vlaamse Gewest v Il-Kummissjoni* [1998] Ġabra II-717.

(299) Kif ġie vvalutat fit-Taqsima 6.1.1, l-operat ta' ajruport huwa attività ekonomika. Minn naħa, il-kompetizzjoni sseħħ bejn l-ajruporti biex jattiraw linji tal-ajru u t-traffiku tal-ajru korrispondenti (passiġġieri u merkanzija), u, min-naħa l-oħra, bejn l-operaturi ta' ajruporti, li jistgħu jikkompetu bejniethom biex jiġu fdati bl-immaniġġjar ta' ajruport partikulari. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tenfasizza li, speċjalment fir-rigward ta' burdnara, linji tal-ajru speċjalizzati fit-trasport tal-merkanzija bl-ajru u anke linji tal-ajru tal-passiġġieri u operaturi *charter*, anki ajruporti li ma jkunux jinsabu fl-istess żoni ta' lħuq u fi Stati Membri differenti jistgħu ikunu f'kompetizzjoni ma' xulxin biex jattiraw lil dawk il-linji tal-ajru.

(300) Il-Qrati Ġenerali kkonfermaw li l-ajruport ta' Leipzig/Halle huwa f'kompetizzjoni ma' ajruporti fi Stati Membri oħra, b'mod partikolari mal-ajruport ta' Brussell (il-Belġju) u ta' Vatry (Franza) speċjalment fir-rigward ta' titjiriet ta' merkanzija ([66]). Barra minn hekk, attwalment l-ajruport ta' Leipzig/Halle jimmaniġġja 890 000 tunnellata ta' merkanzija bl-ajru u huwa t-tieni l-akbar ajruport tal-merkanzija fil-Ġermanja.

(301) Il-Ġermanja sostniet li l-kompetizzjoni tal-ajruport ta' Leipzig/Halle ma' ajruporti Ġermaniżi oħra tat-trasport tal-merkanzija bl-ajru kienet limitata peress li ċ-ċentri Ġermaniżi ewlenin tat-trasport tal-merkanzija bl-ajru (Frankfurt am Main, Munich u Cologne/Bonn), li kienu f'kompetizzjoni mal-ajruport, kellhom restrizzjonijiet fuq il-kapaċità jew restrizzjonijiet fuq titjiriet bil-lejl.

(302) Skont il-Ġermanja, lanqas ma kien hemm xi sovrappożizzjoni kompetittiva mal-ajruporti Ewropej l-oħra tal-merkanzija, prinċipalment ma' Brussell u ma' Vatry. Fir-rigward tal-ajruport ta' Vatry, il-Ġermanja rrilevat li Vatry kien ajruport żgħir ħafna u li fl-2010 il-volum tat-trasport tal-merkanzija bl-ajru tal-ajruport ta' Leipzig/Halle kien aktar minn 80 darba akbar mill-volum tat-trasport tal-merkanzija bl-ajru fl-ajruport ta' Vatry. Fir-rigward tal-ajruport ta' Brussell, il-Ġermanja saħqet li filwaqt li fl-aħħar snin l-ajruport ta' Leipzig/Halle kien esperjenza żieda fil-volum tal-merkanzija, fuq l-istess perjodu l-ajruport ta' Brussell kien esperjenza tnaqqis. Barra minn hekk, skont il-Ġermanja, l-ajruport ta' Brussell kien soġġett għal tnaqqis sinifikanti fuq titjiriet billejl u għalhekk il-kompetizzjoni kienet limitata.

(303) Mill-preżentazzjoni ta' partijiet terzi, il-Kummissjoni tosserva li l-ajruport ta' Leipzig/Halle jintuża minn trasportaturi internazzjonali differenti tal-merkanzija bl-ajru, bħal Wirtschaftsallianz għall-proġett SALIS, Jade Cargo, Volga-Dnepr Group, Baring eċċ. Barra minn hekk, l-ajruport ta' Leipzig/Halle huwa ċ-ċentru Ewropew tad-DHL. Il-miżuri infrastrutturali notifikati jinvolvu estensjoni ulterjuri tal-infrastruttura tal-ajruport biex isservi ajruplani akbar mingħajr ebda restrizzjonijiet ta' MTOW. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tosserva wkoll li l-ajruport jopera żewġ runways (ir-runway tan-Nofsinhar u tat-Tramuntana b'tul ta' 3 600 metru).

(304) Skont dan li ntqal, il-Kummissjoni tqis li l-vantaġġ ekonomiku possibbli li l-FLH tista' tirċievi minn injezzjonijiet ta' kapital biex jiffinanzjaw il-proġetti differenti ta' infrastruttura ta' żvilupp u ta' estensjoni fl-ajruport ta' Leipzig/Halle isaħħaħ il-pożizzjoni tagħha fir-rigward tal-kompetituri tagħha fis-suq ta' fornituri ta' servizzi ajruportwali tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-merkanzija.

(305) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-finanzjament pubbliku li qed jiġi eżaminat iwassal għal distorsjoni jew jhedded li joħloq distorsjoni fil-kompetizzjoni u jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

6.3.5. **Konklużjoni**

(306) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fil-premessi 278 sa 305, il-Kummissjoni tqis li l-finanzjament pubbliku mogħti lill-FLH fil-forma ta' injezzjonijiet ta' kapital jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

6.4. IL-LEĠITTIMITÀ TAL-GĦAJNUNA

(307) Skont l-Artikolu 108(3) tat-Trattat, l-Istati Membri jridu jinnotifikaw kull pjan ta' għoti jew modifika tal-għajnuna, u ma jistgħux idaħħlu fis-seħħ il-miżuri proposti qabel ma dik il-proċedura ta' notifika ikollha deċiżjoni finali.

(308) Peress li l-injezzjonijiet ta' kapital huma soġġetti għal deċiżjoni tal-Kummissjoni u kienu għadhom ma tpoġġewx għad-dispożizzjoni tal-FLH, il-Kummissjoni tqis li l-Ġermanja kienet irrispettat il-projbizzjoni tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat ([67]).

6.5. IL-KOMPATIBBILTÀ TAL-GĦAJNUNA

6.5.1. **Il-qafas legali applikabbli**

(309) Peress li l-injezzjonijiet ta' kapital fl-FLH jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat, il-Kummissjoni jkollha teżamina jekk din l-għajnuna identifikata fil-premessa 306 tistax titqies kompatibbli mas-suq intern.

([66]) *Leipzig/Halle airport*, il-paragrafu 93 u d-Deċiżjoni 2008/948/KE, premessa 8.
([67]) Il-Kawża T-109/01 *Fleuren Compost v Il-Kummissjoni* [2004] Ġabra II-127.

(310) L-Artikolu 107(3) tat-Trattat jipprevedi ċerti eżenzjonijiet għar-regola ġenerali stabbilita fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat li l-għajnuna mill-Istat mhijiex kompatibbli mas-suq intern. L-għajnuna inkwistjoni tista' tiġi vvalutata abbażi tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat, li jistipula li: "għajnuna maħsuba sabiex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet jew ta' ċerti reġjuni ekonomiċi, basta dik l-għajnuna ma tfixkilx il-kundizzjonijiet tal-kummerċ sa grad li jkun kuntrarju għall-interess komuni", tista' titqies kompatibbli mas-suq intern.

(311) F'dan ir-rigward, il-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2014 jiffurmaw qafas li fuqu jiġi vvalutat jekk għajnuna lil ajruporti skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat tistax tiġi dikjarata kompatibbli.

(312) Skont il-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2014, il-Kummissjoni se tapplika l-prinċipji stabbiliti f'dawn il-linji gwida għall-miżuri ta' għajnuna għall-investiment notifikati kollha li fir-rigward tagħhom hija mitluba biex tieħu deċiżjoni mill-4 ta' April 2014, anke fejn il-proġetti kienu ġew notifikati qabel dik id-data ([68]).

(313) Fil-premessa 308 il-Kummissjoni diġà kkonkludiet li l-injezzjonijiet diretti u annwali ta' kapital ma jikkostitwixxux għajnuna illegali mill-Istat li ngħatat qabel l-4 ta' April 2014.

(314) Madankollu, f'dan il-każ il-Kummissjoni tosserva li l-ajruport ta' Leipzig/Halle b'aktar minn 800 000 tunnellata huwa ajruport speċjalizzat tal-merkanzija. Il-Kummissjoni tosserva wkoll li l-miżuri inkwistjoni huma relatati mal-istrateġija ta' espansjoni tal-ajruport biex jidħol fis-suq tal-merkanzija.

(315) Skont il-punt 29 tal-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2014, il-Kummissjoni għad m'għandhiex biżżejjed esperjenza biex tivvaluta l-kompatibbiltà tal-għajnuna lil ajruporti speċjalizzati fit-trasport tal-merkanzija biex tippreżenta fil-qosor il-prattika tagħha fil-forma ta' kriterji speċifiċi ta' kompatibbiltà. Għal dawn il-kategoriji ta' impriżi, il-Kummissjoni se tapplika l-prinċipji komuni ta' kompatibbiltà kif stabbilit fit-Taqsima 5 tal-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2014 permezz ta' analiżi skont il-każ.

6.5.2. **Valutazzjoni tal-kompatibbiltà**

(316) Sabiex jiġi vvalutat jekk miżura ta' għajnuna mill-Istat tistax titqies bħala kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat, il-Kummissjoni ġeneralment tanalizza jekk it-tifsila tal-miżura tal-għajnuna tiżgurax li l-impatt pożittiv favur objettiv ta' interess komuni jisboqx l-effetti negattivi potenzjali tiegħu fuq il-kummerċ u l-kompetizzjoni.

(317) Il-Komunikazzjoni dwar il-Modernizzazzjoni tal-Għajnuna mill-Istat ([69]) talbet għall-identifikazzjoni u d-definizzjoni tal-prinċipji komuni applikabbli għall-valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-miżuri kollha ta' għajnuna mwettqa mill-Kummissjoni. Miżura ta' għajnuna titqies kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3) tat-Trattat diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:

(a) il-kontribut lejn għan ta' interess komuni li huwa definit sew;

(b) il-ħtieġa ta' intervent mill-Istat;

(c) l-adegwatezza tal-miżura ta' għajnuna;

(d) l-effett tal-inċentiv;

(e) il-proporzjonalità tal-għajnuna (għajnuna limitata għall-minimu);

(f) l-evitar tal-effetti negattivi bla bżonn fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri;

(g) it-trasparenza tal-għajnuna: L-Istati Membri, il-Kummissjoni, l-operaturi ekonomiċi u l-pubbliku interessat irid ikollhom aċċess faċli għall-atti relevanti u għall-informazzjoni pertinenti kollha dwar l-għajnuna mogħtija hemmhekk kif spjegat fit-Taqsima 8.2 tal-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2014.

6.5.2.1. Il-kontribut lejn objettiv ta' interess komuni li huwa definit sew

(318) Miżura ta' għajnuna mill-Istat għandu jkollha objettiv ta' interess komuni skont l-Artikolu 107(3) tat-Trattat. Għajnuna għall-investiment lill-ajruporti ġeneralment titqies li tikkontribwixxi għall-kisba ta' objettiv ta' interess komuni, jekk (i) jew iżżid il-mobilità u l-konnettività tar-reġjuni billi tistabbilixxi punti ta' aċċess għal titjiriet intra-Unjoni; jew (ii) tiġġieled il-konġestjoni tat-traffiku tal-ajru f'ajruporti ċentrali ewlenin tal-Unjoni; jew (iii) tiffaċilita l-iżvilupp reġjonali.

([68]) Il-Punt 173 tal-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2014.

([69]) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Il-Modernizzazzjoni tal-għajnuna mill-Istat tal-UE (SAM), COM(2012) 209 finali.

(319) L-injezzjonijiet ta' kapital soġġetti għal din id-Deċiżjoni huma mmirati lejn il-finanzjament ta' miżuri infrastrutturali fl-ajruport ta' Leipzig/Halle, ajruport speċjalizzat fit-trasport tal-merkanzija bl-ajru. Kif sostniet il-Ġermanja, is-settur tat-trasport tal-merkanzija bl-ajru, b'mod partikolari merkanzija express, qed juri rati konsiderevoli ta' tkabbir. Il-Ġermanja kompliet tgħid li t-tliet ċentri prinċipali għall-ġarr ta' merkanzija bl-ajru fil-Ġermanja, fi Frankfurt/Main, f'Munich u f'Cologne/Bonn, qed jiffaċċjaw restrizzjonijiet fuq il-kapaċità ta' titjiriet bil-lejl. F'dan ir-rigward, il-Ġermanja qalet li, skont is-sentenza tal-Qorti Federali Amministrattiva Ġermaniża tal-4 ta' April 2012, l-Ajruport ta' Frankfurt Main ma jistax ikompli jwettaq operazzjonijiet ta' titjir bil-lejl. Bħala konsegwenza, il-Ġermanja qalet li l-FLH tgħin biex tiġi evitata kriżi serja fil-kapaċità tal-merkanzija bl-ajru fil-Ġermanja.

(320) Il-Ġermanja kompliet tgħid li l-proġett previst ilu jagħmel parti mill-istrateġija għall-iżvilupp tal-ajruport li tinsab fil-Pjan Ġenerali tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (Orizzont 2020) mill-2004 bħala *"Punt ta' konnessjoni tal-Komunità*. L-ajruport ta' Leipzig/Halle jinsab fir-reġjun tal-Ġermanja Ċentrali (qrib ħames rotot prinċipali tan-netwerk Trans-Ewropew tat-trasport u tal-passaġġi Pan-Ewropej) u jinsab fil-punt fejn jiltaqgħu żewġ awtostradi li jgħaqqdu flimkien it-Tramuntana u n-Nofsinhar tal-Ewropa (jiġifieri l-Awtostrada federali A 9) u l-Ewropa tal-Punent u l-Ewropa tal-Lvant (jiġifieri l-Awtostrada federali A 14) b'aċċess għal netwerk ferrovjarju u tat-toroq.

(321) Barra minn hekk, skont il-Ġermanja, minħabba l-pożizzjoni tiegħu fiċ-ċentru tal-Ewropa u b'suq ta' madwar 7 miljun persuna f'periferija ta' 100 km mill-ajruport u l-pożizzjoni tiegħu viċin infrastruttura ferrovjarja u tat-toroq, l-ajruport għandu potenzjal kbir għal tkabbir. Kif iddikjarat fil-premessa 319, is-settur tat-trasport tal-merkanzija bl-ajru qed juri rati sostanzjali ta' tkabbir (jiġifieri bejn l-2007 u l-2011 ir-rata medja tat-tkabbir tat-trasport internazzjonali tal-passiġġieri kien ta' madwar 5,0 % u fil-qasam tal-ġarr ta' merkanzija ta' 4,3 %) ([70]). Madankollu, il-kapaċitajiet attwali tal-ajruport qed jiffaċċjaw restrizzjonijiet fuq titjiriet billejl (ara l-premessa 319).

(322) Kif issemma fil-premessa 319, huwa mistenni li l-ajruport se jesperjenza żieda gradwali iżda sinifikanti fit-traffiku tal-merkanzija. Fir-rigward tal-volumi tal-merkanzija, il-Ġermanja qalet li, meta mqabbel ma' ajruporti oħra, Leipzig/Halle qed jirreġistra rati kostanti ta' tkabbir (fejn fl-2007 ġiet ipproċessata 101 364 tunnellata ta' merkanzija, din il-figura telgħet għal 442 453 tunnellata fl-2008, 524 084 tunnellata fl-2009 u 663 059 tunnellata fl-2010). Sabiex tikkomplimenta d-dikjarazzjoni tagħha, il-Ġermanja indikat li l-volum tat-trasport tal-merkanzija bl-ajru żdied bi 18,5 % fl-2009 u b'26,5 % fl-2010. Skont il-Ġermanja, kienet mistennija żieda ulterjuri fil-volum tal-merkanzija. F'dan ir-rigward il-Ġermanja ċċarat li sal-2020 huwa previst li tiġi mmaniġġjata madwar 820 000 tunnellata ta' merkanzija bl-ajru. ([71]) Madankollu, il-Ġermanja sostniet li, sal-2015 din il-previżjoni tkun diġà ntlaħqet. ([72]) Fil-ġejjieni hija prevista żieda ulterjuri fl-operazzjonijiet tat-traffiku tal-merkanzija, b'mod partikulari fir-rigward ta' aktar restrizzjonijiet fuq titjiriet billejl f'ajruporti Ġermaniżi oħra (jiġifieri Frankfurt Main u oħrajn).

(323) Il-Kummissjoni tinnota li l-implimentazzjoni tal-proġett se jkollha impatt pożittiv fuq ir-reġjun kollu u se tinfluwenza b'mod pożittiv l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tiegħu. Il-Ġermanja sostniet li dak iż-żmien kien hemm 133 kumpanija preżenti fl-ajruport, li fl-2010 kienu jimpjegaw total ta' 5 106 persuna (żieda ta' 14,4 % meta mqabbla mal-2009). Il-Ġermanja kompliet tgħid li b'mod partikulari l-proġett ta' investiment se jtejjeb l-aċċess għar-reġjun u jżid l-attraenza tiegħu għall-investituri u għall-viżitaturi. Il-Kummissjoni tinnota li dan kien sostnut ukoll mill-osservazzjonijiet tal-partijiet terzi (ara t-Taqsima 4). Barra minn hekk, dan għandu jħalli impatt pożittiv fuq l-impjiegi meta wieħed iżomm f'moħħu li l-qgħad huwa sinifikament ogħla fir-reġjun ta' Leipzig/Halle (il-qgħad fir-reġjun ta' Sachsen jammonta għal 10,3 %, f'Saxony-Anhalt għal 11,2 %) mill-medja nazzjonali (ta' 6,9 %).

(324) Għalhekk il-Kummissjoni tista' tikkonkludi li l-bini u l-operat tal-infrastruttura jservu objettiv definit b'mod ċar ta' interess komuni, jiġifieri l-iżvilupp ta' ajruport b'komponent kbir ta' trasport tal-merkanzija bl-ajru konformi mal-politika tal-Unjoni f'dan ir-rigward, filwaqt li jitqiesu l-aspetti reġjonali u l-fatt li f'dan il-każ il-kriterju ta' kompatibbiltà huwa sodisfatt.

6.5.2.2. Ħtieġa ta' intervent mill-Istat

(325) Miżura ta' intervent mill-Istat trid tkun immirata lejn sitwazzjoni li fiha l-għajnuna tista' ġġib titjib materjali li s-suq innifsu ma jistax jikseb, pereżempju billi jiġi rimedjat falliment tas-suq jew jiġi indirizzat tħassib dwar l-ekwità jew il-koeżjoni.

([70]) IATA, Tbassir dwar traffiku ta' passiġġieri u merkanzija 2007 sal-2011, Ottubru 2007.
([71]) Fuq il-bażi ta' stimi qabel l-2011.
([72]) Fuq il-bażi ta' stimi tal-2011.

(326) Il-Ġermanja sostniet li l-ajruport ta' Leipzig/Halle jbati minn investiment storikament b'lura. Il-Ġermanja kienet talfehma li l-finanzjament huwa limitat għall-minimu meħtieġ u legalment previst, kemm f'termini tal-ammont ta' għajnuna kif ukoll l-intensità tal-għajnuna. Barra minn hekk, skont il-Ġermanja l-miżuri jikkonċernaw investimenti infrastrutturali fit-tul li jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-ajruport fid-dawl taż-żieda futura fit-trasport tal-merkanzija u talpassiġġieri. Il-Ġermanja argumentat li l-miżuri mhumiex sproporzjonati fid-daqs u lanqas ma jinvolvu spiża sproporzjonata. Il-Ġermanja qalet li, wara ppjanar bir-reqqa bil-quddiem u stimi tal-ispejjeż, l-ispejjeż tnaqqsu għal livell minimu. Fl-opinjoni tal-Ġermanja, tnaqqis ulterjuri tal-finanzjament mill-Istat mhuwiex possibbli peress li infrastruttura ta' dan il-kobor ma tistax tiġi finanzjata mill-operaturi tal-ajruporti mir-riżorsi tagħhom stess.

(327) Il-Ġermanja qajmet l-argument li d-dħul mis-servizzi ma jkoprix l-ispejjeż tal-bini tal-infrastruttura u sostanzjat dan l-argument abbażi ta' diskrepanza tal-likwidità u valutazzjoni kontrofattwali.

(328) Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-għajnuna se ġġib titjib materjali għall-proġett ta' investiment li s-suq innifsu ma jistax jikseb u li hemm il-ħtieġa ta' intervent mill-Istat.

6.5.2.3. Adegwatezza tal-miżura tal-għajnuna

(329) Il-miżura ta' għajnuna trid tkun għodda politika xierqa li tindirizza l-objettiv ta' interess komuni.

(330) Kif ġie spjegat fit-Taqsima 6.5.2.2, il-Ġermanja wriet li l-finanzjament tal-proġett permezz ta' injezzjonijiet ta' kapital huwa strument xieraq biex titjieb il-kundizzjoni tal-infrastruttura fl-ajruport ta' Leipzig/Halle. L-ebda forma oħra ta' għajnuna anqas distortiva ma kienet se tassigura l-finanzjament tax-xogħlijiet infrastrutturali meħtieġa.

(331) Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżura ta' għajnuna inkwistjoni hija strument politiku adegwat.

6.5.2.4. L-effett ta' inċentiv

(332) L-għajnuna għandha tbiddel l-imġiba tal-impriżi kkonċernati b'tali mod li dawn jinvolvu ruħhom f'attività addizzjonali li kieku ma jkunux jistgħu jwettqu mingħajr l-għajnuna jew li kieku jkunu jistgħu jagħmlu biss b'mod ristrett jew differenti.

(333) L-ewwel nett, ix-xogħlijiet fuq investiment individwali jistgħu' jibdew biss wara li tkun ġiet ippreżentata applikazzjoni lill-awtorità awtorizzanti. Jekk ix-xogħlijiet jibdew qabel ma tkun ġiet ippreżentata applikazzjoni lill-awtorità awtorizzanti, kwalunkwe għajnuna mogħtija fir-rigward ta' dak l-investiment individwali ma titqiesx kompatibbli mas-suq intern.

(334) Il-Ġermanja sostniet li x-xogħlijiet ma kinux bdew qabel ġiet ippreżentata l-applikazzjoni lill-awtorità awtorizzanti. Għalhekk, il-Kummissjoni tista' tikkonkludi li dan il-kriterju huwa ssodisfat.

(335) It-tieni nett, proġett ta' investiment f'ajruport jista' jkun ekonomikament attraenti fih innifsu. Għalhekk, jeħtieġ li jkun verifikat li l-investiment ma kienx isir, jew ma kienx isir sa dak il-punt, mingħajr għajnuna mill-Istat. Jekk dan ikun ikkonfermat, il-Kummissjoni se tikkunsidra li miżura ta' għajnuna għandha effett ta' inċentiv.

(336) L-effett tal-inċentiv huwa identifikat permezz ta' analiżi kontrofattwali, bit-tqabbil tal-livelli tal-attività intiża bl-għajnuna u mingħajr l-għajnuna.

(337) Fejn l-ebda kontrofattwal speċifiku ma jkun magħruf, l-effett ta' inċentiv jista' jiġi preżunt meta jkun hemm diskrepanza tal-likwidità tal-kost kapitali, jiġifieri, meta fuq il-bażi tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju, ikun jista' jintwera li hemm differenza bejn il-flussi ta' flus pożittivi u dawk negattivi (inklużi spejjeż ta' investiment f'assi kapitali fissi) matul il-ħajja tal-investiment f'termini tal-valur preżenti nett ([73]).

(338) F'dan il-każ, il-Ġermanja ppreżentat kalkolu ta' diskrepanza tal-likwidità li jidentifika diskrepanza tal-likwidità ta' mill-inqas EUR 142,1 miljuni (ara t-Tabella 5 u t-Tabella 6). Barra minn hekk, valutazzjoni tax-xenarju kontrofattwali turi li jekk l-investimenti infrastrutturali jiġu kompletament iffinanzjati permezz tas-self, l-ajruport ma jkunx jiflaħ jipprovdi l-finanzjament neċessarju.

(339) Għalhekk, il-Kummissjoni tista' tikkonkludi li l-għajnuna għall-investiment għandha effett ta' inċentiv.

([73]) Dan ma jipprekludix li jipprevedu li benefiċċji futuri jistgħu jpattu għal telf inizjali.

6.5.2.5. Il-proporzjonalità tal-għajnuna (għajnuna limitata għall-minimu)

(340) L-ammont tal-għajnuna jrid ikun limitat għall-minimu meħtieġ sabiex jinduċi l-investiment addizzjonali jew l-attività fiż-żona kkonċernata.

(341) Biex għajnuna għall-investiment lill-ajruporti tkun proporzjonali hija trid tkun limitata għall-kostijiet żejda (nett ta' dħul żejjed) li jirriżultaw mit-twettiq tal-proġett megħjun/l-attività megħjuna minflok il-proġett/l-attività alternattivi li l-benefiċjarju kien jidħol għalihom fix-xenarju kontrafattwali, jiġifieri li kieku ma rċeviex l-għajnuna. Meta ma jkun magħruf l-ebda kontrofattwal speċifiku, sabiex ikun proporzjonat, l-ammont ta' għajnuna ma għandux jaqbeż id-diskrepanza tal-likwidità tal-proġett ta' investiment (l-hekk imsejħa "diskrepanza tal-likwidità tal-kost kapitali"), li tiġi determinata fuq il-bażi ta' pjan ta' direzzjoni tan-negozju *ex ante* bħala l-valur preżenti nett tad-differenza bejn il-flussi tal-flus pożittivi u dawk negattivi (inkluż spejjeż ta' investiment) matul il-ħajja tal-investiment. Għall-għajnuna għall-investiment, il-pjan tan-negozju għandu jkopri l-perjodu tal-utilizzazzjoni ekonomika tal-assi.

(342) L-intensità tal-għajnuna xorta waħda ma tistax taqbeż id-diskrepanza attwali fil-finanzjament tal-proġett ta' investiment.

(343) Kif ġie ddikjarat fit-Taqsimiet 6.5.2.2 u 6.5.2.3, il-Ġermanja ppreżentat kalkolu komplimentari tad-diskrepanza tal-likwidità għall-proġett notifikat li jammonta għal EUR 142,1 miljun li jiġġustifika intensità tal-għajnuna ta' 75 % (ara t-Tabella 6) diment li l-injezzjonijiet ta' kapital ikunu ġew injettat fl-istess ħin mal-investimenti mwettqa. Madankollu, peress li l-injezzjonijiet ta' kapital se jsiru biss wara l-approvazzjoni tal-Kummissjoni fl-2014, id-diskrepanza tal-likwidità identifikata mill-Ġermanja tammonta għal EUR 166,9 miljun li tiġġustifika intensità tal-għajnuna ta' 88,1 % (ara t-Tabella 5).

(344) Fin-nuqqas ta' limitu għall-intensitajiet massimi tal-għajnuna permissibbli f'ajruporti tal-merkanzija, l-intensità tal-għajnuna hija limitata għad-diskrepanza tal-likwidità tal-proġett ta' investiment. Għalhekk, il-Kummissjoni tista' tikkonkludi li l-ammont tal-għajnuna huwa proporzjonat u limitat għall-minimu.

6.5.2.6. L-evitar tal-effetti negattivi bla bżonn fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati

(345) L-effetti negattivi tal-għajnuna għandhom ikunu limitati biżżejjed, sabiex il-bilanċ ġenerali tal-miżura jkun pożittiv.

(346) Sabiex tkun limitata ulterjorment kull distorsjoni, l-ajruport, inkluż kwalunkwe investiment li għalih tingħata l-għajnuna, irid ikun miftuħ għall-utenti potenzjali kollha u ma jistax ikun iddedikat għal utent speċifiku wieħed. Fil-każ ta' limitazzjoni fiżika tal-kapaċità, l-allokazzjoni għandha ssir fuq il-bażi ta' kriterji pertinenti, oġġettivi, trasparenti u nondiskriminatorji.

(347) Il-Ġermanja sostniet li l-bilanċ globali tal-effetti tal-miżuri fuq il-kompetizzjoni u fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri huwa pożittiv. F'dan ir-rigward, il-Ġermanja l-ewwel ikkonfermat li l-utenti potenzjali kollha (il-linji tal-ajru u t-trasportaturi tal-merkanzija bl-ajru) se jkollhom aċċess għall-infrastruttura l-ġdida fuq bażi ugwali u nondiskriminatorja.

(348) Imbagħad, il-Ġermanja sostniet li l-miżuri infrastrutturali inkwistjoni huma ta' natura mhux espansjonarja. Fir-rigward ta' xi effett potenzjali fuq il-kompetituri tal-ajruport ta' Leipzig/Halle, il-Ġermanja qalet li l-ajruporti fil-viċinanza ta' Leipzig/Halle ma kinux speċjalizzati fit-trasport tal-merkanzija bl-ajru. Barra minn hekk, fir-rigward tal-ajruport ta' Altenburg-Nobitz, ta' Berlin Brandenburg, ta' Dresden, ta' Erfurt, ta' Hof, ta' Magdeburg, ta' Magdeburg-Cochstedt u ta' Praga, il-Ġermanja qalet li għal xi wħud minn dawn l-ajruporti d-distanzi ġeografiċi kienu kbar wisq, l-ajruporti kienu jinsabu f'reġjuni ekonomiċi differenti, iż-żoni ta' qbid kienu pjuttost differenti jew l-ajruporti kienu ta' daqs żgħir ħafna.

(349) Rigward l-ajruporti Ġermaniżi l-oħra tal-merkanzija, il-Ġermanja qalet li l-kompetizzjoni tal-ajruport ta' Leipzig/Halle kienet limitata peress li ċ-ċentri Ġermaniżi ewlenin tat-trasport tal-merkanzija bl-ajru (Frankfurt am Main, Munich u Cologne/Bonn), li kienu f'kompetizzjoni ma' Leipzig/Halle, kellhom restrizzjonijiet fuq il-kapaċità jew restrizzjonijiet fuq titjiriet billejl.

(350) Skont il-Ġermanja, ma kien hemm ukoll l-ebda sovrappożizzjoni kompetittiva mal-ajruporti Ewropej l-oħra tal-merkanzija, prinċipalment ma' Brussell u ma' Vatry. Dwar l-ajruport ta' Vatry, il-Ġermanja rrilevat li Vatry kien ajruport żgħir ħafna u li fl-2010 il-volum tat-trasport tal-merkanzija bl-ajru tal-ajruport ta' Leipzig/Halle kien aktar minn 80 darba akbar mill-volum tat-trasport tal-merkanzija bl-ajru fl-ajruport ta' Vatry. Rigward l-ajruport ta' Brussell, il-Ġermanja argumentat li, filwaqt li fl-aħħar snin l-ajruport ta' Leipzig/Halle kien esperjenza żieda fil-volum ta' merkanzija, fuq l-istess perjodu l-ajruport ta' Brussell kien esperjenza tnaqqis. Barra minn hekk, skont il-Ġermanja, l-ajruport ta' Brussell kien soġġett għal restrizzjoni sinifikanti fuq titjiriet bil-lejl u għalhekk il-kompetizzjoni kienet limitata.

(351) Għalhekk, il-Kummissjoni tista' tikkonkludi li l-effetti negattivi tal-għajnuna huma limitati biżżejjed. Konsegwentement, il-Kummissjoni tista' tikkonkludi li l-kriterju ta' kompatibbiltà huwa ssodisfat.

6.5.2.7. It-trasparenza tal-għajnuna

(352) Il-Ġermanja hija mfakkra dwar l-obbligi ta' trasparenza fir-rigward tal-pubblikazzjoni tad-dettalji tal-għajnuna mogħtija, kif spjegat fit-Taqsima 8.2 tal-Linji gwida tal-avjazzjoni tal-2014.

6.5.3. **Konklużjoni**

(353) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li f'dan il-każ il-kundizzjonijiet komuni kollha għall-kompatibbiltà skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat huma ssodisfati.

(354) Fid-dawl tal-valutazzjoni magħmula, il-Kummissjoni tikkonkludi li fuq il-bażi tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat il-miżura hija kompatibbli mas-suq intern sakemm tkun limitata għall-finanzjament tad-diskrepanza tal-likwidità tal-proġett ta' investiment.

7. **KONKLUŻJONI**

(355) Fid-dawl tas-sejbiet fit-Taqsima 6.1.1, l-FLH hija impriża skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat. Skont il-valutazzjoni fit-Taqsima 6.1.2, il-Kummissjoni tqis li l-finanzjament tal-miżuri M5 stazzjon ġdid għat-tifi tan-nar, M9 tagħmir għat-tifi tan-nar u M8 ħeliport jista' jitqies li jaqa' taħt il-mandat tal-ordni pubbliku. Skont il-valutazzjoni fit-Taqsima 6.1.2, il-finanzjament tal-miżuri l-oħra kollha ma jistax jiġi eżentat mill-iskrutinju skont ir-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat.

(356) Skont il-kunsiderazzjonijiet fit-Taqsima 6.2.1, il-Kummissjoni tqis li s-self mill-azzjonisti tal-FLH kien ingħata bit-termini tas-suq, u għalhekk ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

(357) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fit-Taqsima 6.3, il-Kummissjoni tqis li l-finanzjament pubbliku mogħti lill-FLH fil-forma ta' injezzjonijiet ta' kapital jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat. Peress li l-injezzjonijiet ta' kapital huma soġġetti għal deċiżjoni tal-Kummissjoni u ma tpoġġewx għad-dispożizzjoni tal-FLH, il-Kummissjoni tqis li l-Ġermanja kienet irrispettat il-projbizzjoni tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat.

(358) Skont il-valutazzjoni fit-Taqsima 6.5, il-Kummissjoni tqis li f'dan il-każ il-kundizzjonijiet komuni kollha għall-kompatibbiltà skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat ġew issodisfati. Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li dawk il-miżuri huma kompatibbli mas-suq intern fuq il-bażi tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat sakemm ikunu limitati għall-finanzjament tad-diskrepanza tal-likwidità tal-proġett ta' investiment.

(359) Il-Kummissjoni tosserva li, fis-17 ta' Ġunju 2014, il-Ġermanja infurmat lill-Kummissjoni li qed taċċetta eċċezzjonalment li din id-deċiżjoni tiġi adottata bl-Ingliż,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-self mill-azzjonisti li ngħata lill-Flughafen Leipzig/Halle GmbH ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 2

1. Sakemm l-injezzjonijiet ta' kapital fi Flughafen Leipzig/Halle GmbH ikopru spejjeż li jaqgħu taħt il-mandat tal-ordni pubblika li għalihom l-operatur tal-ajruport huwa intitolat għal rimborż skont it-Taqsima 8(3) tal-LuftSiG u l-ispejjeż tal-ħeliport, dawn ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

2. Sakemm l-injezzjonijiet ta' kapital fi Flughafen Leipzig/Halle GmbH ikunu limitati għad-diskrepanza tal-likwidità tal-proġett ta' investiment u ma jkoprux l-ispejjeż marbuta mal-mandat politiku stabbilit fil-paragrafu 1, dawn jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat li hija kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

3. Sa fejn l-ammont tal-injezzjonijiet ta' kapital jaqbeż l-ammonti ddikjarati kompatibbli mas-suq intern fil-paragrafu 1 u 2, huwa jikkostitwixx għajnuna mill-Istat li hija inkompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Lulju 2014.

Għall-Kummissjoni
Joaquín ALMUNIA
Viċi President